IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.7.2021
COM(2021) 398 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill

dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Ċipru

{SWD(2021) 196 final}

ANNESS

TAQSIMA 1: IR-RIFORMI U L-INVESTIMENTI FL-AMBITU TAL-PJAN GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA

1. Deskrizzjoni tar-Riformi u tal-Investimenti

A. KOMPONENT 1.1: SISTEMA TAS-SAĦĦA REŻILJENTI U EFFETTIVA, PROTEZZJONI ĊIVILI MSAĦĦA

Dan il-komponent tal-pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza ta' Ċipru jindirizza l-isfida tal-aċċess universali għal kura tas-saħħa ta' kwalità għolja f'Ċipru kif ukoll it-tħejjija u r-rispons għall-emerġenzi ġenerali tal-protezzjoni ċivili. L-objettiv ta' dan il-komponent huwa li jsaħħaħ l-effettività, l-aċċessibbiltà u r-reżiljenza ġenerali tas-settur tal-kura tas-saħħa b'appoġġ għas-Sistema tas-Saħħa Nazzjonali li ġiet introdotta reċentement permezz ta' diversi interventi. Dawn jinkludu (i) il-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-infrastruttura u t-tagħmir tal-kura tas-saħħa, (ii) it-tisħiħ tas-servizzi tas-saħħa elettronika, (iii) l-akkreditazzjoni tas-servizzi tal-kura tas-saħħa pprovduti u l-introduzzjoni ta' protokolli kliniċi bbażati fuq l-evidenza u sistemi ta' monitoraġġ tal-kwalità, kif ukoll (iv) opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet għall-ħaddiema tas-saħħa. Għan ieħor minn tiegħu huwa li jsaħħaħ is-sistema ta' protezzjoni ċivili ta' Ċipru bil-ħolqien ta' Sistema ta' Twissija Pubblika moderna.

Il-komponent jindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar is-saħħa (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1, 2020 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

A.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C1.1R1): Iċ-Ċentru Nazzjonali għall-Evidenza Klinika u Titjib tal-Kwalità

L-għan tar-riforma huwa li ttejjeb il-kwalità u s-sostenibbiltà tas-sistema tal-kura tas-saħħa.

Għal dan il-għan, għandu jiġi stabbilit Ċentru Nazzjonali għall-Evidenza Klinika u Titjib tal-Kwalità li jiżviluppa mediċina bbażata fuq l-evidenza (MBE) linji gwida kliniċi, protokolli u perkorsi għal-livelli kollha tal-kura (kura tas-saħħa primarja, sekondarja u terzjarja) f'kooperazzjoni mill-qrib mal-professjonisti tal-kura tas-saħħa u l-pazjenti kif ukoll proċessi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni bħal awditi kliniċi, evalwazzjonijiet bejn il-pari u spezzjonijiet. Barra minn hekk, għandha tiġi żviluppata sistema tal-IT li tippermetti l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-istandards u l-protokolli kliniċi u li tinkludi pjattaforma ta' apprendiment elettroniku. Ir-riforma għandha tinkludi t-taħriġ tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa fil-protokolli u l-proċessi rispettivi li għadhom kif ġew stabbiliti.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Riforma 2 (C1.1R2): Id-disinn ta' pjattaforma elettronika għas-sorveljanza tal-Konsum Nożokomjali tal-Antibijotiċi u tal-Kura tas-Saħħa — Infezzjonijiet Assoċjati

L-għan tar-riforma huwa li tappoġġa t-tranżizzjoni diġitali tas-settur tal-kura tas-saħħa u ssaħħaħ l-effettività u r-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa.

Dan għandu jikkonsisti fl-iżvilupp ta' pjattaforma elettronika għall-ipproċessar ta' *data* mill-ispiżeriji tal-isptar (il-konsum nożokomjali tal-antibijotiċi), mil-laboratorji tal-mikrobijoloġija (ir-reżistenza antimikrobika), u mill-isptarijiet (infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa (healthcare-associated infections, HAIs)).

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 1 (C1.1I1): Faċilitajiet ġodda għas-Cyprus Blood Establishment u l-akkwist ta' tagħmir ta' inkarigati bl-aħħar teknoloġija

L-objettiv tal-investiment huwa li jissaħħu l-operazzjonijiet ċentrali tal-Blood Establishment f'Ċipru.

Din il-miżura għandha tinvolvi l-kostruzzjoni ta' faċilitajiet ġodda għas-Cyprus Blood Establishment u l-akkwist ta' tagħmir tal-inkarigati tal-aħħar teknoloġija. Madwar 80 000 prodott tad-demm (bħal ċelloli ħomor tad-demm, pjastrini u plażma friżata friska) għandhom ikunu jistgħu jitqassmu għall-użu kliniku fil-pajjiż kollu. Il-faċilitajiet il-ġodda għandu jkollhom domanda għall-enerġija primarja li tkun mill-inqas 20 % inqas minn dik definita fir-rekwiżit tal-bini b'użu ta' kważi żero enerġija (nearly zero-energy building, NZEB).

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

Investiment 2 (C1.1I2): Is-sistema tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) tas-Saħħa Pubblika Innovattiva ta' Ċipru

L-għan tal-miżura huwa li tistabbilixxi l-modulu ta' Sorveljanza Sentinella tal-Influwenza tas-Sistema tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (information and communications technology, ICT) tas-Saħħa Pubblika Innovattiva ta' Ċipru biex tappoġġa l-korpi tas-settur tas-saħħa pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażati fuq l-evidenza.

Dan għandu jinkludi kemm l-iżvilupp tal-għodod diġitali meħtieġa (bħas-software u l-infrastruttura tal-ICT) kif ukoll it-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema tas-saħħa u tal-persunal tal-Ministeru tas-Saħħa biex jużaw is-sistema tal-ġbir tad-*data* u tal-estrazzjoni tal-informazzjoni. Wara l-linji gwida taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (European Centre for Disease Prevention and Control, ECDC) u tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (World Health Organisation, WHO), il-modulu ta' Sorveljanza Sentinella tal-Influwenza (Influenza Sentinel Surveillance, ISS) tas-Sistema tal-ICT tas-Saħħa Pubblika Innovattiva ta' Ċipru għandu jirreġistra *data* epidemjoloġika u jinforma lill-Ministeru tas-Saħħa dwar l-effetti epidemjoloġiċi potenzjali. Il-Ministeru tas-Saħħa għandu jassenja 150 tabib bħala sentinelli li għandhom idaħħlu d-*data* fil-modulu tas-Sorveljanza Sentinella tal-Influwenza (Influenza Sentinel Surveillance, ISS) tas-Sistema tal-ICT tas-Saħħa Pubblika Innovattiva ta' Ċipru.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha ssir sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 3 (C1.1I3): Ix-xiri/is-sostituzzjoni ta' tagħmir mediku fl-isptarijiet

L-investiment għandu l-għan li jippermetti lill-isptarijiet privati jinvestu fi żmien qasir fil-modernizzazzjoni tat-tagħmir mediku tagħhom biex tiżdied il-kwalità tas-servizzi tas-saħħa li jingħataw.

Il-miżura għandha tinkludi skema ta' appoġġ għall-isptarijiet privati li tappoġġa l-aġġornament jew is-sostituzzjoni ta' tagħmir mediku. L-applikazzjonijiet għall-finanzjament għandhom jiġu vvalutati fuq il-bażi ta' kriterji tal-għażla trasparenti minn Kumitat ta' Valutazzjoni speċjali, li għandu jinħatar mill-Ministru tas-Saħħa.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha ssir sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 4 (C1.1I4): L-akkreditazzjoni ta' sptarijiet pubbliċi u privati

L-għan ta' dan l-investiment huwa li jappoġġa l-akkreditazzjoni tal-isptarijiet, jippermetti r-reġistrazzjoni tagħhom fis-Sistema tas-Saħħa Nazzjonali National Health System, (NHS) u jtejjeb l-assigurazzjoni tal-kwalità tas-servizzi tal-kura tas-saħħa li jingħataw.

Din għandha tikkonsisti fi skema ta' sponsorizzazzjoni li tiffaċilita l-akkreditazzjoni tal-isptarijiet billi tkopri parti minn (i) l-ispejjeż imġarrba mill-isptarijiet privati u pubbliċi relatati mas-servizzi konsultattivi tal-akkreditazzjoni minn esperti esterni (dwar kif isiru t-tħejjijiet meħtieġa għall-akkreditazzjoni) u (ii) it-tariffi tal-akkreditazzjoni imposti minn korpi rikonoxxuti internazzjonalment.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha ssir sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 6 (C1.1I6): L-iskjerament ta' servizzi tas-saħħa ġeneriċi elettroniċi transfruntiera f'Ċipru

Il-miżura għandha l-għan li testendi s-servizzi tas-saħħa elettronika biex tippermetti l-iskambju transfruntier ta' informazzjoni dwar is-saħħa tal-pazjenti (b'mod partikolari s-sommarji tal-pazjenti u riċetti elettroniċi), biex isiru parti minn network sikur tas-saħħa elettronika bejn il-pari fl-UE.

Dan għandu jikkonsisti fit-tħaddim ta' skambju ta' *data* transfruntier bejn Ċipru u l-Istati Membri tal-Unjoni b'Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għas-Saħħa elettronika (National Contact Points for eHealth, NCPeH) operazzjonali, bħal riċetti elettroniċi, dispensi elettroniċi, sommarji tal-pazjenti, u settijiet ta' *data* addizzjonali (inkluż formoli ta' rilaxx, riżultati u imaging tal-laboratorju) kif miftiehem mal-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa Elettronika (eHealth Digital Service Infrastructure, eHDSI).

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

Investiment 7 (C1.1I7): Is-sistema ta' twissija pubblika għall-appoġġ ta' operazzjonijiet ta' emerġenza permezz ta' SMS

L-objettiv tal-investiment huwa li tissaħħaħ is-sistema tal-protezzjoni ċivili ta' Ċipru billi tiġi stabbilita sistema ta' twissija pubblika moderna mmirata lejn il-popolazzjoni kollha permezz ta' applikazzjoni mobbli biex jiżdiedu s-sikurezza pubblika, it-tħejjija u r-reżiljenza.

Il-miżura għandha tikkonsisti fit-tħaddim ta' sistema ta' twissija pubblika li tilħaq il-popolazzjoni kollha permezz ta' applikazzjoni mobbli jew SMS għal twissija dwar emerġenzi imminenti jew li jkunu qed jiżviluppaw.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha ssir sal-31 ta' Diċembru 2025.

A.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
1	C1.1R1 Iċ-Ċentru Nazzjonali għall-Evidenza Klinika u Titjib tal-Kwalità	Mira	It-tħejjija, l-awditjar u r-rieżami bejn il-pari tal-protokolli kliniċi	-	Numru	0	50	Q4	2024	It-tħejjija, l-awditjar u r-rieżami tal-parti ta' mill-anqas 50 protokoll minn tim ta' esperti, b'dawn il-karatteristiċi ewlenin li ġejjin fir-rigward tal-protokoll: • rakkomandazzjonijiet dwar dwar il-prattika klinika msejsa fuq mediċina bbażata fuq l-evidenza (MBE), • gwida tal-implimentazzjoni, • pjan tal-awditu.
2	C1.1R1 Iċ-Ċentru Nazzjonali għall-Evidenza Klinika u Titjib tal-Kwalità	Mira	It-tħejjija, l-awditjar u r-rieżami bejn il-pari tal-protokolli kliniċi	-	Numru	50	90	Q4	2025	It-tħejjija, l-awditjar u r-rieżami tal-parti ta' mill-anqas 90 protokoll minn tim ta' esperti, b'dawn il-karatteristiċi ewlenin li ġejjin fir-rigward tal-protokoll: • rakkomandazzjonijiet dwar il-prattika klinika msejsa fuq mediċina bbażata fuq l-evidenza (MBE), • gwida tal-implimentazzjoni, • pjan tal-awditu.
3	C1.1R2 Id-disinn ta' Pjattaforma elettronika għas-sorveljanza tal-Konsum Nożokomjali tal-Antibijotiċi u tal-Kura tas-Saħħa — Infezzjonijiet Assoċjati	Stadju importanti	L-adozzjoni tal-lista ta' faċilitajiet tal-kura tas-saħħa	L-adozzjoni tal-lista ta' faċilitajiet tal-kura tas-saħħa	-	-	-	Q1	2023	L-adozzjoni tal-lista ta' faċilitajiet tal-kura tas-saħħa li għandhom jipprovdu informazzjoni lill-Organizzazzjoni tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa dwar il-konsum tal-antibijotiċi u li għandhom jiġi mmonitorjati mill-Organizzazzjoni tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
4	C1.1R2 Id-disinn ta' Pjattaforma elettronika għas-sorveljanza tal-Konsum Nożokomjali tal-Antibijotiċi u tal-Kura tas-Saħħa — Infezzjonijiet Assoċjati	Stadju importanti	Il-bidu totali tal-operazzjonijiet tal-pjattaforma elettronika, inkluż tas-sistema ta' monitoraġġ	Il-ħolqien u t-tħaddim ta' pjattaforma elettronika	-	-	-	Q4	2025	Pjattaforma elettronika għall-ipproċessar tad-*data* mill-ispiżeriji tal-isptarijiet (konsum nożokomjali tal-antibijotiċi), laboratorji tal-mikrobijoloġija (ir-reżistenza antimikrobika), u sptarijiet (infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa (HAIs)) għandha tkun kompletament operattiva (Installata fil-punti kollha tal-użu u tibda tiddaħħal *data* reali) u u l-ħolqien ta' sistema li timmonitorja l-effettività tagħha.
5	C1.1I1 Faċilitajiet ġodda għas-Cyprus Blood Establishment u l-akkwist ta' tagħmir ta' inkarigati bl-aħħar teknoloġija	Stadju importanti	L-iffirmar tal-kuntratt għall-kostruzzjoni tal-istabbiliment tas-Cyprus Blood Establishment	L-iffirmar tal-kuntratt	-	-	-	Q3	2022	L-iffirmar tal-kuntratt mal-offerent(i) magħżul(a) (kuntrattur(i)) magħżul (a) taħt sejħa kompetittiva għall-offerti għall-kostruzzjoni tas-Cyprus Blood Establishment.
6	C1.1I1 Faċilitajiet ġodda għas-Cyprus Blood Establishment u l-akkwist ta' tagħmir ta' inkarigati tal-aħħar teknoloġija	Stadju importanti	Il-bidu totali ta' faċilitajiet ġodda taċ-ċentri tad-demm inkluż it-tagħmir kollu	It-tlestija tal-kostruzzjoni u l-bidu tal-operazzjonijiet	-	-	-	Q2	2025	Il-faċilitajiet il-ġodda taċ-ċentri tad-demm għandhom jinbnew u operazzjonali b'mod sħiħ u fihom jakkomodaw is-Cyprus Blood Establishment. Il-faċilitajiet il-ġodda għandu jkollhom domanda għall-enerġija primarja li tkun mill-inqas 20 % inqas minn dik definita fir-rekwiżit tal-bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero (NZEB). Il-bidu tal-operazzjonijiet tat-tagħmir rilevanti ġdid u l-ikkompletar tat-trasferiment tat-tagħmir eżistenti mill-bini attwali taċ-Ċentru tad-Demm lejn il-faċilitajiet il-ġodda.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
7	C1.1I2 Is-sistema tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) tas-Saħħa Pubblika Innovattiva ta' Ċipru	Stadju importanti	Is-Sistema ta' Sorveljanza Sentinella tal-Influwenza (ISS)	Sistema kompletament operattiva	-	-		Q2	2022	Il-modulu tas-Sistema ta' Sorveljanza Sentinella tal-Influwenza tas-Sistema tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT) tas-Saħħa Pubblika Innovattiva ta' Ċipru għandu jkun operattiv u għandha tiġi stabbilita sistema li timmonitorja l-effettività tagħha.
8	C1.1I2 Is-sistema tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) tas-Saħħa Pubblika Innovattiva ta' Ċipru	Mira	Sentinelli li jdaħħlu *data* fil-modulu tas-Sistema ta' Sorveljanza Sentinella tal-Influwenza	-	Numru	0	150	Q4	2025	F'konformità mal-linji gwida taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (European Centre for Disease Prevention and Control, ECDC) u mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (World Health Organisation, WHO), il-modulu ta' Sorveljanza Sentinella tal-Influwenza (Influenza Sentinel Surveillance, ISS) tas-Sistema tal-ICT tas-Saħħa Pubblika Innovattiva ta' Ċipru għandu jirreġistra *data* epidemjoloġika li tiddaħħal mill-prattikanti ġenerali (PĠ) fil-pjattaforma diġitali online u jinforma lill-Ministeru tas-Saħħa dwar tifqigħat potenzjali. Il-Ministeru tas-Saħħa għandu jassenja tal-anqas 150 tabib bħala sentinelli li għandhom idaħħlu d-*data* fil-modulu tal-ISS tas-Sistema tal-ICT tas-Saħħa Pubblika Innovattiva ta' Ċipru.
9	C1.1I3 Ix-xiri/is-sostituzzjoni ta' tagħmir mediku fl-isptarijiet	Mira	Istituzzjoniji et tas-saħħa jibbenefikaw mill-iskema ta' appoġġ finanzjarju	-	Numru	0	10	Q4	2023	Mill-inqas 10 istituzzjonijiet mill-istituzzjonijiet tas-saħħa applikanti f'diversi kategoriji li jirċievu appoġġ finanzjarju mill-iskema għax-xiri ta' tagħmir mediku.
10	C1.1I3	Mira	Istituzzjoniji	-	Numru	10	23	Q4	2025	Mill-inqas 23 mill-istituzzjonijiet tas-saħħa

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	Ix-xiri/is-sostituzzjoni ta' tagħmir mediku fl-isptarijiet		et tas-saħħa jibbenefikaw mill-iskema ta' appoġġ finanzjarju							applikanti f'diversi kategoriji li jirċievu appoġġ finanzjarju mill-iskema għax-xiri ta' tagħmir mediku.
11	C1.1I4 L-akkreditazzjoni ta' sptarijiet pubbliċi u privati	Mira	Istituzzjonijiet tas-saħħa jibbenefikaw mill-iskema li tkopri l-kostijiet relatati mal-akkreditazzjoni	-	Numru	0	20	Q2	2024	Mill-inqas 20 istituzzjoni mill-istituzzjonijiet tas-saħħa applikanti f'diversi kategoriji ġew appoġġati mill-iskema tal-ksib tal-akkreditazzjoni.
12	C1.1I4 L-akkreditazzjoni ta' sptarijiet pubbliċi u privati	Mira	Istituzzjonijiet tas-saħħa jibbenefikaw mill-iskema li tkopri l-kostijiet relatati mal-akkreditazzjoni	-	Numru	20	45	Q4	2025	Mill-inqas 45 istituzzjoni mill-istituzzjonijiet tas-saħħa applikanti f'diversi kategoriji ġew appoġġati mill-iskema tal-ksib tal-akkreditazzjoni.
13	C1.1I6 L-iskjerament ta' servizzi tas-saħħa ġeneriċi elettroniċi transfruntiera f'Ċipru	Stadju importanti	It-tlestija tal-fażi tal-analiżi, tad-disinn u tal-iżvilupp tas-Sistema tal-IT għas-servizzi tas-saħħa elettronika transfruntier	It-tlestija tal-fażi tal-analiżi, tad-disinn u tal-iżvilupp tas-Sistema tal-IT, kif previst f'rapport apposta mit-tim ta' aċċettazzjoni tar-riżultati tanġibbli fl-	-	-	-	Q4	2023	L-analiżi, id-disinn u l-iżvilupp tal-fażi tas-Sistema tal-IT għandhom jitlestew. L-ispeċifikazzjonijiet għandhom jinkludu: a) il-komunikazzjoni bil-vidjo mobbli, b) il-ġeolokalizzazzjoni, c) tiftix tal-kapaċità, d) il-Profil Transkomunitarju ta' Sejbien tal-Pazjenti (biex jinstabu komunitajiet li jżommu *data* dwar is-saħħa rilevanti għall-pazjent u t-traduzzjoni ta' identifikaturi tal-pazjenti fil-komunitajiet bl-istess *data* tal-pazjent),

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
			a	awtorità kontraenti						e) l-Individwazzjoni u r-Rispons Transattati fiċ-ċibersigurtà (XDR) u l-ID elettronika, f) il-ġbir u l-evalwazzjoni awtomatiċi tad-*data*, g) kemm għar-residenti Ċiprijotti kif ukoll għal dawk barranin: (i) aġġornament tal-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali b'sors miftuħ għas-saħħa elettronika, (ii) sommarju aġġornat tal-pazjent, u (iii) Riċetta elettronika, h) il-kondiviżjoni ta' dokumenti kliniċi mhux strutturati, u i) l-aċċess tal-pazjenti għal servizzi tad-*data* transfruntiera, fuq il-bażi tas-6 Clinical Document Architecture Implementation Guidelines min-network tas-Saħħa elettronika. Għandu jinħoloq ukoll servizz ġdid biex jippermetti l-iskambju ta' dokumenti kliniċi strutturati u kodifikati li jistgħu jinkludu rapporti ta' immaġnijiet/immaġnijiet, ittri ta' ħruġ mill-isptar (rapport ta' identifikazzjoni), rekords tas-saħħa elettroniċi, u riżultati tal-laboratorju.
14	C1.1I6 L-iskjerament ta' servizzi tas-saħħa ġeneriċi elettroniċi transfruntiera f'Ċipru	Stadju importanti	Operazzjoni sħiħa tal-iskambju transkonfinali tad-*data* dwar il-kura tas-saħħa	Approvazzjoni tas-sistema mill-Awtorità Nazzjonali tas-Saħħa elettronika	-	-	-	Q2	2025	Skambju ta' *data* transfruntier totalment operazzjonali bejn Ċipru u l-pajjiżi b'Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għas-Saħħa elettronika Operazzjonali (bħall-iskambju ta' riċetti elettroniċi, dispensi elettroniċi, sommarji tal-pazjenti ma' Ċipru) u settijiet ta' *data* addizzjonali (bħal formoli ta' ħruġ mill-isptar, riżultati u imaging tal-laboratorju) kif miftiehem mal-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa Elettronika.
15	C1.1I7 Is-sistema ta' twissija pubblika għall-	Stadju importanti	Is-sistema ta' twissija pubblika li għadha kif	Il-Kumitat Tekniku jiffirma r-Rapport finali dwar l-	-	-	-	Q4	2025	Is-sistema ta' twissija pubblika għandha tkun operazzjonali u għandha tinħoloq sistema ta' monitoraġġ li tilħaq il-popolazzjoni kollha permezz ta' applikazzjoni mobbli u/jew SMS.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	appoġġ ta' operazzjonijiet ta' emerġenza permezz ta' SMS		ġiet stabbilita u s-sistema ta' monitoraġġ tagħha jkunu kompletament operazzjonali	Aċċettazzjoni u l-attivazzjoni tas-Sistemi għas-sistema ta' twissija pubblika						Il-magni tal-punti terminali biex jintbagħtu l-SMS għandhom ikunu jaħdmu fit-totalità tagħhom.

A.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għas-self

Riforma 3 (C1.1R3): Il-bidla gradwali tal-qafas tal-għoti tal-kura tas-saħħa u tar-rimborż lejn mudelli bbażati fuq il-valur

L-għan tar-riforma huwa li tintroduċi u gradwalment timxi lejn mudelli tal-kura tas-saħħa bbażati fuq il-valur li jikkomplementaw il-mudelli attwali tal-kura tas-saħħa bbażati fuq il-volum, biex itejbu l-eżiti tas-saħħa u jillimitaw il-kostijiet.

Dan għandu jikkonsisti fl-iżvilupp ta' mudelli u inizjattivi xierqa bbażati fuq il-valur, b'mekkaniżmi ta' monitoraġġ rilevanti biex jitkejjel u jiġi traċċat is-suċċess tar-riforma, u l-introduzzjoni ta' mudelli bbażati fuq il-valuri fid-Deċiżjoni dwar ir-Rimborż għall-kura primarja u *in-patient* skont il-Leġiżlazzjoni Ġenerali dwar is-Sistema tas-Saħħa.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

Investiment 5 (C1.1I5): It-titjib, il-modernizzazzjoni u l-aġġornament tal-Isptarijiet tal-Istat ta' Ċipru

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jtejjeb, jimmodernizza u/jew jaġġorna l-Isptarijiet tal-Istat ta' Ċipru biex ikunu jistgħu jikkompetu fuq bażi ugwali mas-settur privat filwaqt li fl-istess ħin itejjeb il-kwalità tas-servizzi tal-kura tas-saħħa kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema tas-saħħa fl-isptarijiet pubbliċi.

Din il-miżura għandha tikkonsisti fit-titjib, il-modernizzazzjoni u/jew l-aġġornament tad-disa' Sptarijiet Statali li ġejjin: (1) it-tiġdid tal-Isptar Makarios għat-Tfal biex joffri trattament komplut tal-każijiet ta' tfal; (2) il-kostruzzjoni u/jew l-estensjoni tal-Haemodyalisis Unit fl-Isptarijiet ta' Paphos u Limassol; (3) il-kostruzzjoni ta' Sptar tas-Saħħa Mentali; (4) it-tiġdid tal-Isptar Ġenerali ta' Limassol; (5) it-tiġdid tal-Unitajiet ta' Inċidenti u ta' Emerġenza fl-Isptarijiet Statali kollha ta' Ċipru; (6) it-tiġdid tal-Isptar Ġenerali ta' Paphos; (7) l-estensjoni tal-Unità tar-Radjoloġija Invażiva inkluż tagħmir mediku (bħall-Unità tal-Anġjografija); (8) il-kostruzzjoni ta' Unità tal-COVID-19 fl-Isptar ta' Famagusta; u (9) il-ħolqien ta' Unità tal-Mard li Jittieħed fl-Isptar Ġenerali ta' Limassol. Ir-rinnovazzjonijiet tal-bini għandu jkollhom l-għan li jiksbu medja ta' mill-inqas 30 % ta' tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja. L-unità tal-Haemodyalisis fl-Isptar ta' Paphos għandu jkollha domanda għall-enerġija primarja li tkun mill-inqas 20 % inqas minn dik definita fir-rekwiżit tal-bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero (NZEB).

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

A.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tas-self

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
16	C1.1R3 Il-bidla gradwali tal-qafas tal-għoti tal-kura tas-saħħa u tar-rimborż lejn mudelli bbażati fuq il-valur.	Stadju importanti	Ir-riflessjoni tar-rimborż ibbażat fuq il-valur fil-kura primarja u l-kura *in-patient*	Ir-riflessjoni tar-rimborż ibbażat fuq il-valur fid-Deċiżjoni ta' Rimborż	-	-	-	Q1	2023	Id-deċiżjonijiet ta' rimborż annwali fis-sistema tas-saħħa ġenerali għandhom jiġu aġġustati biex jinkludu rimborż ibbażat fuq il-valur għall-kura primarja u l-kura *in-patient*.
17	C1.1I5 It-titjib, il-modernizzazzjoni u l-aġġornament tal-Isptarijiet tal-Istat ta' Ċipru	Mira	It-titjib, il-kostruzzjoni u/jew l-aġġornament tal-Isptarijiet tal-Istat	-	Numru	0	7	Q2	2024	Mill-inqas seba' sptarijiet tal-Istat għandhom jiġġeddu, jinbnew u/jew jiġu aġġornati. Ir-rinnovazzjonijiet tal-bini għandu jkollhom l-għan li jiksbu medja ta' mill-inqas 30 % ta' tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja. L-unità tal-Haemodyalisis fl-Isptar ta' Paphos għandu jkollha domanda għall-enerġija primarja li tkun mill-inqas 20 % inqas minn dik definita fir-rekwiżit tal-bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero (NZEB). It-tmiem tax-xogħlijiet għandu jkun attestat permezz tal-ħruġ ta' għax-xogħlijiet kompluti.
18	C1.1I5 It-titjib, il-modernizzazzjoni u l-aġġornament tal-Isptarijiet tal-Istat ta' Ċipru	Mira	It-titjib, il-kostruzzjoni u/jew l-aġġornament tal-Isptarijiet tal-Istat	-	Numru	7	9	Q2	2026	Disa' sptarijiet tal-Istat għandhom jiġġeddu, jinbnew u/jew jiġu aġġornati. Ir-rinnovazzjonijiet tal-bini għandu jkollhom l-għan li jiksbu medja ta' mill-inqas 30 % ta' tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja. L-unità tal-Haemodyalisis fl-Isptar ta' Paphos għandu jkollha domanda għall-enerġija primarja li tkun mill-inqas 20 % inqas minn dik definita fir-rekwiżit

										tal-bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero (NZEB). It-tmiem tax-xogħlijiet għandu jkun attestat permezz tal-ħruġ ta' għax-xogħlijiet kompluti.

B. KOMPONENT 2.1: IN-NEWTRALITÀ KLIMATIKA, L-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA U L-ENERĠIJA RINNOVABBLI

Dan il-komponent tal-Pjan Ċiprijott għall-Irkupru u r-Reżiljenza għandu l-għan li jindirizza l-isfida tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima billi jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni tal-pajjiż lejn in-newtralità klimatika.

L-objettivi tal-komponent huma li tittejjeb il-politika ambjentali permezz ta' miżuri relatati mat-tassazzjoni ekoloġika, il-ftuħ tas-suq tal-elettriku u l-iffaċilitar tal-liċenzjar tal-enerġija rinnovabbli u proġetti ta' rinnovazzjoni. Il-komponent għandu l-għan li jtejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-istokk tal-bini u infrastruttura oħra u li jappoġġa investimenti ekoloġiċi għall-SMEs, għall-unitajiet domestiċi, għas-settur pubbliku usa' u għall-NGOs. Il-komponent jimmira wkoll lejn it-tnaqqis tal-faqar enerġetiku u għandu l-għan li jindirizza l-iżolament fil-qasam tal-enerġija ta' Ċipru.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi għas-snin 2019 u 2020 li jirrakkomandaw li l-politiki relatati mal-investiment u l-investiment jiġu ffukati fuq l-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4, 2019 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

B.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C2.1R1): Tassazzjoni Ekoloġika

L-għanijiet tal-miżura huma li tippromwovi bidla lejn użu aktar effiċjenti tar-riżorsi ambjentali, tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u żżid il-penetrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli.

Ir-riforma għandha tikkonsisti f'bidliet leġiżlattivi li jintroduċu taxxa fuq il-karbonju għall-fjuwils użati fis-setturi tal-ekonomija li ma jaqgħux taħt is-Sistema tal-UE għan-negozjar ta' Emissjonijiet ta' Gassijiet Serra. Ir-riforma għandha tinvolvi wkoll l-introduzzjoni gradwali ta' imposta fuq l-ilma, kif ukoll l-introduzzjoni ta' imposta fuq l-iskart domestiku/tal-landfill. Ir-riforma għandu jkollha l-għan li tagħti kontribut tanġibbli biex tintlaħaq il-mira tal-2030 għall-klima u l-enerġija għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-tisħiħ tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli. Il-bidliet leġiżlattivi għandhom ikunu bbażati fuq is-sejbiet ta' studju indipendenti li għandu jsir.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma 2 (C2.1R2): L-indipendenza tas-Cyprus Transmission System Operator (TSOC) mill-Electricity Authority of Cyprus preeżistenti

L-għan tal-miżura huwa li tissaħħaħ il-kompetizzjoni fis-suq tal-elettriku billi jinħolqu kundizzjonijiet għal investituri ġodda biex jipparteċipaw fil-ġenerazzjoni, il-ħżin, l-aggregazzjoni, ir-rispons tad-domanda u l-provvista tal-elettriku.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-iżgurar tal-indipendenza tas-OCyprus Transmission System Operator (TSOC) mill-Authority of Cyprus (EAC) f'termini ta' governanza, ġestjoni

finanzjarja u tal-persunal. Il-miżura għandha tiffaċilita wkoll il-bdil tal-fornitur, li huwa mistenni li jnaqqas l-ispiża tal-elettriku għall-klijenti domestiċi u kummerċjali/industrijali.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha ssir sal-31 ta' Diċembru 2021.

Riforma 3 (C2.1R3): Il-Punt Uniku ta' Kuntatt diġitali biex jiġu ssimplifikati l-permessi tal-proġetti SER u biex tiġi ffaċilitata ir-Rinnovazzjoni Enerġetika fil-Bini

L-għan tal-miżura huwa li tippromwovi l-implimentazzjoni tal-proġetti SER billi tissimplifika l-proċess tal-permessi tal-proġetti SER. Ir-riforma għandu jkollha l-għan ukoll li taċċellera r-rinnovazzjoni enerġetika tal-bini.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fid-diġitalizzazzjoni tal-proċess ta' ħruġ ta' liċenzji għal proġetti SER u l-istabbiliment ta' punt uniku ta' kuntatt għall-appoġġ tekniku u finanzjarju għall-finijiet ta' rinnovazzjoni enerġetika tal-bini.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Riforma 4 (C2.1R4): Il-Qafas Regolatorju dwar il-Ħżin tal-Enerġija

L-għan tal-miżura huwa li tistabbilixxi qafas regolatorju għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-faċilitajiet tal-ħżin fis-suq tal-elettriku.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-emendar tar-Regoli ta' Trażmissjoni u Distribuzzjoni (Transmission and Distribution Rule, TDRs) u r-Regoli tan-Negozjar u s-Saldu (Trading and Settlement Rules, TSRs) biex il-faċilitajiet ta' ħżin ikunu jistgħu jipparteċipaw fis-suq tal-elettriku bl-ingrossa. Dan mistenni jippromwovi l-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sistemi ta' enerġija rinnovabbli u jikkontribwixxi għall-effiċjenza u l-vijabbiltà ekonomika tas-suq tal-elettriku kollu kemm hu.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha ssir sal-31 ta' Diċembru 2021.

Investiment 1 (C2.1I1): Il-promozzjoni ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika fl-SMEs, fil-muniċipalitajiet,f il-komunitajiet u fis-settur pubbliku usa'

L-għan tal-miżura huwa li jitnaqqsu l-konsum tal-enerġija primarja u finali u l-emissjonijiet tas-CO_2 tal-bini u/jew tal-faċilitajiet li huma proprjetà ta' jew operati minn SMEs, tal-awtoritajiet lokali (Muniċipalitajiet u Komunitajiet) u tal-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku usa'.

L-investiment għandu jikkonsisti fl-għoti ta' appoġġ lil mill-inqas 275 entità għar-rinnovazzjoni tal-bini u biex il-proċessi tal-produzzjoni jsiru aktar effiċjenti. L-iskema ta' għotjiet għandha tippromwovi wkoll it-twettiq ta' awditi tal-enerġija, kif ukoll l-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali u l-integrazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. L-investiment għandu jkollu l-għan li jikseb medja ta' mill-inqas 30 % ta' tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li titqies id-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, is-sejħa għal proposti għal din il-miżuragħandha tirrifletti li x-xiri ta' bojlers tal-bijomassa għandu jikkonforma mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/50/KE dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa, id-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar l-Enerġija Rinnovabbli u l-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti dwar l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha ssir sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 2 (C2.1I2): Il-promozzjoni ta’ sorsi rinnovabbli u miżuri individwali ta’ effiċjenza fl-enerġija fl-abitazzjonijiet u l-indirizzar tal-faqar enerġetiku f’unitajiet domestiċi b’persuni b’diżabilità

L-għan tal-miżura huwa li tinkoraġġixxi l-użu ta’ sorsi ta’ enerġija rinnovabbli u l-iffrankar tal-enerġija mill-istokk kbir ta’ abitazzjonijiet antiki, kif ukoll li tissussidja l-implimentazzjoni ta’ rinnovazzjonijiet tal-enerġija fuq skala żgħira f’unitajiet domestiċi b’faqar enerġetiku kif ukoll f’unitajiet domestiċi b’persuni b’diżabilità.

L-investiment huwa magħmul minn żewġ sottomiżuri: (i) skema ta’ appoġġ għall-promozzjoni ta’ sorsi rinnovabbli u miżuri individwali ta’ effiċjenza fl-enerġija fl-abitazzjonijiet u l-indirizzar tal-faqar enerġetiku f’unitajiet domestiċi b’persuni b’diżabilità

Sottomiżura 1: il-promozzjoni ta’ miżuri ta’ enerġija rinnovabbli u ta’ effiċjenza enerġetika fl-abitazzjonijiet

L-investiment għandu jikkonsisti fl-għoti ta’ għotjiet lil mill-inqas 16 200 abitazzjoni (inklużi unitajiet domestiċi ta’ konsumaturi tal-elettriku vulnerabbli) għall-iżolament termali tal-bjut u/jew għall-installazzjoni ta’ sistema fotovoltajka u/jew għall-installazzjoni jew is-sostituzzjoni ta’ Sistemi ta’ Tisħin Solari tal-Ilma (Solar Water Heating, SWH) ta’ abitazzjoni eżistenti.

Sottomiżura 2: l-indirizzar tal-faqar enerġetiku f’unitajiet domestiċi b’persuni b’diżabilità

L-investiment għandu jikkonsisti fl-għoti ta’ appoġġ għall-implimentazzjoni ta’ rinnovazzjonijiet tal-enerġija fuq skala żgħira, bħall-iżolazzjoni termali u t-tagħmir effiċjenti fl-enerġija, f’mill-inqas 270 unità domestika fqira fl-enerġija kif ukoll f’unitajiet domestiċi b’persuni b’diżabilità.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

Investiment 3 (C2.1I3): L-inkoraġġiment tal-użu ta’ sorsi ta’ enerġija rinnovabbli u l-iffrankar tal-enerġija mill-awtoritajiet lokali/pubbliċi usa’ kif ukoll mill-NGOs u l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni tal-komunitajiet lokali lejn il-mitigazzjoni u l-adattament tat-tibdil fil-klima

L-objettiv tal-miżura huwa li tippromwovi l-użu tas-SER u l-iffrankar tal-enerġija mill-istokk kbir ta’ infrastruttura antika użata mill-awtoritajiet lokali, kif ukoll li tibni sensiela ta’ proġetti ta’ investiment fl-enerġija sostenibbli u l-adattament għall-klima fil-komunitajiet rurali kollha f’Ċipru.

L-investiment huwa magħmul minn żewġ sottomiżuri: (i) l-inkoraġġiment tal-użu ta’ sorsi rinnovabbli u l-iffrankar tal-enerġija mill-awtoritajiet lokali/pubbliċi usa’ kif ukoll mill-NGOs; u (ii) il-faċilitazzjoni tat-tranżizzjoni tal-komunitajiet lokali lejn il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima. L-investiment għandu jkollu l-għan li jikseb medja ta’ mill-inqas 30 % ta’ tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja.

Sottomiżura 1: L-inkoraġġiment tal-użu ta’ sorsi rinnovabbli u l-iffrankar tal-enerġija mill-awtoritajiet lokali/pubbliċi usa’ kif ukoll mill-NGOs

Is-sottomiżura għandha tikkonsisti mill-ħolqien ta’ skema ta’ għotjiet għall-għoti ta’ appoġġ għal miżuri ta’ effiċjenza enerġetika fuq skala kbira u ta’ SER fil-bini, fl-infrastruttura u fl-akkomodazzjoni soċjali mmirata lejn l-awtoritajiet pubbliċi lokali u l-NGOs.

Sottomiżura 2: Il-faċilitazzjoni tat-tranżizzjoni tal-komunitajiet lokali lejn il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima.

Is-sottomiżura għandha tikkonsisti fl-għoti ta' appoġġ tekniku lill-Kunsilli Komunitarji rurali fl-iżvilupp ta' Pjanijiet għall-Enerġija Sostenibbli u l-Klima u fl-implimentazzjoni ta' investimenti fl-enerġija u l-klima, kif ukoll fl-istabbiliment ta' skema ta' għotjiet li tappoġġa investimenti fl-enerġija sostenibbli u fl-adattament għat-tibdil fil-klima.

Iż-żewġ sottomiżuri flimkien għandhom iwasslu għal mill-inqas 580 investiment għat-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima li għandhom jitwettqu mill-awtoritajiet lokali jew miil-NGOs.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 4 (C2.1I4): It-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-industriji, tan-negozji u tal-organizzazzjonijiet

L-objettiv tal-miżura huwa li tħeġġeġ lill-industriji, lin-negozji u lill-organizzazzjonijiet jinvolvu ruħhom fi trasformazzjonijiet immirati lejn id-dekarbonizzazzjoni u jimplimentaw pjanijiet ta' azzjoni biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-operazzjonijiet tagħhom u/jew fil-ktajjen tal-provvista.

L-investiment jikkonsisti fit-twaqqif ta' skema ta' appoġġ li tipprovdi finanzjament, ekwivalenti għall-ispiża għax-xiri ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li għandhom jiġu evitati minħabba t-tnaqqis fl-emissjonijiet li jirriżultaw mill-azzjonijiet tal-benefiċjarji. Mill-inqas 354 566 tunnellata ta' CO_2eq għandhom jitnaqqsu bħala riżultat tal-appoġġ ipprovdut.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tkun konformi mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara" (2021/C58/01), il-kriterji tal-eliġibbiltà fit-termini ta' referenza għas-sejħiet għal proġetti li jmiss għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejjin: (i) l-attivitajiet relatati ma' fjuwils fossli, fosthom l-użu downstream[1]; (ii) l-attivitajiet fl-ambitu tal-skema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet (ETS, Emission Trading System) li jiksbu emissjonijiet imbassra ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li jkun aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti[2]; (iii) l-attivitajiet relatati ma' skart f'landfills, inċineraturi[3] u impjanti għat-trattament mekkaniku u bijoloġiku[4]; u (iv) l-attivitajiet fejn ir-rimi tal-iskart fit-tul jista' jikkawża ħsara lill-

[1] Proġetti mistennija fl-ambitu ta' dan il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-elettriku u/jew tas-sħana, kif ukoll dawk relatati mal-infrastruttura ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni, permezz tal-gass naturali, li jkunu konformi mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

[2] Fil-każ li l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mistennija li jkunu ma jkunux sinfikament aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan ma jkunx possibbli. Il-parametri referenzjarji maħluqa għall-allokazzjonijiet ħielsa ta' attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għan-Negozjar tal-Emissjonijiet, kif stipulata mill-Kummissjoni fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/447.

[3] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura f'impjanti dedikati esklużivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura huma għall-fini li tissaħħaħ l-effiċjenza enerġetika, il-qbid ta' gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew għall-użu jew materjali rkuprat mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li l-azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx minn żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew minn estensjoni tat-tul tal-ħajja tal-impjanti; li fil-konfront tagħhom ikun hemm evidenza mogħtija fil-livell tal-impjant.

[4] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura f'impjanti għat-trattament ta' bijoskart mekkaniku, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tissaħħaħ l-effiċjenza enerġetika, il-modifika retroattiva għal operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat fi skart bijoloġiku tal-kompost u diġestjoni anaerobika ta' bijoskart, dment li l-azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx minn żieda fil-kapaċità tal-

ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss l-attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti nazzjonali jew tal-UE.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 5 (C2.1I5): L-Aġġornament tal-Effiċjenza Enerġetika tal-bini tal-gvern

L-għan tal-miżura huwa li tiffaċilita l-aġġornament tal-enerġija u ż-żieda fl-effiċjenza enerġetika ta' binjiet pubbliċi partikolari, jiġifieri l-proprjetajiet tas-servizz tat-tifi tan-nar, l-iskejjel, l-Isptar Ġenerali ta' Nikosija, l-impjanti tat-trattament tal-ilma u l-istazzjonijiet tal-ippumpjar tal-ilma.

L-investiment huwa magħmul minn tliet sottomiżuri: (i) Proprjetajiet tas-Servizz tan-Nar u Skejjel; (ii) L-Isptar Ġenerali ta' Nikosija; u (iii) Installazzjoni ta' Sistemi ta' Enerġija Fotovoltajka konnessi mal-Grilja f'Impjanti tat-Trattament tal-Ilma u fi stazzjonijiet tal-ippumpjar tal-ilma.

Sottomiżura 1: Proprjetajiet tas-Servizz tan-Nar u Skejjel;

Is-sottomiżura tikkonsisti fl-implimentazzjoni tal-aġġornamenti tal-enerġija f'16-il Stazzjon tat-Tifi tan-Nar Urban f'Ċipru, fil-Kwartieri Ġenerali tal-Brigata tat-Tifi tan-Nar, u f'żewġ Stazzjonijiet tat-Tifi tan-Nar rurali. Is-sottomiżura għandha tkopri wkoll l-installazzjoni ta' sistemi ta' iżolament termali u fotovoltajċi f'mill-inqas 405 skejjel.

L-investiment għandu jkollu l-għan li jikseb medja ta' mill-inqas 30 % ta' tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja.

Sottomiżura 2: L-Isptar Ġenerali ta' Nikosija;

Is-sottomiżura għandha tikkonsisti mill-istabbiliment u l-installazzjoni ta' sistema fotovoltajka fl-Isptar Ġenerali ta' Nikosija b'kapaċità totali ta' 943 KW.

Sottomiżura 3: Impjanti tat-Trattament tal-Ilma u stazzjonijiet tal-ippumpjar tal-ilma

Is-sottomiżura għandha tikkonsisti fl-installazzjoni ta' sistemi tal-enerġija fotovoltajka konnessi mal-grilja tal-enerġija totali ta' 2 MWp fl-impjanti tat-trattament tal-ilma u fl-istazzjonijiet tal-ippumpjar tal-ilma.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha ssir sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 6 (C2.1I6): L-aġġornament tal-infrastruttura tal-ittestjar tal-enerġija rinnovabbli u tal-grilji intelliġenti fl-Università ta' Ċipru

L-objettiv tal-miżura huwa li tittejjeb l-infrastruttura tal-ittestjar tal-enerġija rinnovabbli u tal-grilji intelliġenti fl-Università ta' Ċipru u li din l-infrastruttura tiġi integrata fil-grilja intelliġenti futura.

L-investiment għandu jikkonsisti fit-twassil, l-installazzjoni, l-ittestjar, il-kalibrazzjoni, l-ikkummissjonar u l-aċċettazzjoni ta' tagħmir ta' grilji intelliġenti, segwit minn integrazzjoni finali tal-infrastruttura. Il-miżura għandha tinkludi wkoll l-orjentazzjoni u t-taħriġ tal-persunal.

---

ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew minn estensjoni tat-tul tal-ħajja tal-impjanti; li fil-konfront tagħhom ikun hemm evidenza mogħtija fil-livell tal-impjant.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

Investiment 7 (C2.1I7): L-installazzjoni tal-massa u t-tħaddim mill-Operatur tas-Sistema ta' Distribuzzjoni (Distribution System Operator, DSO) tal-Infrastruttura tal-Miters Intelliġenti (Infrastruttura Avvanzata tal-Miters)

L-għan tal-miżura huwa li tiffaċilita l-introduzzjoni tal-massa tal-miters intelliġenti f'Ċipru.

L-investiment għandu jikkonsisti fil-konsenja u l-installazzjoni ta' 400 000 miter intelliġenti lill-klijenti finali tal-elettriku, inklużi persuni fiżiċi u ġuridiċi.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 8 (C2.1I8): Il-monitoraġġ u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-agrikoltura

L-għan tal-miżura huwa li ttejjeb il-monitoraġġ għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-agrikoltura f'Ċipru u tikkontribwixxi għat-tnaqqis tagħhom.

L-investiment għandu jikkonsisti fl-istabbiliment ta' sistema ta' monitoraġġ tal-GHG għall-agrikoltura, li għandha tipprovdi *data* għall-implimentazzjoni ta' prattiki ta' mitigazzjoni aktar effiċjenti u tikkontribwixxi għall-kisba ta' tnaqqis ta' 10 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-agrikoltura sa tmiem l-2025.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha ssir sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 9 (C2.1I9): Il-Protezzjoni tan-Nirien fil-Foresti

L-objettiv tal-miżura huwa li jiġu aġġornati l-kapaċitajiet tal-awtoritajiet rilevanti f'Ċipru biex ilaħħqu mal-perikli tan-nirien u biex tissaħħaħ il-protezzjoni kontra r-riskji li jiffaċċjaw iċ-ċittadini, l-infrastruttura u l-foresti.

L-investiment għandu jikkonsisti fix-xiri ta' inġenji tal-ajru għat-tifi tan-nar, vetturi, tagħmir u taħriġ u manutenzjoni relatati għall-perjodu ta' implimentazzjoni tal-miżura. Dan għandu jinkludi l-provvista tal-vetturi, tal-makkinarju u tat-tagħmir li ġejjin: 75 vetturi tat-trasport għal skopijiet ta' pattulja għall-protezzjoni tal-foresti u t-trasferiment ta' persunal f'inċidenti ta' nirien; 12 trakkijiet kbar tat-tifi tan-nar; 25 vettura tat-tifi tan-nar ta' emerġenza; erba' buldowżers għall-kostruzzjoni ta' xogħlijiet ta' protezzjoni min-nar bil-possibbiltà ta' trasport bit-trakkijiet għal trasport rapidu għan-nirien; erba' buldowżers tal-art għall-kostruzzjoni ta' xogħlijiet ta' protezzjoni kontra n-nar; sitt tratturi agrikoli mgħammra bl-għodod meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' miżuri għall-prevenzjoni tan-nirien; Gafef/*loaders* ta' erba' roti; sitt shredders tal-friegħi; erba' *loaders* (trakkijiet) u sitt tankers ta' 20 tunnellata għall-finijiet tal-protezzjoni min-nar; Inġenju tal-ajru wieħed tat-tifi tan-nar.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha ssir sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 10 (C2.1I10): Is-sistema ta' Ġestjoni tas-Suq biex jiġi ffaċilitat il-ftuħ tas-suq tal-elettriku għall-kompetizzjoni

L-għan tal-miżura huwa li tintroduċi Sistema ta' Ġestjoni tas-Suq mill-Operatur tas-Sistema ta' Trażmissjoni ta' Ċipru bħala għodda li tiffaċilita l-ftuħ tas-suq tal-elettriku għall-kompetizzjoni.

L-investiment għandu jikkonsisti fl-installazzjoni u l-introduzzjoni tas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Suq għas-Suq tal-Elettriku ta' Ċipru u t-taħriġ relatat lil 100 % tal-persunal tal-Operatur tas-Sistema ta' Trażmissjoni.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta’ Marzu 2023.

B.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Mižura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
19	C2.1R1 Tassazzjoni Ekoloġika	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ ta' liġi li tintroduċi taxxa fuq il-karbonju għall-fjuwils, imposta fuq l-ilma u ħlas fuq l-iskart mid-djar/tal-*landfill*	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ ta' liġi li tintroduċi taxxa fuq il-karbonju għall-fjuwils, imposta fuq l-ilma u imposta fuq l-iskart mid-djar/tal-*landfill*	-	-	-	Q2	2023	Id-dħul fis-seħħ ta' bidliet leġiżlattivi li għandhom l-għan li jagħtu kontribut tanġibbli biex tintlaħaq il-mira tal-2030 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. L-emendi għandhom ikunu bbażati fuq is-sejbiet ta' studju indipendenti li għandu jsir. Il-liġi għandha b'mod partikolari (a) tintroduċi taxxa fuq il-karbonju għall-fjuwils użati fis-setturi tal-ekonomija li ma jaqgħux taħt is-Sistema tal-UE għan-Negozjar tal-Emissjonijiet ta' gassijiet serra, (b) tintroduċi gradwalment imposta fuq l-ilma li għandha tirrifletti l-iskarsezza ta' din ir-riżorsa naturali u l-ispiża għall-ambjent tal-użu tagħha u (c) tintroduċi imposta għall-pajjiż kollu fuq l-iskart domestiku/tal-landfill.
20	C2.1R1 Tassazzjoni Ekoloġika	Stadju importanti	Rapport ta' valutazzjoni tal-impatt li jkejjel l-effett tar-riforma fuq l-ambjent u l-ekonomija	Il-pubblikazzjoni tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt li jkejjel l-effett tar-riforma fuq l-ambjent u l-ekonomija	-	-	-	Q2	2026	Rapport tal-valutazzjoni tal-impatt li jkejjel l-effett tar-riforma fuq l-ambjent u l-effett ekonomiku fuq l-unitajiet domestiċi u n-negozji, kif ukoll jirrakkomanda aktar emendi tat-taxxa, kif meħtieġ.
21	C2.1R2 L-indipende	Stadju importanti	Liġi għar-Regolamentazzjoni tas-	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul	-	-	-	Q4	2021	Id-dħul fis-seħħ tal-"Liġi għar-Regolazzjoni tas-Suq tal-Elettriku tal-2021, li għandha tiffaċilita l-ftuħ tas-suq tal-elettriku għall-kompetizzjoni u tagħti spinta lill-użu tas-SER

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	nza tas-Cyprus Transmission System Operator (TSOC) mill-Electricity Authority of Cyprus preeżistenti		Suq tal-Elettriku tal-2021	fis-seħħ tal-"Liġi għar-Regolamentazzjoni tas-Suq tal-Elettriku" tal-2021						billi: (a) il-kisba tal-indipendenza tal-Operatur tas-Sistema ta' Trażmissjoni ta' Ċipru (TSOC) mill-Awtorità tal-Elettriku ta' Ċipru (EAC) (awtonomija fil-governanza, awtonomija finanzjarja u indipendenza tal-persunal tat-TSOC), (b) l-introduzzjoni tal-passi meħtieġa għat-tnaqqis tal-ispiża tal-elettriku għall-klijenti domestiċi u kummerċjali/industrijali u (c) il-ħolqien ta' kundizzjonijiet ta' trasparenza u fiduċja biex jimmotivaw investituri ġodda fil-ġenerazzjoni u l-provvista tal-elettriku.
22	C2.1R3 Il-Punt Uniku ta' Kuntatt diġitali biex jiġu ssimplifikati l-permessi tal-proġetti SER u biex tiġi ffaċilitata ir-Rinnovazzjoni Enerġetika	Stadju importanti	Pjattaforma tal-IT kompletament operattiva	Pjattaforma tal-IT kompletament operattiva aċċettata mill-Ministeru tal-Enerġija, il-Kummerċ u l-Industrija	-	-	-	Q4	2022	L-operalizzjonalità ta' pjattaforma tal-IT jagħti gwida lill-applikant matul il-proċess ta' applikazzjoni għall-permess amministrattiv b'mod trasparenti sal-għoti ta' wieħed jew diversi deċiżjonijiet mill-awtoritajiet responsabbli, (2) l-għoti tal-informazzjoni neċessarja kollha lill-applikant u fejn jixraq l-involviment ta' awtoritajiet amministrattivi oħra.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	fil-Bini									
23	C2.1R4 Il-Qafas Regolatorju dwar il-Ħżin tal-Enerġija	Stadju importanti	L-emendar tar-Regoli ta' Trażmissjoni u Distribuzzjoni (TDRs) u Regoli dwar in-Negozjar u s-Saldu (TSRs)	Il-pubblikazzjoni fuq is-sit web tal-Awtorità Regolatorja tal-Enerġija ta' Ċipru tal-Emenda tar-Regoli ta' Trażmissjoni u Distribuzzjoni (TDRs) u r-Regoli tan-Negozjar u s-Saldu (TSRs)	-	-	-	Q4	2021	Id-dħul fis-seħħ ta' emenda għar-Regoli ta' Trażmissjoni u Distribuzzjoni (TDRs) u r-Regoli tan-Negozjar u s-Saldu (TSRs) li għandhom jipprovdu l-qafas regolatorju meħtieġ (regoli tas-suq) u l-modalitajiet tekniċi li għandhom jippermettu lill-faċilitajiet tal-ħżin: - jipparteċipaw fis-suq bl-ingrossa tal-elettriku, - jippromwovu l-iżvilupp ta' suq tal-elettriku ekonomikament vijabbli, effiċjenti, sikur u orjentat lejn il-konsumatur li jagħti prijorità lill-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sistemi tal-enerġija rinnovabbli.
24	C2.1I1 Il-promozzjoni ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika fl-SMEs, fil-muniċipalitajiet,f il-	Stadju importanti	L-iskema ta' appoġġ għall-promozzjoni ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika fl-SMEs, fil-muniċipalitajiet, fil-komunitajiet u fis-settur	Pubblikazzjoni ta' sejħa għal proposti għall-iskema ta' appoġġ għall-Promozzjoni ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika fl-SMEs, il-	-	-	-	Q4	2021	Toħroġ sejħa għal proposti għall-iskema ta' appoġġ għall-promozzjoni ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika fl-SMEs, il-muniċipalitajiet, il-komunitajiet u s-settur pubbliku usa', wara l-verifika tar-regolament dwar l-għajnuna mill-Istat li għandu jiġi applikat mill-Kummissarju għall-Kontroll tal-Għajnuna mill-Istat u d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri li tapprova l-objettivi tal-iskema. L-investiment għandu jkollu l-għan li jikseb medja ta' mill-inqas 30 % ta' tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	komunitajiet u fis-settur pubbliku usa'		pubbliku usa'	muniċipalitajiet, il-komunitajiet u s-settur pubbliku usa'						
25	C2.1I1 Il-promozzjoni ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika fl-SMEs, fil-muniċipalitajiet,f il-komunitajiet u fis-settur pubbliku usa'	Mira	Entitajiet (SMEs, muniċipalitajiet, komunitajiet u s-settur pubbliku usa') li implimentaw interventi għall-effiċjenza enerġetika		Numru	0	125	Q4	2024	Mill-inqas 125 entità (SMEs, muniċipalitajiet, komunitajiet u s-settur pubbliku usa') implimentaw (1) interventi għall-effiċjenza enerġetika (miżuri ta' effiċjenza enerġetika) fil-bini, jew (2) miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija relatati mal-proċessi ta' produzzjoni tagħhom jew (3) miżuri ta' effiċjenza enerġetika f'faċilitajiet sportivi muniċipali, minħabba l-appoġġ ipprovdut bl-objettiv li tintlaħaq medja ta' mill-inqas 30 % ta' tnaqqis tad-domanda għall-enerġija primarja. Il-proġetti li jintgħażlu għandhom ikunu konformi mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu tal-lista ta' esklużjoni u r-rekwiżiti ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-UE.
26	C2.1I1 Il-promozzjoni ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika	Mira	Entitajiet (SMEs, muniċipalitajiet, komunitajiet u s-settur pubbliku usa') li		Numru	125	275	Q4	2025	Mill-inqas 275 entità (SMEs, muniċipalitajiet, komunitajiet u s-settur pubbliku usa') implimentaw (1) interventi għall-effiċjenza enerġetika (miżuri ta' effiċjenza enerġetika) fil-bini, jew (2) miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija relatati mal-proċessi ta' produzzjoni tagħhom jew (3) miżuri ta' effiċjenza enerġetika f'faċilitajiet sportivi muniċipali, minħabba l-appoġġ ipprovdut bl-objettiv li tintlaħaq medja ta' mill-inqas 30 % ta' tnaqqis tad-domanda għall-enerġija

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	fl-SMEs, fil-muniċipalitajiet,f il-komunitajiet u fis-settur pubbliku usa'		implimentaw interventi għall-effiċjenza enerġetika							primarja. Il-proġetti li jintgħażlu għandhom ikunu konformi mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu tal-lista ta' esklużjoni u r-rekwiżiti ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-UE.
27	C2.1I2 Il-promozzjoni ta' sorsi rinnovabbli u miżuri individwali ta' effiċjenza fl-enerġija fl-abitazzjonijiet u l-indirizzar tal-faqar enerġetiku f'unitajiet domestiċi b'persuni b'diżabilità	Stadju importanti	L-ewwel sejħa għal proposti għall-Promozzjoni ta' enerġija rinnovabbli u miżuri individwali ta' effiċjenza fl-enerġija fl-abitazzjonijiet	Il-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għall-proposti	-	-	-	Q2	2021	L-ewwel sejħa għal proposti għall-promozzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u miżuri individwali ta' effiċjenza fl-enerġija fl-abitazzjonijiet ġiet ippubblikata fuq is-sit web tas-SER u tal-Fond għall-Konservazzjoni tal-Enerġija. L-investiment għandu jkollu l-għan li jikseb medja ta' mill-inqas 30 % ta' tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
28	C2.1I2 Il-promozzjoni ta' sorsi rinnovabbli u miżuri individwali ta' effiċjenza fl-enerġija fl-abitazzjonijiet u l-indirizzar tal-faqar enerġetiku f'unitajiet domestiċi b'persuni b'diżabilità	Mira	Abitazzjonijiet u unitajiet domestiċi b'persuni b'diżabilità li tejbu l-prestazzjoni enerġetika tagħhom	-	Numru	0	8 600	Q4	2023	Mill-inqas 8 500 abitazzjoni u 100 unità domestika b'persuni b'diżabilità tejbu l-prestazzjoni tal-enerġija tagħhom minħabba soluzzjonijiet imfassla apposta (servizzi ta' appoġġ u gwida dwar l-enerġija) u l-appoġġ finanzjarju pprovdut bl-għan li tintlaħaq medja ta' mill-inqas 30 % ta' tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja.
29	C2.1I2 Il-promozzjoni ta' sorsi rinnovabbli u miżuri individwali ta' effiċjenza	Mira	It-titjib tal-prestazzjoni enerġetika tal-abitazzjonijiet u unitajiet domestiċi b'persuni b'diżabilità	-	Numru	8600	16 470	Q2	2026	Mill-inqas 16 200 abitazzjoni u 270 unità domestika b'persuni b'diżabilità tejbu l-prestazzjoni tal-enerġija tagħhom minħabba soluzzjonijiet imfassla apposta (servizzi ta' appoġġ u gwida dwar l-enerġija) u l-appoġġ finanzjarju pprovdut bl-għan li tintlaħaq medja ta' mill-inqas 30 % ta' tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	fl-enerġija fl-abitazzjonijiet u l-indirizzar tal-faqar enerġetiku f'unitajiet domestiċi b'persuni b'diżabilità									
30	C2.1I3 L-inkoraġġiment tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-iffrankar tal-enerġija mill-awtoritajiet lokali/pubbliċi usa' kif ukoll	Stadju importanti	L-ewwel sejħa għal proposti biex jiġu appoġġati l-awtoritajiet lokali fil-miżuri tal-effiċjenza enerġetika	Il-pubblikazzjoni tal-ewwel sejħa għall-proposti	-	-	-	Q3	2021	L-ewwel sejħa għal proposti għall-appoġġ ta' miżuri tal-effiċjenza enerġetika ġiet ippubblikata fis-sit web tas-SER u tal-Fond għall-Konservazzjoni tal-Enerġija. L-investiment għandu jkollu l-għan li jikseb medja ta' mill-inqas 30 % ta' tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	mill-NGOs u l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni tal-komunitajiet lokali lejn il-mitigazzjoni u l-adattament tat-tibdil fil-klima									
31	C2.1I3 L-inkoraġġiment tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-iffrankar tal-enerġija mill-awtoritajiet lokali/pub	Mira	Investimenti mwettqa minn awtoritajiet lokali jew NGOs li tejbu l-prestazzjoni tal-enerġija tagħhom, u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima	-	Numru	0	190	Q4	2023	Mill-inqas 190 investiment mill-awtoritajiet lokali jew mill-NGOs li tejbu l-prestazzjoni enerġetika tagħhom, u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima grazzi għall-assistenza teknika u għall-l-appoġġ finanzjarju pprovdut bl-għan li tintlaħaq medja ta' mill-inqas 30 % ta' tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	bliċi usa' kif ukoll mill-NGOs u l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni tal-komunitajiet lokali lejn il-mitigazzjoni u l-adattament tat-tibdil fil-klima									
32	C2.1I3 L-inkoraġġiment tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-iffrankar tal-enerġija mill-awtoritajie	Mira	Investimenti mwettqa minn awtoritajiet lokali jew NGOs li tejbu l-prestazzjoni tal-enerġija tagħhom, u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima	-	Numru	190	580	Q2	2026	Mill-inqas 580 investiment mill-awtoritajiet lokali jew mill-NGOs li tejbu l-prestazzjoni enerġetika tagħhom, u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima grazzi għall-assistenza teknika u għall-l-appoġġ finanzjarju pprovdut bl-għan li tintlaħaq medja ta' mill-inqas 30 % ta' tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	t lokali/pubbliċi usa' kif ukoll mill-NGOs u l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni tal-komunitajiet lokali lejn il-mitigazzjoni u l-adattament tat-tibdil fil-klima									
33	C2.1I4 It-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-industriji, tan-negozji u tal-organizzazzjonijiet	Mira	It-tnaqqis tal-emissjonijiet	-	Numru	0	130 000	Q4	2024	It-tnaqqis ta' Mill-inqas 130 000 tunnellata ta' CO_2eq bis-saħħa tal-appoġġ ipprovdut. It-tnaqqis tal-emissjonijiet għandu jiġi vverifikat permezz ta' rapporti ta' esperti esterni. Il-proġetti li jintgħażlu għandhom ikunu konformi mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu tal-lista ta' esklużjoni u r-rekwiżiti ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-UE.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
34	C2.1I4 It-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-industriji, tan-negozji u tal-organizzazzjonijiet	Mira	Aktar tnaqqis tal-emissjonijiet	-	Numru	130000	354 566	Q2	2026	It-tnaqqis ta' Mill-inqas 354 566 tunnellata ta' CO_2eq bis-saħħa tal-appoġġ ipprovdut. It-tnaqqis tal-emissjonijiet għandu jiġi vverifikat permezz ta' rapporti ta' esperti esterni. Il-proġetti li jintgħażlu għandhom ikunu konformi mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu tal-lista ta' esklużjoni u r-rekwiżiti ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-UE.
35	C2.1I5 L-Aġġornament tal-Effiċjenza Enerġetika tal-bini tal-gvern	Mira	L-installazzjoni ta' sistemi ta' iżolament termali u fotovoltajċi fl-iskejjel	-	Numru	0	405	Q1	2022	L-installazzjoni ta' sistemi ta' iżolament termali u fotovoltajċi f'mill-inqas 405 skola bil-għan li tintlaħaq medja ta' mill-inqas 30 % ta' tnaqqis fid-domanda enerġetika primarja.
36	C2.1I5 L-Aġġornament tal-Effiċjenza Enerġetika tal-bini tal-gvern	Mira	It-tlestija tal-istabbilliment u l-installazzjoni ta' sistema fotovoltajka fl-Isptar Ġenerali ta' Nikosija	-	Numru	0	943	Q4	2023	It-tlestija tal-istabbilliment u l-installazzjoni ta' sistema PV b'kapaċità totali ta' 943 KW fl-Isptar Ġenerali ta' Nikosija
37	C2.1I5	Mira	It-tlestija tal-	-	Numru	0	2 200	Q4	2025	It-tlestija tal-installazzjoni ta' sistemi fotovoltajċi b'kapaċità

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	L-Aġġornament tal-Effiċjenza Enerġetika tal-bini tal-gvern		installazzjoni ta' sistemi fotovoltajċi fl-istazzjonijiet tal-pompi tal-ilma u fl-istazzjonijiet tat-tifi tan-nar							totali 2 200 KW fl-istazzjonijiet tal-pompi tal-ilma u fl-istazzjonijiet tat-tifi tan-nar.
38	C2.1I6 L-aġġornament tal-infrastruttura tal-ittestjar tal-enerġija rinnovabbli u tal-grilji intelliġenti fl-Università ta' Ċipru	Stadju importanti	L-iffirmar tal-kuntratt għall-installazzjoni ta' tagħmir biex il-grilja tal-elettriku tiġi aġġornata fi grilja intelliġenti	L-iffirmar tal-kuntratt	-	-	-	Q4	2022	L-iffirmar tal-kuntratt għall-installazzjoni ta' tagħmir biex il-grilja tal-elettriku tiġi aġġornata fi grilja intelliġenti wara proċedura ta' akkwist pubbliku.
39	C2.1I6 L-aġġornament tal-	Stadju importanti	Il-kunsinna, l-installazzjoni b'suċċess u l-	Il-ħruġ ta' rapport ta' aċċettazzjoni	-	-	-	Q2	2024	Il-kunsinna, l-installazzjoni b'suċċess, l-ittestjar, il-kalibrazzjoni, l-ikkummissjonar u l-aċċettazzjoni tat-tagħmir għall-grilji intelliġenti, segwit mill-integrazzjoni finali tal-infrastruttura.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	infrastruttura tal-ittestjar tal-enerġija rinnovabbli u tal-grilji intelliġenti fl-Università ta' Ċipru		aċċettazzjoni tat-tagħmir għall-grilji intelliġenti							
40	C2.1I7 L-installazzjoni tal-massa u t-tħaddim mill-Operaturtas-Sistema ta' Distribuzzjoni (Distribution System Operator, DSO) tal-Infrastrutt	Stadju importanti	L-iffirmar tal-Kuntratt għal infrastruttura ta' miters tal-elettriku intelliġenti	L-iffirmar tal-kuntratt	-	-	-	Q1	2022	L-iffirmar tal-Kuntratt għal infrastruttura ta' miters tal-elettriku intelliġenti (Hardware, software u appoġġ u servizzi oħra).

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	ura tal-Miters Intelliġenti (Infrastruttura Avvanzata tal-Miters)									
41	C2.1I7 L-installazzjoni tal-massa u t-tħaddim mill-Operaturtas-Sistema ta' Distribuzzjoni (Distribution System Operator, DSO) tal-Infrastruttura tal-Miters Intelliġenti (Infrastruttura	Mira	Il-kunsinna u l-installazzjoni ta' miters intelliġenti	-	Numru	0	200 000	Q3	2024	L-aċċettazzjoni tal-kunsinna u l-installazzjoni ta' mill-inqas 200 000 meter tal-elettriku intelliġenti lill-klijenti finali tal-elettriku, inklużi persuni fiżiċi u ġuridiċi.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	Avvanzata tal-Miters)									
42	C2.1I7 L-installazzjoni tal-massa u t-tħaddim mill-Operaturtas-Sistema ta' Distribuzzjoni (Distribution System Operator, DSO) tal-Infrastruttura tal-Miters Intelliġenti (Infrastruttura Avvanzata tal-Miters)	Mira	Il-kunsinna u l-installazzjoni ta' miters intelliġenti	-	Numru	200000	40 00 00	Q2	2026	L-aċċettazzjoni tal-kunsinna u l-installazzjoni ta' 400 000 miter tal-elettriku intelliġenti lill-klijenti finali tal-elettriku, inklużi persuni fiżiċi u ġuridiċi.
43	C2.1I8 Il-monitoraġ	Stadju importanti	Ix-xiri u l-installazzjoni ta' unitajiet	L-approvazzjoni tat-tagħmir u	-	-	-	Q2	2023	Ix-xiri u l-installazzjoni ta' unità awtomobilistika u unitajiet ta' monitoraġġ permanenti, għall-kejl tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-agrikoltura bil-għan li jiġu implimentati

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	ġ u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-agrikoltura		ta' monitoraġġ għall-kejl tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-agrikoltura	installazzjoni mill-kumitat riċeventi						politiki adegwati biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra.
44	C2.1I8 Il-monitoraġġ u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-agrikoltura	Mira	It-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-agrikoltura	-	% (Perċent wal)	0	10	Q4	2025	Il-ksib ta' tnaqqis ta' 10 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-agrikoltura permezz tal-monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-kalkolu tal-Fatturi Nazzjonali tal-Emissjonijiet għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-implimentazzjoni tal-Fatturi tal-Emissjonijiet permezz tal-Inventarju Nazzjonali għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-pajjiż. Għall-2019 l-emissjonijiet totali ta' referenza mill-Ħamrija agrikola bbażati fuq ir-Rapport tal-Inventarju Nazzjonali tal-pajjiż huma ekwivalenti għal 122,8 kt CO_2.
45	C2.1I9 Il-Protezzjoni tan-Nirien fil-Foresti	Stadju importanti	L-iffirmar tal-Ftehimiet/Kuntratti Firem għax-xiri ta' inġenji tal-ajru għat-tifi tan-nar, vetturi, tagħmir u forniment ta'	L-iffirmar tal-Ftehimiet/L-iffirmar tal-Kuntratti	-	-	-	Q2	2022	L-iffirmar tal-Ftehimiet/Kuntratti Firma mal-fornituri għax-xiri ta' inġenji tal-ajru għat-tifi tan-nar, vetturi, tagħmir u forniment ta' servizzi bil-għan li jikkontribwixxu għall-adattament għat-tibdil fil-klima u għat-tnaqqis tar-riskju ta' splużjoni u espansjoni tan-nirien fil-foresti u t-tisħiħ tal-protezzjoni kontra r-riskji ffaċċjati miċ-ċittadini, mill-infrastruttura u mill-foresti minn inċident possibbli ta' nirien.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
			servizzi							
46	C2.1I9 Il-Protezzjoni tan-Nirien fil-Foresti	Stadju importanti	Kunsinna ta' inġenji tal-ajru, vetturi u tagħmir għat-tifi tan-nar	Il-ħruġ ta' ċertifikati ta' aċċettazzjoni għall-kunsinna ta' inġenji tal-ajru, vetturi u tagħmir għat-tifi tan-nar	-	-	-	Q4	2023	Il-kunsinna u l-aċċettazzjoni ta' inġenji tal-ajru, vetturi u tagħmir għat-tifi tan-nar
47	C2.1I9 Il-Protezzjoni tan-Nirien fil-Foresti	Stadju importanti	It-tlestija tas-servizzi	Il-ħruġ ta' Ċertifikati ta' aċċettazzjoni biex tiġi kkonfermata l-aċċettazzjoni tas-servizzi	-	-	-	Q4	2025	It-tlestija tas-servizzi li ġejjin: (1) operazzjonijiet ta' tifi tan-nar u taħriġ tal-bdoti (2) prattiki silvikulturali u (3) servizzi għal 3 vetturi droni tal-ajru mingħajr ekwipaġġ (unmanned aerial vehicle, UAV).
48	C2.1I10 Is-sistema ta' Ġestjoni tas-Suq biex jiġi ffaċilitat il-ftuħ tas-suq tal-elettriku għall-kompetizz	Stadju importanti	It-tlestija, l-installazzjoni u l-introduzzjoni tas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Suq u taħriġ tal-persunal	Il-ħruġ ta' Ċertifikat ta' Aċċettazzjoni Finali għas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Suq u verifika tat-tlestija tat-taħriġ tal-persunal	-	-	-	Q1	2023	It-tlestija, l-installazzjoni u t-tnedija tas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Suq għas-Suq tal-Elettriku ta' Ċipru u t-taħriġ tal-persunal tal-Operatur tas-Sistema ta' Trażmissjoni dwar is-sistema ta' informazzjoni tat-tnedija u l-proċeduri operattivi relatati.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riformajew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	joni									

B.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għas-self

Investiment 11 (C2.1I11) It-tmiem tal-iżolament tal-enerġija — Proġett ta' Interess Komuni "Interkonnettur EuroAsia"

L-objettiv tal-miżura huwa li tiżgura s-sigurtà tal-provvista u prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa aktar kompetittivi, u li tippermetti l-użu akbar tal-elettriku minn sorsi aktar nodfa, b'mod partikolari sorsi rinnovabbli, billi tgħaqqad in-network tal-elettriku ta' Ċipru mas-sistema kontinentali tal-UE.

L-investiment għandu jikkonsisti fit-tlestija u l-ikkummissjonar tal-Interkonnessjoni PCI 3.10.2 bejn Ċipru u l-Greċja, li għandha tinkludi stazzjon ta' konverżjoni DC ta' 1 000 MW f'Ċipru u infrastruttura relatata f'Ċipru u Kreta, konness permezz ta' 898 km ta' kejbils sottomarini HVDC b'kapaċità ta' 1 000 MW. Dan huwa mistenni li jkun parti minn investiment usa' li jibni interkonnettur transfruntier b'tul totali ta' 1 208 km bejn Kreta, Ċipru u l-Iżrael. Partijiet differenti tal-proġett mistennija jirċievu finanzjament minn għejun differenti, jiġifieri l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, self mill-Bank Ewropew tal-Investiment, self kummerċjali u ekwità.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li titqies id-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-miżuri ta' mitigazzjoni mmirati lejn il-konservazzjoni tal-ambjent tal-baħar għandhom jiġu rispettati kif xieraq matul l-implimentazzjoni tal-proġett kif stabbilit fil-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali u l-permess tal-bini. Kwalunkwe miżura identifikata fil-qafas tal-EIA u l-valutazzjoni skont id-Direttiva 2000/60/KE bħala meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01) għandha tiġi integrata fil-proġett u għandha tiġi osservata fl-istadji tal-kostruzzjoni, l-operat u d-dekummissjonar tal-infrastruttura.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha ssir sal-31 ta' Diċembru 2025.

B.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tas-self

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
49	C2.1I11 It-tmiem tal-iżolament tal-enerġija — Proġett ta' Interess Komuni "Interkonnettur EuroAsia"	Stadju importanti	Il-bidu tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tal-Istazzjon ta' Konvertitur HVDC f'Kofinou u l-infrastruttura fuq l-art f'Ċipru	L-iffirmar tal-ftehim għall-kostruzzjoni tal-istazzjon tal-konvertitur ta' Kofinou	-	-	-	Q4	2022	Il-bidu tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tal-Istazzjon ta' Konvertitur HVDC f'Kofinou u l-infrastruttura fuq l-art f'Ċipru wara l-iżgurar ta' sorsi ta' finanzjament rilevanti barra l-RRF.
50	C2.1I11 It-tmiem tal-iżolament tal-enerġija — Proġett ta' Interess Komuni "Interkonnettur EuroAsia"	Stadju importanti	It-tlestija tal-kostruzzjoni tal-istazzjon tal-konvertitur	Il-ħruġ taċ-ċertifikat ta' akkwist għall-kostruzzjoni ta' stazzjon konvertitur	-	-	-	Q4	2024	It-tlestija tal-kostruzzjoni ta' stazzjon ta' konverżjoni inkluża l-installazzjoni ta' vultaġġ għoli u ta' kontroll
51	C2.1I11 It-tmiem tal-iżolament tal-enerġija — Proġett ta' Interess Komuni "Interkonnettur EuroAsia"	Stadju importanti	It-tlestija u l-bidu sħiħ tal-operazzjonijiet tal-faċilità tal-interkonnessjoni tal-elettriku bejn Ċipru u Kreta (il-Greċja)	It-tim ta' aċċettazzjoni tar-riżultati tanġibbli jiffirma l-effiċjenza operattiva tal-proġett; avviż pubbliku dwar il-bidu tat-tħaddim tal-interkonnettur	-	-	-	Q4	2025	It-tlestija u l-bidu sħiħ tal-operazzjonijiet tal-faċilità tal-interkonnessjoni tal-elettriku bejn Ċipru u Kreta (il-Greċja) biex: (1) jintemm l-iżolament enerġetiku ta' Ċipru bħala Stat Membru tal-UE u (2) tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija (3) jintlaħqu l-miri nazzjonali dwar il-klima kif speċifikat fil-Pjan Nazzjonali dwar il-Klima

C. KOMPONENT 2.2: IT-TRASPOST SOSTENIBBLI

Il-komponent tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Ċipru għandu l-għan li jippromwovi mobiltà urbana aktar nadifa, intelliġenti, aktar sikura u aktar ġusta billi jħeġġeġ bidla modali minn karozzi privati għal modi ta' trasport aktar sostenibbli bħat-trasport pubbliku, iċ-ċikliżmu, il-mixi, u li jippromwovi l-użu ta' vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew żero (LEVs) kif ukoll l-użu ta' sistemi diġitali fis-settur tat-trasport.

Il-komponent jindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar l-investiment fit-trasport sostenibbli (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4, 2019, ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

C.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C2.2R1): L-istabbiliment ta' Sistema ta' Trasport Intelliġenti bl-użu ta' teknoloġiji ta' Tewmin Diġitali

L-għan tal-miżura huwa li ssaħħaħ l-infrastruttura teknoloġika, li tippermetti monitoraġġ aħjar u aktar effiċjenti tal-infrastruttura u li tintroduċi karatteristiċi intelliġenti għaliha.

Ir-riforma tikkonsisti fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' Sistema ta' Transport Intelliġenti sabiex tittejjeb il-ġestjoni tal-mobilità f'żoni urbani u n-network TEN-T ta' Ċipru, anke billi tittejjeb il-kooperazzjoni bejn diversi partijiet interessati. Ir-riforma għandha tinkludi t-twassil, l-installazzjoni u l-konnessjoni mal-Punt ta' Aċċess Nazzjonali ta' 300 sensur. Dan it-tagħmir mistenni jikkostitwixxi l-bażi għad-diġitalizzazzjoni tan-networks ta' mobiltà fiżika f'bażi tad-*data* tas-sistema ta' informazzjoni ġeografika (geographical information system, GIS) u l-integrazzjoni tas-servizzi tal-mobilità.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Riforma 2 (C2.2R2): Jiġi pprovdut qafas regolatorju għal infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi (EV) interoperabbli u effikaċi u għal suq tal-iċċarġjar tal-EV effiċjenti

L-għan tal-miżura huwa li tiffaċilita l-ħolqien ta' infrastruttura effiċjenti tal-elettromobiltà għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi.

Ir-riforma tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar l-infrastruttura tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi. Ir-riforma għandha l-għan li toħloq mekkaniżmu għal (i) l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tas-suq tal-iċċarġjar mill-ġdid tal-EV u (ii) il-koordinazzjoni tal-analiżi ta' *data* għall-monitoraġġ effettiv tan-network kif ukoll biex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-UE u ma' dak nazzjonali.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Riforma 3 (C2.2R3): L-eliminazzjoni progressiva tal-vetturi li jniġġsu l-aktar, speċjalment f'żoni urbani mniġġsa

L-objettivi tar-riforma huma li tipprovdi l-qafas regolatorju biex toħloq impetu għas-sostituzzjoni ta' vetturi ferrovjarji qodma u li jniġġsu, u li tipprovdi inċentivi għall-użu ta' soluzzjonijiet sostenibbli għall-ivvjaġġar u l-mobilità.

Dir-riforma għandha toħloq il-qafas legali li jwassal għall-implimentazzjoni ta' miżuri bil-għan tal-esklużjoni ta' vetturi li jniġġsu minn oqsma ewlenin, bħal żoni mingħajr emissjonijiet, imposti għaċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi f'ċerti żoni, u l-użu obbligatorju ta' EV f'ċerti operazzjonijiet ta' trasport. Ir-riforma hija appoġġata mill-Investiment 3 (Promozzjoni tal-użu mifrux ta' EV, LEVs u mezzi alternattivi ta' trasport).

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 1 (C2.2I1): L-implimentazzjoni ta' Proġetti ta' Mobilità Urbana Sostenibbli (Sustainable Urban Mobility Project, SUMPs) u miżuri li jtejbu l-aċċessibbiltà

L-għanijiet tal-miżuri huma li tinħoloq l-infrastruttura meħtieġa biex tittejjeb il-mobiltà urbana b'għażliet li jirrispettaw aktar l-ambjent, jitjieb l-ambjent tal-belt u s-sikurezza fit-toroq f'Limassol u Larnaca. L-investiment għandu jinkludi wkoll miżuri li jsaħħu l-aċċessibbiltà u l-moviment sikur tal-persuni bil-mixi, taċ-ċiklisti u tal-persuni b'diżabilità fiċ-ċentri urbani kollha.

B'mod aktar speċifiku, l-investiment jikkonsisti fl-introduzzjoni ta' mogħdijiet għar-roti, mogħdijiet għall-karozzi tal-linja u t-tagħmir rilevanti tal-ITS (jiġifieri sistema tad-dawl tat-traffiku intelliġenti b'sistema ta' prijorità għall-karozzi tal-linja), kif ukoll l-introduzzjoni ta' stands għaċ-ċiklisti, postijiet ta' kenn għall-karozzi tal-linja u t-titjib tal-kundizzjonijiet tas-sikurezza fit-toroq f'punti magħżula. Għandha wkoll l-għan li tintroduċi l-istazzjonijiet Park & Ride u t-tagħmir rilevanti tal-ITS kif ukoll titjib fin-network tat-toroq eżistenti fiċ-ċentri urbani (bħal passaġġi għall-mixi, qsim għall-persuni bil-mixi, ċiklisti u/jew persuni b'diżabiltà, sistemi ta' twissija għal dawk b'vista batuta, ċentri tal-parkeġġ tar-roti, rampi tal-mixi).

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

Investiment 2 (C2.2I2): Il-ħolqien ta' infrastruttura għall-elettromobiltà

L-objettivi tal-miżuri huma li tinħoloq l-infrastruttura meħtieġa biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għall-elettromobiltà u biex jingħata kontribut għall-introduzzjoni tal-punti tal-iċċarġjar.

L-investiment huwa magħmul minn tliet sottomiżuri: (i) l-installazzjoni ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar veloċi tal-EV aċċessibbli għall-pubbliku; (ii) skema ta' għotjiet għall-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku fil-bini tan-negozji u tal-awtoritajiet lokali; u (iii) skema ta' għotjiet għall-iċċarġjar tal-EV minn Sorsi ta' Enerġija Rinnovabbli (RES).

Sottomiżura 1: l-installazzjoni ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar veloċi aċċessibbli għall-pubbliku għall-EV;

L-investiment jikkonsisti fl-installazzjoni ta' 10 stazzjonjiet tal-iċċarġjar mgħaġġel bħala proġett ta' dimostrazzjoni għall-promozzjoni tal-elettromobiltà. Huwa għandu jipprovdi aċċess għall-infrastruttura tal-iċċarġjar rapidu għall-vetturi elettriċi u għalhekk huwa mistenni li jikkontribwixxi għat-tneħħija tal-inibizzjonijiet tal-konsumatur fir-rigward tal-awtonomija tal-EV. L-10 stazzjonijiet tal-iċċarġjar rapidu għandhom jitpoġġew f'żoni aċċessibbli għall-

pubbliku bħal sptarijiet, postijiet ta' parkeġġ kbar aċċessibbli għall-pubbliku jew barra mill-bini tas-servizzi pubbliċi (bħal fil-Ministeri jew fil-Qrati).

Sottomiżura 2: skema ta' għotjiet għall-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku fil-bini tan-negozji u tal-awtoritajiet lokali;

L-iskema għandha tippromwovi l-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar f'żoni aċċessibbli għall-pubbliku li huma proprjetà tan-negozji jew tal-awtoritajiet lokali.

Sottomiżura 3: skema ta' għotjiet għall-iċċarġjar ta' EVs mis-SER

L-iskema għandha tipprovdi inċentivi finanzjarji biex tippromwovi l-iżvilupp tal-infrastruttura meħtieġa għall-mobilità elettrika speċjalment permezz tal-iċċarġjar tal-EV mis-SER. L-iskema ta' għotjiet għandha tinkludi l-installazzjoni ta' sistemti fotovoltajċi u tagħmir tal-iċċarġjar f'abitazzjonijiet għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi privati u għall-finanzjament ta' awtoritajiet lokali/pubbliċi għall-kostruzzjoni ta' punti pubbliċi tal-iċċarġjar għall-EV. L-elettriku għal dawn il-punti tal-iċċarġjar għandu jiġi ġġenerat mis-SER.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha ssir sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 3 (C2.2I3): Il-promozzjoni tal-użu mifrux tal-Vetturi Elettriċi (VE)

L-għan tal-miżura huwa li tippromwovi x-xiri ta' vetturi elettriċi, LEVs (jiġifieri karozza li temetti inqas minn 50 g/km ta' CO_2), roti elettriċi u mezzi ta' trasport pubbliċi jew mhux motorizzati (bħal xarabank, rota), filwaqt li fl-istess ħin tneħħi miċ-ċirkolazzjoni vetturi aktar qodma li jniġġsu b'manjiera gradwali. L-investiment huwa mistenni li jikkomplementa r-Riforma 3 (it-tneħħija gradwali progressiva tal-vetturi li jniġġsu l-aktar, speċjalment f'żoni mniġġsa).

L-investiment huwa magħmul minn tliet sottomiżuri: (i) jagħtu bidu għat-tranżizzjoni lejn l-elettromobiltà fis-settur tal-gvern; (ii) skema ta' appoġġ għax-xiri ta' EV; u (iii) skema ta' skrappjar għall-vetturi li jniġġsu l-aktar flimkien ma' inċentivi għal għażliet ta' mobilità mingħajr emissjonijiet/b'emissjonijiet baxxi.

Sottomiżura 1: jagħtu bidu għat-tranżizzjoni lejn l-elettromobiltà fis-settur tal-gvern;

L-investiment jinkludi miżuri li għandhom l-għan li jagħtu bidu għas-sostituzzjoni gradwali tal-flotta tal-vetturi konvenzjonali tal-gvern b'vetturi elettriċi u jippromwovu t-tranżizzjoni lejn l-elettromobiltà. Dan għandu jinkludi x-xiri ta' 100 vettura elettrika għall-ħtiġijiet tal-gvern ġenerali u l-installazzjoni tal-punti tal-iċċarġjar rilevanti fil-bini tal-gvern. Barra minn hekk, id-Dipartiment tas-Servizzi Postali għandu jissostitwixxi l-flotta tal-muturi kollha tiegħu b'muturi elettriċi.

Dan iservi bħala proġett ta' dimostrazzjoni għall-promozzjoni tal-elettromobiltà għall-pubbliku u n-negozji inġenerali.

Sottomiżura 2: skema ta' appoġġ għax-xiri ta' VE

L-iskema għandha tipprovdi inċentivi, permezz ta' għotja, għax-xiri u r-reġistrazzjoni ta' EV u roti elettriċi. Hija marbuta direttament mar-Riforma 3, "Tneħħija progressiva tal-vetturi li jniġġsu l-aktar, speċjalment f'żoni urbani mniġġsa", bħala miżura parallela, ta' appoġġ u komplementari.

Sottomiżura 3: u skema ta’ skrappjar għall-vetturi li jniġġsu l-aktar flimkien ma’ inċentivi għal għażliet ta’ mobilità mingħajr emissjonijiet/b’emissjonijiet baxxi.

L-iskema għandha tinċentiva lis-sewwieqa biex iċedu vetturi aktar qodma u li jniġġsu aktar bi skambju għal għażliet alternattivi ta’ mobilità, bħax-xiri ta’ LEV jew ta’ rota elettrika u/jew biljetti tal-karozzi tal-linja annwali b’xejn. It-tneħħija ta’ vetturi qodma hija mistennija li tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport, kif ukoll għall-mitigazzjoni tal-impatt tagħha fuq it-tniġġis tal-arja, l-ilma, il-ħamrija u l-istorbju. Il-vetturi skrappjati għandhom jiġu riċiklati, minn riċiklaturi liċenzjati. Għandha tingħata prijorità lill-vetturi l-aktar antiki li għandhom jiġu skreppjati.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha ssir sal-31 ta’ Diċembru 2025.

C.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
52	C2.2R1 L-istabbiliment ta' Sistema ta' Trasport Intelliġenti bl-użu ta' teknoloġiji ta' Tewmin Diġitali	Mira	Il-forniment u l-installazzjoni ta' mill-inqas 150 sensur	-	Numru	0	150	Q1	2024	Il-kunsinna, l-installazzjoni u l-konnessjoni mal-Punt ta' Aċċess Nazzjonali ta' mill-inqas 150 senser tat-traffiku biex jiddiġitalizzaw in-networks u jappoġġaw l-iżvilupp ta' Sistema ta' Trasport Intelliġenti.
53	C2.2R1 L-istabbiliment ta' Sistema ta' Trasport Intelliġenti bl-użu ta' teknoloġiji ta' Tewmin Diġitali	Mira	Il-forniment u l-installazzjoni ta' total ta' 300 sensur	-	Numru	150	300	Q4	2025	Il-kunsinna, l-installazzjoni u l-konnessjoni mal-Punt ta' Aċċess Nazzjonali ta' total ta' 300 sensur tat-traffiku biex jiddiġitalizzaw in-networks u jappoġġaw l-iżvilupp ta' Sistema ta' Trasport Intelliġenti.
54	C2.2R2 Jiġi pprovdut qafas regolatorju għal infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi (EV) interoperabbli u effikaċi u għal suq tal-iċċarġjar tal-EV effiċjenti	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni relatata mal-punti tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni	-	-	-	Q4	2024	Id-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni dwar l-infrastruttura tal-iċċarħjar tal-vetturi elettriċi (EV) u suq tal-iċċarġjar tal-EV effiċjenti. Il-qafas regolatorju għandu jippromwovi: (1) mekkaniżmu għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tas-suq tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi; u (2) analiżi koordinata tad-*data* li tippermetti monitoraġġ effettiv tan-network kif ukoll għall-iżgurar tal-konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE.

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
55	C2.2R3 L-eliminazzjoni progressiva tal-vetturi li jniġġsu l-aktar, speċjalment f'żoni urbani mniġġsa	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ ta' atti leġiżlattivi/amministrattivi relatati mat-tneħħija gradwali tal-vetturi li jniġġsu l-aktar	Dispożizzjoni fl-atti leġiżlattivi/amministrattivi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni	-	-	-	Q4	2023	Id-dħul fis-seħħ ta' atti leġiżlattivi/amministrattivi dwar l-esklużjoni ta' vetturi li jniġġsu minn żoni/operazzjonijiet ewlenin. L-atti leġiżlattivi/amministrattivi għandha toħloq il-bażi legali biex tiġi infurzata l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi relatati maċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi bil-mutur, bil-għan li progressivament jitneħħew gradwalment il-vetturi li jniġġsu l-aktar.
56	C2.2R3 L-eliminazzjoni progressiva tal-vetturi li jniġġsu l-aktar, speċjalment f'żoni urbani mniġġsa	Stadju importanti	L-implimentazzjoni ta' mill-inqas żewġ miżuri mmirati lejn l-esklużjoni ta' vetturi li jniġġsu	L-implimentazzjoni tal-miżuri	-	-	-	Q4	2025	Tal-anqas żewġ miżuri huma effettivament immirati lejn l-esklużjoni ta' vetturi li jniġġsu minn oqsma/operazzjonijiet ewlenin, bħal żoni mingħajr emissjonijiet, l-applikazzjoni ta' imposti ta' vetturi f'ċerti oqsma, l-applikazzjoni ta' miżuri obbligatorji għaċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi f'ċerti operazzjonijiet ta' trasport, jew miżuri ekwivalenti.
57	C2.2I1 L-implimentazzjoni ta' Proġetti ta' Mobilità Urbana Sostenibbli (Sustainable Urban Mobility Project, SUMPs) u miżuri li jtejbu l-aċċessibbiltà	Stadju importanti	L-iffirmar tal-kuntratti għax-xogħol ta' kostruzzjoni ta' infrastruttura tat-trasport sostenibbli u installazzjonijiet anċillari	L-iffirmar tal-kuntratti	-	-	-	Q2	2024	L-iffirmar ta' kuntratti għal (1) il-kostruzzjoni ta' mogħdijiet għar-roti, mogħdijiet għall-karozzi tal-linja u stazzjonijiet tal-parks & ride tal-Proġetti ta' Mobilità Urbana Sostenibbli (SUMP) u (2) il-forniment ta' installazzjonijiet anċillari relatati mat-trasport sostenibbli, inklużi faċilitajiet tal-parkeġġ tar-roti u qsim għal persuni bil-mixi, ċiklisti u/jew persuni b'diżabiltà.
58	C2.2I1 L-implimentazzjon	Mira	It-tlestija ta' xogħol ta' kostruzzjoni għal	-	Numru	0	62	Q1	2026	It-tlestija ta' xogħol ta' kostruzzjoni għal mill-inqas 62 km ta' rotot tat-trasport sostenibbli, inkluż mill-inqas 40 km ta' rotot bir-roti, mill-

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	i ta' Proġetti ta' Mobilità Urbana Sostenibbli (Sustainable Urban Mobility Project, SUMPs) u miżuri li jtejbu l-aċċessibbiltà		mill-inqas 62 km ta' rotot tat-trasport sostenibbli							inqas 14 km ta' korsiji għall-karozzi tal-linja u mill-inqas 8 km ta' passaġġi għall-mixi.
59	C2.2I1 L-implimentazzjoni ta' Proġetti ta' Mobilità Urbana Sostenibbli (Sustainable Urban Mobility Project, SUMPs) u miżuri li jtejbu l-aċċessibbiltà	Mira	It-tlestija ta' xogħol ta' kostruzzjoni għal mill-inqas 645 installazzjoni anċillari relatati mat-trasport sostenibbli	-	Numru	0	645	Q1	2026	It-tlestija tax-xogħol ta' kostruzzjoni għal mill-inqas 645 installazzjoni anċillari relatati mat-trasport sostenibbli, inkluż mill-inqas ħames parks u stazzjonijiet tar-rikbiet, mill-inqas 40 qasma, mill-inqas 300 rampa, mill-inqas 300 ċentru tal-parkeġġ tar-roti.
60	C2.2I2 Il-ħolqien ta' infrastruttura għall-elettromobiltà	Mira	L-installazzjoni ta' mill-inqas 330 punt tal-iċċarġjar bis-saħħa tal-appoġġ mogħti	-	Numru	0	330	Q4	2023	Bis-saħħa tal-appoġġ mogħti mill-iskema ta' appoġġ, inxtraw u ġew installati mill-inqas 330 punt tal-iċċarġjar f'binjiet pubbliċi, awtoritajiet lokali, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u/jew unitajiet domestiċi privati.
61	C2.2I2 Il-ħolqien ta' infrastruttura għall-elettromobiltà	Mira	L-installazzjoni ta' mill-inqas 1 200 punt tal-iċċarġjar bis-saħħa tal-appoġġ	-	Numru	330	1 200	Q4	2025	Bis-saħħa tal-appoġġ mogħti mill-iskema ta' appoġġ, inxtraw u ġew installati mill-inqas 1 200 punt tal-iċċarġjar (bħall-iċċarġjar normali, doppju, rapidu u fotovoltajku) f'binjiet pubbliċi, awtoritajiet lokali, intrapriżi żgħar u ta' daqs

Numru Sekwenzjali	Miżura relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
			mogħti							medju (SMEs) u/jew unitajiet domestiċi privati.
62	C2.2I3 Il-promozzjoni tal-użu mifrux tal-Vetturi Elettriċi (EVs)	Mira	Ix-xiri ta' vetturi elettriċi, roti elettriċi (mill-inqas 2 050), minħabba l-appoġġ mogħti	-	Numru	0	2 050	Q4	2023	Bis-saħħa tal-appoġġ mogħti mill-iskema ta' appoġġ, inxtraw mill-inqas 2 050 vettura elettrika tal-kategoriji M1, M2–3, N, L1e-L7e u roti.
63	C2.2I3 Il-promozzjoni tal-użu mifrux tal-Vetturi Elettriċi (EVs)	Mira	Ix-xiri ta' vetturi elettriċi, roti elettriċi (mill-inqas 5 750), minħabba l-appoġġ mogħti	-	Numru	2 050	5 750	Q4	2025	Bis-saħħa tal-appoġġ mogħti mill-iskema ta' appoġġ, inxtraw mill-inqas 5 750 vettura elettrika tal-kategoriji M1, M2–3, N, L1e-L7e u roti.
64	C2.2I3 Il-promozzjoni tal-użu mifrux tal-Vetturi Elettriċi (EVs)	Mira	L-iskreppjar ta' vetturi b'emissjonijiet għoljin bis-saħħa tal-appoġġ mogħti	-	Numru	0	1 000	Q4	2023	Bis-saħħa tal-appoġġ mogħti mill-iskema ta' appoġġ, mill-inqas 1 000 vettura b'emissjonijiet għoljin ġew skreppjati u sostitwiti minn roti elettriċi, biljetti tal-karozzi tal-linja annwali u vetturi b'emissjonijiet baxxi jew mingħajr emissjonijiet (inqas minn 50 g CO_2/km).
65	C2.2I3 Il-promozzjoni tal-użu mifrux tal-Vetturi Elettriċi (EVs)	Mira	L-iskreppjar ta' vetturi b'emissjonijiet għoljin bis-saħħa tal-appoġġ mogħti	-	Numru	1 000	3 150	Q4	2025	Bis-saħħa tal-appoġġ mogħti mill-iskema ta' appoġġ, mill-inqas 3 150 (sa 3 500) vettura b'emissjonijiet għoljin skrappjati u sostitwiti minn roti elettriċi, biljett(i) tal-karozzi tal-linja annwali u vetturi b'emissjonijiet baxxi (anqas minn 50 g CO_2/km).

D. KOMPONENT 2.3: IL-ĠESTJONI INTELLIĠENTI U SOSTENIBBLI TAL-ILMA

Dan il-komponent tal-pjan Ċiprijott għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-ineffiċjenzi fil-ġestjoni tal-ilma. L-objettivi ta' dan il-komponent huma li jiżgura provvista adegwata u mingħajr interruzzjoni ta' ilma tax-xorb ta' kwalità tajba, filwaqt li jimmassimizza l-infrastruttura għas-sistemi ta' ġbir tad-drenaġġ, it-trattament tad-drenaġġ u l-użu mill-ġdid ta' effluwent ittrattat fl-agrikoltura; it-tnaqqis tat-telf tal-ilma, tal-ilma li jintilef qabel jilħaq lill-konsumatur u l-estrazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, it-titjib tal-effiċjenza operattiva tas-servizzi li jiġu pprovduti lill-konsumaturi permezz ta' avvanzi teknoloġiċi u l-istabbiliment tat-trasparenza fit-tranżazzjonijiet finanzjarji.

Il-komponent jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar il-ġestjoni tal-ilma (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2020 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4, 2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

D.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C2.3R1): Ir-Riforma tal-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Ilma

L-għan tal-miżura huwa li tiddefinixxi azzjonijiet li jindirizzaw id-dgħufijiet strutturali fil-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma f'Ċipru u li ttejjeb l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tagħha.

Ir-riforma tikkonsisti fl-istabbiliment ta' Grupp ta' Ħidma ta' livell għoli (il-"Grupp ta' Ħidma") immexxi mill-Ministeru tal-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent b'parteċipanti mill-Ministeru tal-Intern, il-Ministeru tal-Finanzi, id-Direttorat Ġenerali għall-Programmi Ewropej, il-Koordinazzjoni u l-Iżvilupp u l-Bordijiet kollha tal-Ilma u d-Drenaġġ kif ukoll korpi ta' koordinazzjoni tal-Amministrazzjoni Lokali biex jirrappreżentaw lill-partijiet interessati kollha fil-ġestjoni nazzjonali tal-ilma. Il-Grupp ta' Ħidma għandu jservi bħala l-korp għall-kooperazzjoni bejn id-diversi awtoritajiet tal-ġestjoni tal-ilma u bħala korp ta' koordinazzjoni u monitoraġġ għall-implimentazzjoni tal-investimenti u l-azzjonijiet li għandhom jiġu proposti. Il-grupp ta' Ħidma għandu jipproponi pjan ta' azzjoni bil-miżuri regolatorji u ta' adattament meħtieġa li għandhom jiġu implimentati fl-10 snin sa 15-il sena li ġejjin. L-objettivi tal-pjan ta' azzjoni ssuġġerit għandhom ikunu (i) li tiżdied l-effiċjenza operazzjonali permezz ta' fużjonijiet tad-Distrett tal-Ilma u Bordijiet tad-Drenaġġ, (ii) li jitnaqqas l-ilma mingħajr dħul, (iii) li jittejjeb l-użu tal-ilma, u (iv) li jissaħħu s-sikurezza u l-operat sostenibbli tal-infrastrutturi tad-Dipartiment tal-Iżvilupp tal-Ilma. Il-grupp ta' Ħidma għandu jikkoordina u jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni u għandu jipprovdi l-assistenza teknika meħtieġa lill-awtoritajiet rilevanti tal-ġestjoni tal-ilma biex iwettqu l-miżuri ta' riforma kif ukoll l-investimenti inklużi fil-komponent.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

Investiment 1 (C2.3I1): Is-sostituzzjoni tal-Conveyor bejn Choirokitia u Famagusta

L-għanijiet tal-miżura huma li tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista tal-ilma permezz ta' infrastruttura tat-trasport imtejba b'kapaċità akbar tal-kanal bejn is-sorsi ewlenin tal-ilma (bħall-impjanti tat-trattament tal-ilma) u ż-żoni tal-konsum. L-investiment għandu jikkontribwixxi wkoll biex jimminimizza t-telf tal-ilma u l-okkorrenza ta' fallimenti,

itejjeb il-kwalità tal-ilma billi jħallat ilma desalinat u raffinat qabel ma jasal għand il-konsumaturi finali, u jikseb iffrankar tal-enerġija permezz ta' tnaqqis fl-ippumpjar tal-ilma.

Il-miżura tikkonsisti fil-kostruzzjoni ta' sostituzzjoni tal-conveyer tal-ilma eżistenti. Il-proġett għandu jinkludi t-twettiq ta' studji topografiċi u valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali. Wara l-passi preliminari msemmija hawn fuq u l-ħruġ tal-permessi meħtieġa, id-Dipartiment tal-Iżvilupp tal-Ilma għandu jassenja x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni lil kuntrattur li għandu jintgħażel permezz ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku biex iwettaq ix-xogħlijiet.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 2 (C2.3I2): Impjanti għat-Trattament tal-Ilma: L-aġġornament tat-titjib fil-kwalità tal-ilma

L-għanijiet tal-miżura huma li ttejjeb il-kwalità tal-ilma, tnaqqas il-konsum tal-enerġija u l-ispiża tal-produzzjoni tal-ilma tax-xorb billi tillimita l-ħtieġa għad-desalinizzazzjoni tal-ilma, kif ukoll tnaqqas l-interruzzjonijiet fil-provvista u d-distribuzzjoni tal-ilma.

Il-miżura tikkonsisti fir-rinnovazzjoni tal-Impjanti tat-Trattament tal-Ilma ta' Limassol, Asprokremmos, Tersefanou, Kornos u Kannaviou. Dan għandu jinkludi s-sostituzzjoni tal-infrastruttura eżistenti tal-klorinazzjoni għal dawn il-ħames Impjanti tat-Trattament tal-Ilma, l-installazzjoni ta' unitajiet tal-illostrar tal-karbonju attivat għal Limassol, Asprokremmos u l-Impjanti tat-Trattament tal-Ilma ta' Tersefanou, l-estensjoni tal-kapaċità tal-Impjant tat-Trattament tal-Ilma tal-Asprokremmos b' 10 000 m^3 kuljum u l-aġġornament tas-sistema ta' monitoraġġ u kontroll kif ukoll is-sistema ta' awtomatizzazzjoni tagħha.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha ssir sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 3 (C2.3I3): Is-Sistema Integrata ta' Monitoraġġ u Ġestjoni tal-Kontroll għall-infrastruttura tad-Dipartiment tal-Iżvilupp tal-Ilma

L-għan tal-miżura huwa li ttejjeb l-effiċjenza tal-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma u żżid il-kapaċità operattiva tal-awtoritajiet kompetenti. Il-miżura għandha l-għan li tnaqqas ir-riskju ta' tfixkil tan-negozju billi tiżgura d-diversi sistemi kontra l-attakki ċibernetiċi u fiżiċi, tnaqqas il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra billi żżid l-effiċjenza, tnaqqas l-ilma mhux bi dħul fl-irrigazzjoni billi ttejjeb l-infrastruttura u l-kapaċità ta' monitoraġġ u tnaqqas ir-riskju ta' impatt għoli ta' avvenimenti ta' kontaminazzjoni u l-impatt ta' avvenimenti ta' nixfa fit-tul billi timmaniġġa mill-qrib ir-riżorsi tal-ilma u t-tbassir.

Il-miżura tikkonsisti fil-ħolqien ta' pjattaforma integrata li għandha tkun magħmula minn għadd ta' sottosistemi fejn kull waħda minnhom għandha tindirizza sfidi ewlenin, inklużi l-kwalità tal-ilma, il-ġestjoni tal-għargħar, il-ġestjoni tad-domanda għall-ilma u l-allokazzjoni tal-ilma għal skopijiet ta' irrigazzjoni, l-effiċjenza enerġetika kif ukoll is-sigurtà ċibernetika u fiżika. L-implimentazzjoni tal-miżuri għandha tinkludi: (i) l-installazzjoni ta' 500 senser idrawliku u ta' kwalità fil-lagi, fil-ġibjuni, fix-xmajjar kollha, kif ukoll fin-network tat-trasport bl-ilma, sal-livell tal-komunitajiet; (ii) l-installazzjoni ta' arloġġi tal-enerġija għall-monitoraġġ tal-konsum tal-enerġija tal-istazzjonijiet tal-ippumpjar li għandhom jiġu trażmessi u maħżuna f'bażi tad-*data*; (iii) pjattaforma ta' software marbuta ma' analitika u metodi intelliġenti li jgħinu fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fir-rigward tal-produzzjoni tal-ilma minn sorsi differenti (desalinizzazzjoni u trattament tal-ilma minn ġibjuni) li tqis is-sigurtà tal-provvista tal-ilma, l-ispiża tal-

produzzjoni tal-ilma f'sistemi differenti u t-tbassir tan-nixfa. Barra minn hekk, il-miżura għandha tindirizza l-isfidi tas-sigurtà ċibernetika u fiżika permezz ta' għodod għat-titjib tal-protezzjoni tas-sistemi tal-ICT. Il-proġett għandu jiġi implimentat permezz tas-sekwenza ta' azzjonijiet li ġejja: analiżi dettaljata tar-rekwiżiti bl-għajnuna ta' konsulenti speċjalizzati; l-akkwist u l-installazzjoni ta' tagħmir; u l-implimentazzjoni, il-valutazzjoni u l-ikkummissjonar tas-sottosistemi tal-IT.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 4 (C2.3I4): Il-Ġestjoni tan-Networks tal-Ilma u tad-Drenaġġ Intelliġenti

L-objettiv tal-miżura huwa li ttejjeb l-effiċjenza operazzjonali u enerġetika permezz tad-diġitalizzazzjoni tad-Drenaġġ u d-Drenaġġ ta' Larnaca, il-Bord tal-Ilma ta' Larnaca u l-Bord tal-Ilma ta' Limassol, b'mod partikolari l-aġġornament tal-operat u s-servizzi tal-organizzazzjonijiet u l-integrazzjoni tas-sistemi tal-IT użati attwalment f'sistema unifikata biex joperaw taħt is-servizzi tal-cloud.

Il-miżura tikkonsisti f'serje ta' aġġornamenti intelliġenti u diġitali f'kull waħda mit-tliet organizzazzjonijiet: (i) Il-Bord tad-Drenaġġ u d-Drenaġġ ta' Larnaca għandu jwettaq studju teknoekonomiku biex jimmappja l-impronta tal-enerġija tiegħu u jidentifika l-potenzjal għal tnaqqis fil-konsum tal-enerġija, bħal permezz ta' soluzzjonijiet solari u tal-bijogass. Għandu jinstalla wkoll miters, sensuri u sistemi intelliġenti għar-reġistrazzjoni tal-bilanċ idroloġiku biex jippermetti d-detezzjoni f'waqtha ta' pipelines bil-ħsara u l-monitoraġġ ta' patoġeni. (ii) Il-Bord tal-Ilma ta' Larnaca għandu jinstalla sensuri tal-kwalità u tal-pressjoni tal-ilma fin-networks ta' distribuzzjoni tiegħu u għalhekk huwa mistenni li jissostitwixxi mill-inqas 50 % tal-miters tal-konsum konvenzjonali tiegħu b'miters intelliġenti. Barra minn hekk, hija għandha tiżviluppa għodda ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet ta' Tewmi Diġtali u bank tad-*data*. Dawn is-sistemi għandhom jiġbdu informazzjoni mis-sensuri installati, miters intelliġenti tal-ilma u sistemi eżistenti li għandhom jiġu kkombinati sabiex jiġu stmati b'mod preċiż il-fluss tal-ilma, il-pressjoni u l-kwalità tal-ilma għad-detezzjoni f'waqtha tal-avvenimenti. (iii) Il-Bord tal-Ilma ta' Limassol għandu jissostitwixxi l-arloġġi tal-konsumatur konvenzjonali b'miters intelliġenti awtomatizzati u jinstalla sensuri tal-pressjoni u tal-kwalità għall-monitoraġġ tal-infrastruttura u l-iviluppar ta' servizzi innovattivi tal-klijent, bħal twissija bikrija fil-każ ta' tnixxija. Barra minn hekk, huwa mistenni li jiddisinja software personalizzat li jintegra l-operazzjonijiet kollha tiegħu i għall-appoġġ ta' teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq id-*data*.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 5 (C2.3I5): Miżuri kontra l-għargħar u għall-ġbir tal-ilma

L-għan tal-miżura huwa li jittaffew l-effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem, l-ambjent, is-siti kulturali u d-dħul minn avvenimenti ta' għargħar permezz tal-ġestjoni tar-riskju ta' għargħar. Objettiv speċifiku li jirriżulta mill-azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati huwa t-tnaqqis tal-erożjoni minn tnixxijiet estremi, kemm f'żoni agrikoli kif ukoll urbani.

Il-miżura tikkonsisti f'serje ta' miżuri kontra l-għargħar u l-ġbir tal-ilma. Ix-xogħlijiet għandhom jikkonċentraw fi tliet żoni, jiġifieri Livadia, Kladeri u ċ-ċentru Nikosija, kif ġej: (i) F'Livadia, il-Muniċipalità ta' Larnaca għandha taġġorna u tinkorpora kanali tal-għargħar, permezz ta' titjib fil-banek tax-xmajjar u tax-xmajjar. (ii) Fiż-żona ta' Kladeri, il-Muniċipalità ta' Ypsonas għandha tibni network sħiħ ta' ġbir tal-ilma tax-xita ta' tul ta' 4 600 metru biex ikopri ż-żona li tispiċċa f' 35 fosos ta' assorbiment. (iii) F'Nikosija, il-Muniċipalità ta' Nikosija diġà għażlet tmien żoni fejn għandha tinbena sistema tad-drenaġġ

kompluta. Ix-xogħlijiet għandhom jinkludu r-rikostruzzjoni tat-toroq u l-bankini u l-espansjoni tan-network tal-ilma tax-xita.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha ssir sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 6 (C2.3I6): It-titjib tas-sigurtà tal-ilma għar-reġjuni ta' Nikosija u Larnaca

L-objettiv tal-miżura huwa li tiżdied l-adegwatezza tal-ilma għall-ħtiġijiet tal-Bordijiet tal-Ilma ta' Nikosija u Larnaca.

Il-miżura tipprevedi il-kostruzzjoni ta' tliet tankijiet tal-ilma tal-Azzar Illinjat bil-Ħġieġ (GLS) ta' total ta' 26 000 m^3 fir-Reġjun ta' Nikosija u l-kostruzzjoni ta' ġibjun tal-ilma ta' 10 000 m^3 f'żona speċifika dežinjata fi Klavdia, Larnaca.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

Investiment 7 (C2.3I7): L-infrastruttura ta' Nikosija tal-Lvant għall-użu mill-ġdid tal-ilma mormi trattat

L-għan tal-miżura huwa li tiżdied il-kapaċità tal-ħażna ta' Impjant għat-Trattament tal-Ilma Mormi fiż-żona Vathia Gonia biex tippermetti l-użu tal-ammont tal-ilma mormi trattat kollu. Dan għandu jinkiseb permezz tal-bini tal-infrastruttura meħtieġa biex l-ilma jintuża immedjatament, filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe rimi u jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' irrigazzjoni eżistenti tal-bdiewa konnessi man-network tal-irrigazzjoni.

Il-proġetti għandhom jiġu implimentati mid-Dipartiment tal-Iżvilupp tal-Ilma u jinvolvu wkoll l-ippumpjar, it-trasport, id-distribuzzjoni u l-ħżin ta' effluwent ittrattat mill-Impjant tat-Trattament tal-Ilma Mormi ta' Vathia Gonia li jinsab fil-Lvant ta' Nikosija. Eventwalment, l-ilma ttrattat għandu jintuża għal skopijiet ta' irrigazzjoni f'reġjuni agrikoli speċifiċi li jinsabu fiż-żona usa' tal-Lvant ta' Nikosija taħt il-kontroll tar-Repubblika ta' Ċipru, u b'hekk jiġi evitat kwalunkwe rimi.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 8 (C2.3I8) Il-protezzjoni tal-ekosistema tal-baħar minn perikli minħabba tixrid ta' żejt

L-għan tal-miżura huwa li jiġu protetti l-ekosistemi tal-baħar permezz ta' aġġornament tal-kapaċità operattiva tad-Dipartiment tas-Sajd u r-Riċerka Marittima biex jirreaġixxi fil-pront, b'mod adegwat u effettiv għal inċidenti mit-tniġġis taż-żejt għat-tniġġis tal-baħar.

Il-miżura tikkonsisti fix-xiri ta' tliet bastimenti tad-deterġenti bil-possibbiltà ta' kumpaniji awtonomi għall-irkupru taż-żejt, li tnejn minnhom għandhom joperaw qrib ix-xatt u l-akbar wieħed fl-ibħra miftuħa, kif ukoll ix-xiri ta' żewġ unitajiet tal-isprejjar tal-arja dispersivi taż-żejt awtonomi.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha ssir sal-31 ta' Diċembru 2025.

D.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
66	C2.3R1 Ir-Riforma tal-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Ilma	Stadju importanti	L-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni dwar il-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma	Il-pubblikazzjoni tal-pjan ta' azzjoni fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent	-	-	-	Q2	2025	L-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni dwar il-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma b'miżuri regolatorji u ta' adattament. L-objettivi tal-pjan ta' azzjoni ssuġġerit għandhom ikunu: (1) li jassisti l-amalgamazzjoni tad-Distrett tal-Ilma u Bordijiet tad-Drenaġġ, (2) li jitnaqqas l-ilma mingħajr dħul (3) li jittejjeb l-użu tal-ilma u (4) li jissaħħu s-sikurezza u l-operat sostenibbli tal-infrastrutturi tad-Dipartiment tal-Iżvilupp tal-Ilma.
67	C2.3I1 Is-sostituzzjoni tal-Conveyor bejn Choirokitia u Famagusta	Stadju importanti	It-tħejjija tad-dokumenti tal-offerti u ħruġ ta' sejħiet għall-offerti	Il-pubblikazzjoni ta' Sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' bdil tal-*conveyor*	-	-	-	Q3	2023	It-tħejjija tad-dokumenti tas-sejħa għall-offerti u l-ħruġ tas-sejħa għall-offerti wara t-tlestija tad-disinn dettaljat tas-sostituzzjoni tal-Choirokitia-Famagusta Conveyor, inkluż il-kont tal-kwantitajiet skont is-surveyor tal-kwantità, it-topografija, il-permessi, studji tekniċi u ambjentali oħra u l-liċenzjar. L-ikkompletar ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali fuq l-Ambjent mil-Liġi tal-Proġetti (127 (I)/2018)/Proċeduri tal-Akkwist Pubbliku (il-Liġi 73 (I)/2016).
68	C2.3I1 Is-sostituzzjoni tal-Conveyor bejn Choirokitia u Famagusta	Mira	L-installazzjoni ta' pipeline ġdid b'tul totali ta' 20 km		Numru	0	20	Q2	2026	It-tlestija tal-kostruzzjoni u l-installazzjoni ta' pipeline ġdid b'tul totali ta' 20 km u t-tħaddim tat-tagħmir. Uffiċċju tal-inġinerija kwalifikat għandu jivverifika x-xogħol imwettaq.
69	C2.3I2 Impjanti	Stadju importanti	It-tlestija tax-xogħlijiet	Ċertifikati maħruġa mill-	-	-	-	Q1	2024	It-tlestija tax-xogħlijiet għall-installazzjoni ta' unitajiet tal-illostrar tal-karbonju attivat ta'

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	għat-Trattament tal-Ilma: L-aġġornament tat-titjib fil-kwalità tal-ilma		għall-installazzjoni ta' unitajiet tal-illostrar tal-karbonju attivat f'Tersefanou, Asprokremmos u Impjanti tat-Trattament tal-Ilma Limassol	inġinier tal-proġett għal kull wieħed mit-tliet kuntratti						a) kapaċità ta' 30 000 m 3 kuljum għall-Impjant għat-Trattament tal-Ilma ta' Tersefanou; b) kapaċità ta' 30 000 m 3 kuljum għall-Impjant għat-Trattament tal-Ilma Asprokremmos; kif ukoll a) kapaċità ta' 20 000 m 3 kuljum għall-Impjant għat-Trattament tal-Ilma ta' Limassol;
70	C2.3I2 Impjanti għat-Trattament tal-Ilma: L-aġġornament tat-titjib fil-kwalità tal-ilma	Mira	It-tlestija ta' xogħlijiet ta' estensjoni u sistema ta' awtomatizzazzjoni fl-Impjant tat-Trattament tal-Ilma ta' Asprokremmos		Numru	0	10 000	Q4	2025	It-tlestija tax-xogħlijiet li tirriżulta fl-estensjoni tal-kapaċità tal-Impjant għat-Trattament tal-Ilma Asprokremmos b' 10 000 m3 kuljum, inkluż l-aġġornament tas-sistema ta' monitoraġġ u kontroll kif ukoll is-sistema ta' awtomatizzazzjoni.
71	C2.3I3 Is-Sistema Integrata ta' Monitoraġġ u Ġestjoni	Stadju importanti	It-tlestija tal-analiżi dettaljata tar-rekwiżiti u d-dokument	L-approvazzjoni ta' analiżi dettaljata tar-rekwiżiti u dokument tad-	-	-	-	Q2	2022	L-analiżi tar-rekwiżiti u d-dokument tad-disinn tas-sistema għandhom jiddeskrivu l-aspetti, il-karatteristiċi u l-funzjonalitajiet kollha tas-sistema, inklużi: sensuri tal-kwalità, sensuri operattivi (bħal fluss, livell u pressjoni), arloġġi tal-enerġija,

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	tal-Kontroll għall-infrastruttura tad-Dipartiment tal-Iżvilupp tal-Ilma		tad-disinn tas-sistema	disinn tas-sistema mill-Kumitat ta' Tmexxija tad-Dipartiment tal-Iżvilupp tal-Ilma						apparati tal-komunikazzjoni, tagħmir tal-IT (hardware, software). L-analiżi dettaljata tar-rekwiżiti u d-disinn tas-sistema għandhom jiddeterminaw in-numru eżatt u t-tip ta' tagħmir meħtieġ għal dan il-proġett.
72	C2.3I3 Is-Sistema Integrata ta' Monitoraġġ u Ġestjoni tal-Kontroll għall-infrastruttura tad-Dipartiment tal-Iżvilupp tal-Ilma	Mira	Il-forniment u l-installazzjoni ta' mill-inqas 50 % tat-tagħmir		% Perċentwal	0	50	Q1	2024	Il-konsenja u l-installazzjoni ta' mill-inqas 50 % tal-għadd totali ta' unitajiet li huma preskritti fl-analiżi Dettaljata tal-Ħtiġiet u fid-disinn tas-sistema (sensuri tal-kwalità, tagħmir ta' komunikazzjoni u miters tal-kwalità).
73	C2.3I3 Is-Sistema Integrata ta' Monitoraġġ u Ġestjoni tal-Kontroll għall-infrastruttura tad-Dipartiment tal-Iżvilupp	Stadju importanti	It-tlestija ta' Sistema Integrata ta' Monitoraġġ u Ġestjoni tal-Kontroll tal-Ilma li tiffunzjona bis-sħiħ	It-tim tal-implimentazzjoni tal-proġett tad-Dipartiment tal-Iżvilupp tal-Ilma u l-uffiċjal responsabbli japprova l-operat u l-funzjonalità tas-sistema kollha	-	-	-	Q2	2026	It-tlestija tas-Sistema Integrata ta' Monitoraġġ u Ġestjoni tal-Kontroll, li għandha tinkludi verifika li s-sistema hija kapaċi tidentifika, fi stadju bikri, avvenimenti li jeħtieġu azzjonijiet immedjati mill-persunal tad-Dipartiment tal-Iżvilupp tal-Ilma. Is-sistema għandha tkun kapaċi tirrispondi awtomatikament għal ċerti avvenimenti u fl-istess ħin twissi lill-operaturi u/jew lill-pubbliku. Is-sistema għandha tkun kapaċi tiġbor u tanalizza ammont kbir ta' *data* li tista' tintuża għat-tbassir u biex tgħin fit-teħid ta' deċiżjonijiet.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	tal-Ilma									
74	C2.3I4 Il-Ġestjoni tan-Networks tal-Ilma u tad-Drenaġġ Intelliġenti	Mira	Il-kunsinna u l-installazzjoni ta' fotovoltajċi fl-Impjant tat-Trattament tal-Ilma Mormi ta' Larnaca		Numru	0	700	Q1	2023	It-twassil u l-installazzjoni ta' tagħmir fotovoltajku fl-Impjant ta' Trattament tal-Ilma Mormi ta' Larnaca li jiġġenera enerġija ta' mill-inqas 700KW.
75	C2.3I4 Il-Ġestjoni tan-Networks tal-Ilma u tad-Drenaġġ Intelliġenti	Mira	Il-forniment u l-installazzjoni ta' mill-inqas 200 sensur ta' kwalità u ta' pressjoni		Numru	0	200	Q4	2024	Il-kunsinna u l-installazzjoni ta' mill-inqas 200 senser tal-kwalità u tal-pressjoni fin-networks tal-ilma ta' Larnaca u Limassol.
76	C2.3I4 Il-Ġestjoni tan-Networks tal-Ilma u tad-Drenaġġ Intelliġenti	Mira	L-installazzjoni u t-tħaddim ta' mill-inqas 100 000 miters intelliġenti		Numru	0	100 000	Q2	2026	Mill-inqas 100 000 metru intelliġenti li qed jitħaddmu (li jwasslu qari tal-konsum) u sistema kompluta ta' kejl intelliġenti tal-ilma, sistema ta' monitoraġġ, kif ukoll sistemi installati u operattivi ta' kontroll u appoġġ f'Larnaca u Limassol.
77	C2.3I5 Miżuri kontra l-għargħar u	Stadju importanti	It-tlestija ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni ta' network	It-tim tal-ġestjoni tal-proġett jiċċertifika t-tlestija tal-	-	-	-	Q4	2022	It-tlestija tal-kostruzzjoni tan-network tad-drenaġġ u r-rikostruzzjoni tat-toroq u l-bankini fiż-żoni ta' Agios Antonios, il-belt l-qadima, Likavitos u Agioi Omologites ta' Nikosija b'tul totali ta'

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	għall-ġbir tal-ilma		tad-drenaġġ u rikostruzzjoni ta' toroq u bankini f'żoni ta' Nikosija	kostruzzjoni						madwar 6.5 km.
78	C2.3I5 Miżuri kontra l-għargħar u għall-ġbir tal-ilma	Stadju importanti	It-tlestija ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni għas-sistema ta' ġbir u riċiklaġġ tal-ilma tax-xita fiż-żona ta' Kladeri	It-tim tal-ġestjoni tal-proġett jiċċertifika t-tlestija tal-kostruzzjoni	-	-	-	Q2	2024	It-tlestija tal-kostruzzjoni tas-sistema tal-ġbir u r-riċiklaġġ tal-ilma tax-xita li tkopri żona totali tas-sistema tal-ġbir tal-ilma ta' 4,5 km fiż-żona ta' Kladeri.
79	C2.3I5 Miżuri kontra l-għargħar u għall-ġbir tal-ilma	Stadju importanti	It-tlestija ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni għall-kanal tal-għargħar f'Livadia	It-tim tal-ġestjoni tal-proġett jiċċertifika t-tlestija tal-kostruzzjoni				Q4	2025	It-tlestija ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni għall-kanal tal-għargħar b'kapaċità totali ta' madwar 30 000 m3 f'Livadia.
80	C2.3I6 It-titjib tas-sigurtà tal-ilma għar-reġjuni ta' Nikosija u Larnaca	Mira	It-tlestija tal-kostruzzjoni ta' żewġ ġibjuni tal-azzar miksi tal-ħġieġ		Numru	0	16 000	Q1	2023	It-tlestija tal-kostruzzjoni ta' żewġ ġibjuni tal-azzar miksi tal-ħġieġ b'kapaċità totali ta' 16 000m^3.
81	C2.3I6	Mira	It-tlestija tal-		Numru	16 000	36 00	Q2	2025	It-tlestija tal-kostruzzjoni ta' tliet ġibjuni tal-azzar

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	It-titjib tas-sigurtà tal-ilma għar-reġjuni ta' Nikosija u Larnaca		kostruzzjoni ta' tliet ġibjuni tal-azzar miksi tal-ħġieġ u 1 ġibjun tal-ilma tal-konkrit				0			miksi tal-ħġieġ u ġibjun tal-ilma wieħed tal-konkrit b'kapaċità totali ta' 36 000m³.
82	C2.3I7 L-infrastruttura ta' Nikosija tal-Lvant għall-użu mill-ġdid tal-ilma mormi trattat	Stadju importanti	L-iffirmar tal-kuntratti għall-kostruzzjoni ta' ġibjun għall-ħżin tax-xitwa	Kuntratti ffirmati mill-uffiċjal awtorizzanti	-	-	-	Q4	2022	L-iffirmar tal-kuntratti għall-kostruzzjoni ta' ġibjun għall-ħżin tax-xitwa b'kapaċità ta' mill-inqas 1 400 000 m³, pipelines u xogħlijiet anċillari.
83	C2.3I7 L-infrastruttura ta' Nikosija tal-Lvant għall-użu mill-ġdid tal-ilma mormi trattat	Stadju importanti	It-tlestija u t-twassil ta' infrastruttura tat-trattament tal-ilma mormi kompletament operattiva	L-inġinier tal-proġett joħroġ ċertifikat biex jitlesta l-bini, li jiġi vverifikat mit-tim tal-implimentazzjoni tal-proġett	-	-	-	Q2	2026	Infrastruttura għat-trattament tal-ilma mormi inkluż ġibjun għall-ħżin tax-xitwa b'kapaċità ta' mill-inqas 1 400 000 m³ ta' pipelines u xogħlijiet anċillari kkompletati, imwassla u kompletament operattivi.
84	C2.3I8 Il-protezzjoni tal-	Stadju importanti	Il-kunsinna, l-ispezzjoni tal-kwalità biex tiġi	Ir-rappurtar mill-esperti u l-ħruġ ta' ċertifikat tal-kwalità tal-	-	-	-	Q1	2023	Il-kunsinna, l-ispezzjoni tal-kwalità biex tiġi vverifikata l-effettività operattiva tagħhom u l-aċċettazzjoni ta' tliet bastimenti (bastiment wieħed ta' 25 m tul bejn wieħed u ieħor biex jopera fiż-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	ekosistema tal-baħar minn perikli minħabba tixrid ta' żejt		vverifikata l-effettività operattiva tagħhom u l-aċċettazzjoni ta' tliet bastimenti u żewġ sistemi ta' bexx mill-ajru	effettività operattiva u l-aċċettazzjoni tal-bastimenti u tas-sistemi tal-bexx mill-ajru						Żona Ekonomika Esklussiva Ċiprijotta u żewġ bastimenti ta' 8–11 m tul bejn wieħed u ieħor biex joperaw fl-ilmijiet kostali u żewġ sistemi ta' bexx mill-ajru.

E. KOMPONENT 3.1: MUDELL ĠDID TA' TKABBIR U DIVERSIFIKAZZJONI TAL-EKONOMIJA

Il-komponent jindirizza l-isfidi tal-ekonomija Ċiprijotta fir-rigward tal-kompetittività, il-produttività u l-investiment, kif ukoll id-dipendenza żejda fuq ċerti setturi ekonomiċi, bħat-turiżmu.

L-objettiv tal-komponent huwa li jgħin lill-ekonomija tgħaddi għal mudell ġdid ta' tkabbir ekonomiku (iċ-Ċentru għan-Negozju u l-Kummerċ Sostenibbli tal-Ewropa) billi jindirizza l-isfidi settorjali kif ġej:

Settur Primarju: l-objettiv huwa li jiġi żviluppat settur agrikolu kompetittiv primarjament permezz ta' teknoloġija agrikola u kollaborazzjoni b'saħħitha man-negozji, l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u ċ-ċentri ta' riċerka għall-eċċessi.

Settur Sekondarju: l-objettiv huwa li jiġi żviluppat settur tal-manifattura ħafif kompetittiv li jinkludi enfasi fuq oqsma bħat-teknoloġija ekoloġika u dik agroteknoloġika.

It-turiżmu sostenibbli: l-objettiv huwa li tiġi żviluppata infrastruttura ta' agroturiżmu b'saħħitha u ta' ospitalità sostenibbli u li tattira s-saħħa u t-turisti permezz ta' kura tas-saħħa kompetittiva u ta' reputazzjoni tajba.

L-ekonomija ċirkolari (b'enfasi fuq il-ġestjoni tal-iskart): l-objettiv huwa li jgħin fil-mixja lejn ekonomija ċirkolari billi jsir użu aħjar tal-materja prima, jitnaqqas l-iskart, titqajjem kuxjenza għall-iżvilupp sostenibbli u l-bidla għall-enerġija rinnovabbli sabiex tittaffa l-kriżi klimatika, jiġi protett il-benesseri soċjali u tinbena ekonomija reżiljenti. Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż relatata mal-"iffukar tal-investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali" u "fuq il-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma" (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2020), "il-politika ekonomika relatata mal-investiment tiġi ffukata fuq it-trasport sostenibbli, l-ambjent" u "fuq l-ambjent, b'mod partikolari l-ġestjoni tal-iskart u tal-ilma" (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4, 2019)

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

E.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Subkomponent 3.1.1 Settur primarju reżiljenti u kompetittiv

Riforma 1 (C3.1R1): Imexxu l-prattiki agrikoli mis-Seklu 20 għas-Seklu 21 billi ninvestu f'ċentru nazzjonali għall-eċċellenza fl-agriteknoloġija

L-għan tar-riforma huwa li tindirizza l-isfidi fis-settur primarju, inklużi produttività baxxa u nuqqas ta' għarfien teknoloġiku, billi tistabbilixxi mudell operattiv ċentralizzat permezz ta' kollaborazzjoni b'saħħitha bejn l-Istitut tar-Riċerka Agrikola u l-universitajiet pubbliċi.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-istabbiliment tal-Istitut tar-Riċerka Agrikola ta' Ċipru bħala ċ-ċentru ta' eċċellenza tal-pajjiż fl-agrikoltura, it-trobbija tal-annimali u l-protezzjoni ambjentali u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istitut tar-Riċerka Agrikola u l-universitajiet biex jiġu żviluppati kurrikuli ġodda.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

Riforma 2 (C3.1R2): Pjattaforma online bbażata fuq il-cloud għat-titjib tas-simetrija tal-kummerċ u tal-informazzjoni fil-katina tal-provvista tal-prodotti friski

L-għanijiet tar-riforma huma li jiġu indirizzati l-iżvantaġġi li ilhom jeżistu fil-katina tal-provvista tal-prodotti friski, speċjalment fir-rigward tat-traċċabbiltà, id-distorsjonijiet fil-prezzijiet tas-suq u l-asimmetrija tal-informazzjoni, li ddgħajjef il-pożizzjoni tal-produtturi fis-suq.

Ir-riforma għandha tikkonsisti f'liġi ġdida dwar prattiki inġusti fi tranżazzjonijiet fis-suq lokali tal-prodotti friski u t-tħaddim ta' pjattaforma għar-reġistrazzjoni ta' tranżazzjonijiet fis-suq lokali tal-prodotti friski.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma 3 (C3.1R3): Titjib ġenetiku tal-popolazzjoni tan-nagħaġ u tal-mogħoż ta' Ċipru

L-għan tar-riforma huwa li ttejjeb il-produttività u s-sostenibbiltà tas-settur primarju permezz tal-promozzjoni tal-agroteknoloġija, ir-riproduzzjoni avvanzata u t-titjib ġenomiku tan-nagħaġ u tal-mogħoż biex tiġi ottimizzata l-produzzjoni tal-prodotti tal-ħalib.

Ir-riforma għandha tikkonsisti f'appoġġ għall-bdiewa tan-nagħaġ u tal-mogħoż biex itejbu ż-żamma tar-rekords tagħhom fl-irziezet, il-proċessi tal-produzzjoni tagħhom, l-isforzi għall-evalwazzjoni tal-kwalità tal-prodott u l-parteċipazzjoni fil-proġett AGRICYGEN iffinanzjat nazzjonalment, li għandu jipprovdilhom għarfien u gwida avvanzati dwar il-mertu ġenetiku tal-annimali tagħhom. Dan għandu jippermetti lill-bdiewa jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar ir-riproduzzjoni tal-annimali biex itejbu l-produttività, primarjament f'termini ta' produzzjoni tal-ħalib.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 1 (C3.1I1): Il-kostruzzjoni ta' infrastruttura tal-akkwakultura marittima kollaborattiva (faċilitajiet tal-portijiet u tal-art) fiż-żona kostali ta' Pentakomo

L-objettiv tal-miżura huwa li jiġi kopert id-distakk li ma jkunx hemm biżżejjed infrastruttura tal-port u tal-art għall-ħtiġijiet ta' kuljum ta' din l-attività, billi jiġu koperti l-ħtiġijiet eżistenti kif ukoll futuri ta' aktar minn 70 % tal-unitajiet tal-akkwakultura tal-baħar li joperaw f'Ċipru, bil-għan li dan is-settur jopera bla xkiel. Il-miżura għandha l-għan li żżomm il-vijabbiltà tal-akkwakultura, ittejjeb il-kompetittività tagħha u tipprovdi għall-iżvilupp u l-espansjoni sostenibbli ulterjuri tagħha fil-futur, issaħħaħ ir-reżiljenza, il-kompetittività u l-kontribut tas-settur primarju għall-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomija Ċiprijotta.

L-investiment għandu jikkonsisti fil-bini ta' infrastruttura kollaborattiva għall-akkwakultura tal-baħar fiż-żona ta' Pentakomo, li għandha tkun iddisinjata speċifikament biex takkomoda l-ħtiġijiet tal-attivitajiet tal-akkwakultura tal-baħar lil hinn mill-kosta (bastimenti tas-servizz sikuri li jittrakkaw, żoni ta' manutenzjoni tat-tagħmir, żoni ta' ħżin, żoni ta' tagħbija u ħatt u stazzjon tal-fjuwil). Għandu jkopri l-kostruzzjoni ta' port żgħir bil-faċilitajiet meħtieġa u xierqa fuq l-art li se jkollhom il-kapaċità li jaqdu seba' unitajiet tal-akkwakultura b'madwar 40 bastiment ta' servizz ta' daqsijiet differenti.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

Investiment 2 (C3.1I2): It-titjib tal-bażijiet tad-*data* isotopiċi eżistenti ta' ikel/xorb tradizzjonali lokali Ċiprijott, bl-iżvilupp ta' pjattaforma tal-Block Chain, biex tiġi żgurata l-identità tagħhom

L-għan tal-miżura huwa li jiġu żviluppati mekkaniżmu u metodoloġija ta' verifika xierqa għall-iskop għall-awtentikazzjoni tal-prodotti Ċiprijotti kif ukoll tal-ikel Ewropew b'mod ġenerali, billi jintużaw bażijiet tad-*data* isotopiċi stabbli, u b'hekk jintużaw ir-riċerka u t-teknoloġija. B'mod partikolari, il-miżura għandha tiżviluppa metodoloġija ta' verifika għal mill-inqas tliet oqsma ta' awtentiċità (prodotti tal-ħalib, għasel u spirti) li huma affettwati b'mod sinifikanti minn adulterazzjoni u frodi.

L-investiment għandu jikkonsisti fl-istabbiliment ta' network ta' għarfien espert li għandu jinforma lill-partijiet ikkonċernati regolatorji u tal-produzzjoni dwar kwistjonijiet u problemi ta' awtentiċità tal-ikel, settijiet ta' *data* eżistenti, metodoloġija disponibbli u kondiviżjoni sigura ta' *data* u informazzjoni. Barra minn hekk, għandha tiżviluppa metodoloġija ta' verifika adattata għall-iskop tagħha għal mill-inqas tliet oqsma ta' awtentiċità (prodotti tal-ħalib, għasel u spirti) li huma affettwati b'mod sinifikanti minn adulterazzjoni u frodi. Barra minn hekk, hija għandha tippromwovi t-trasferiment tal-għarfien tal-outputs tal-"IsoDataBase" lill-industrija tal-ikel, lir-regolamentazzjoni, lill-infurzar, lir-riċerka u lill-partijiet ikkonċernati tal-konsumaturi u għandha tibni web konfigurabbli u Pjanar tar-Riżorsi tal-Intrapriżi mobbli li jistgħu jikkonvertu kwalunkwe katina tal-provvista bbażata fuq il-karta għal diġitali.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2025.

Investiment 3 (C3.1I3): It-titjib tal-ħiliet tal-komunità tal-biedja eżistenti u professjonalizzazzjoni tal-forza tax-xogħol futura billi jsir investiment fil-kapital uman

L-għan tal-miżura huwa t-titjib tal-ħiliet tal-komunità tal-biedja, permezz tat-trasferiment tal-għarfien u l-promozzjoni tal-innovazzjoni. B'dan il-mod, għandha l-għan li trawwem settur agrikolu aktar kompetittiv b'potenzjal ogħla, permezz tal-bini tal-kapaċità u t-trasferiment tal-għarfien.

L-investiment għandu jikkonsisti fl-għoti ta' 10 boroż ta' studju fis-settur agrikolu, ta' EUR 10 000 kull wieħed, għall-appoġġ tal-iżvilupp tal-forza tax-xogħol futura fis-settur. Huwa għandu jappoġġa wkoll it-trasferiment tal-għarfien u l-innovazzjoni fil-forza tax-xogħol eżistenti, permezz tal-użu tas-Sistema ta' Għarfien u Innovazzjoni Agrikola b'rabtiet mal-akkademja, li jnaqqas id-distakk bejn l-applikazzjoni prattika minn naħa waħda u l-għarfien, ix-xjenza, l-esperjenza u r-riċerka min-naħa l-oħra.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Subkomponent 3.1.2 Settur sekondarju innovattiv u kompetittiv

Investiment 4 (C3.1I4): Il-bidu tat-twaqqif tal-ewwel Park tax-Xjenza Ekoindustrijali

L-għan tal-miżura huwa li tistabbilixxi l-qafas biex tinkoraġġixxi t-tkabbir ta' investiment dirett f'żona ġdida u tospita raggruppament ta' entitajiet tal-manifattura ħafifa li jiffokaw fuq l-enerġija rinnovabbli (enfasi fuq l-enerġija solari), soluzzjonijiet agroteknoloġiċi, u l-ICT.

L-investiment għandu jikkonsisti fl-approvazzjoni ta' pjan ta' azzjoni mill-Kunsill tal-Ministri, ibbażat fuq studju sottostanti, għall-istabbiliment tal-Park tax-Xjenza Eko-Industrijali. Il-park għandu jkun grupp ta' negozji li jispeċjalizzaw fil-manifattura ta' tagħmir teknoloġiku li jiffoka fuq l-enerġija rinnovabbli (b'mod partikolari l-enerġija solari), soluzzjonijiet agroteknoloġiċi u l-ICT.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2023.

Investiment 5 (C3.1I5): Il-ħolqien ta' Identità Kummerċjali Nazzjonali u l-promozzjoni tal-prodott tradizzjonali "halloumi"

L-għan tal-miżura huwa li jiġi stabbilit isem kummerċjali għall-prodotti Ċiprijotti sabiex tiġi promossa l-esportazzjoni tagħhom.

L-investiment għandu jikkonsisti fl-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni bbażati fuq żewġ studji: (a) waħda dwar il-ħolqien ta' Identità Kummerċjali Nazzjonali "Magħmul f'Ċipru" (branding) li tiffoka fuq il-kwalità u l-karatteristiċi strutturali tal-prodotti u s-servizzi Ċiprijotti flimkien ma' elementi tat-tradizzjoni u l-istorja tal-gżira, u (b) studju għall-implimentazzjoni ta' strateġija għall-ġobon halloumi sabiex jiżdied il-karattru distintiv tiegħu bħala prodott awtentiku ta' Ċipru u titfassal kampanja promozzjonali u ta' sensibilizzazzjoni.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2022.

Investiment 6 (C3.1I6): L-iskema għall-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi involuti fil-manifattura u l-kummerċ ta' prodotti agrikoli

L-għan tal-miżura huwa li ssaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur agrikolu, tippromwovi d-diversifikazzjoni tal-attività ekonomika u fl-aħħar mill-aħħar taċċellera t-tkabbir ekonomiku sostenibbli. Il-miżura għandha l-għan li tinċentiva l-investimenti f'negozji ġodda jew fl-avvanz teknoloġiku ta' negozji eżistenti, u b'hekk tgħinhom idaħħlu fis-suq prodotti mtejba, iżidu l-produttività u jsaħħu l-prospetti ta' tkabbir tagħhom, joħolqu impjiegi lokali u jipprovdu l-bażi għal tkabbir sostnut tal-ekonomija ġenerali.

L-investiment għandu jikkonsisti fl-użu ta' skema ta' għotjiet li għandha tipprovdi għajnuna lil intrapriżi eżistenti u li għadhom kif ġew stabbiliti, speċjalment lill-SMEs, involuti fl-ipproċessar, il-kummerċjalizzazzjoni u l-iżvilupp ta' prodotti agrikoli koperti mill-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, minbarra l-inbid, il-ħall tal-inbid u l-attivitajiet relatati mas-sajd u l-akkwakultura. L-iskema għandha tassisti lill-intrapriżi biex jiffinanzjaw investimenti f'assi tanġibbli jew intanġibbli biex jimmodernizzaw u jtejbu l-faċilitajiet ta' produzzjoni tagħhom, jespandu u jżidu l-kapaċità produttiva tagħhom, jintroduċu teknoloġiji u proċeduri ġodda u jiżviluppaw prodotti agrikoli ġodda jew ta' kwalità ogħla. Il-finanzjament għandu jgħin ukoll lin-negozji jtejbu l-kapaċitajiet diġitali tagħhom, u b'hekk jgħinhom itejbu l-proċessi tagħhom.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

Investiment 7 (C3.1I7): L-iskema għat-titjib tal-kompetittività tal-impriżi l-kbar fis-settur tal-manifattura

L-għan tal-miżura huwa li tgħin lill-impriżi l-kbar bi nfiq kapitali għal sforzi ta' modernizzazzjoni li huma mistennija li jippermettu lil dawn l-intrapriżi jikbru, isiru aktar kompetittivi, joħolqu l-impjiegi u b'hekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiż.

L-investiment għandu jikkonsisti mill-iskema ta' għotjiet sa EUR 7 000 000, biex jiġu żviluppati u promossi intrapriżi kbar eżistenti u ġodda fis-settur tal-manifattura. Kull impriża għandha tirċievi massimu ta' EUR 750 000. L-iskema ta' għotjiet għandha tipprovdi inċentivi lill-impriżi biex iżommu l-attivitajiet u l-impjiegi tagħhom.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tkun konformi mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara" (2021/C58/01), il-kriterji tal-eliġibbiltà fit-termini ta' referenza għas-sejħiet għal proġetti li

jmiss għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejjin[5]: (i) l-attivitajiet relatati ma' fjuwils fossli, fosthom l-użu downstream; (ii) l-attivitajiet fl-ambitu tal-skema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet (ETS, Emission Trading System) li jiksbu emissjonijiet imbassra ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li jkun aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti; (iii) l-attivitajiet relatati ma' skart f'landfills, inċineraturi u impjanti għat-trattament mekkaniku u bijoloġiku; u (iv) l-attivitajiet fejn ir-rimi tal-iskart fit-tul jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss l-attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti nazzjonali jew tal-UE.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Subkomponent 3.1.3 Settur tat-turiżmu sostenibbli b'valur miżjud għoli

Investiment 8 (C3.1I8): It-tisħiħ tal-valur miżjud tas-settur tat-turiżmu b'enfasi fuq il-kampanja, iż-żoni muntanjużi u remoti

L-objettivi tal-investiment huma li jarrikkixxi l-prodott tat-turiżmu, jattira swieq ġodda, filwaqt li jnaqqas l-istaġjonalità u jtejjeb l-ambjent mibni fil-kampanja, fiż-żoni muntanjużi u remoti.

L-investiment għandu jikkonsisti f'appoġġ ta' għotja lil tliet kategoriji ta' negozji: (1) SMEs fl-industrija tal-akkomodazzjoni, bħal lukandi, fil-kampanja, f'żoni muntanjużi u remoti għal proġetti ta' rinnovazzjoni, (2) ristoranti tradizzjonali jew negozji li jbigħu prodotti tradizzjonali, li għandhom jiġu inklużi fit-tikketta "Taste of Cyprus", għal xogħlijiet ta' rinnovazzjoni, u (3) SMEs fl-industrija tal-akkomodazzjoni, bħal lukandi, biex jinkludu faċilitajiet mediċi u ta' għajxien assistit.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 9 (C3.1I9): Il-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari fl-istabbilimenti tal-lukandi

L-objettivi tal-investiment huma li tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni tal-mudell kummerċjali tal-lukandi għal ċirkulari, jew li jiġu żviluppati prodotti jew servizzi ċirkolari.

L-investiment jikkonsisti f'dijanjostika, rakkomandazzjonijiet, taħriġ u kkowċjar, u monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jwasslu għaċ-ċertifikazzjoni.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

Investiment 10 (C3.1I10): L-arrikkiment tal-prodott turistiku f'żoni rurali, muntanjużi u remoti

L-objettiv tal-investiment huwa li jappoġġa l-ekonomija f'żoni rurali, muntanjużi u remoti, billi jiżviluppa l-offerta ta' attivitajiet għall-viżitaturi, bħal sessjonijiet ta' ħidma, dimostrazzjonijiet diretti u souvenirs tradizzjonali. Għandha l-għan li ssaħħaħ id-diversifikazzjoni tas-settur tat-turiżmu, toħloq l-impjiegi, tnaqqas il-migrazzjoni.

L-investiment jikkonsisti fi (i) il-ħolqien ta' "Rotta Awtentika tal-Esperjenza" ta' 300 kilometru, li għandha tgħaddi minn partijiet muntanjużi, rurali u remoti tal-pajjiż, u (ii) tagħti appoġġ lill-intrapriżi u l-bordijiet lokali tal-komunità għar-restawr fuq skala limitata ta' bini privat u pubbliku u li fil-biċċa l-kbira tagħtihom skop ġdid sabiex jospitaw negozji mikro u żgħar fis-setturi kreattivi u tal-manifattura, bħal artisti, artiġjanat u prodotti tradizzjonali.

[5] In-noti kollha f'qiegħ il-paġna li jinsabu fit-test dwar il-Miżura C2.1I4 huma applikabbli wkoll għal din il-miżura.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha ssir sal-31 ta' Diċembru 2025.

Subkomponent 3.1.4 Ekonomija ċirkolari

Riforma 4 (C3.1R4): It-tisħiħ tal-ekonomija ċirkolari fl-industrija

L-għan tal-miżura huwa li jissaħħaħ il-mudell tal-ekonomija ċirkolari fil-pajjiż permezz tal-implimentazzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni konkret. Il-pjan ta' Azzjoni għandu jinkludi skema ta' għotjiet biex jissaħħaħ l-investiment tan-negozju fl-ekonomija ċirkolari, kif ukoll azzjonijiet bħal (i) is-sensibilizzazzjoni fost il-konsumaturi u l-komunità tan-negozju rigward il-benefiċċji ta' prodotti ċirkolari lejn l-ambjent u dwar il-punti b'saħħithom u l-opportunitajiet ta' negozju li toffri l-ekonomija ċirkolari, (ii) l-għoti ta' servizzi ta' konsulenza dwar id-dijanjostika tan-negozju, l-ikkowċjar tan-negozju, it-taħriġ tal-impjegati u t-tħejjija ta' pjan direzzjonali għat-tranżizzjoni lejn iċ-ċirkolarità, u (iv) il-kondiviżjoni ta' pjattaforma tas-suq għall-ekonomija ċirkolari biex jiġu konnessi l-provvista u d-domanda ta' materjali,

L-iskema tal-għotjiet għandha tkun miftuħa għall-SMEs li qed jimmiraw li jidħlu f'mudell ċirkolari operazzjonali. L-għotjiet jistgħu jitilgħu sa EUR 317 500 għal kull benefiċjarju, li jkopru sa 60 % tal-kost tal-investiment imġarrab minn kull SME. Din l-iskema ta' għotjiet għandha tiġi implimentata.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tkun konformi mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara" (2021/C58/01), il-kriterji tal-eliġibbiltà fit-termini ta' referenza għas-sejħiet għal proġetti li jmiss għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejjin[6]: (i) l-attivitajiet relatati ma' fjuwils fossli, fosthom l-użu downstream; (ii) l-attivitajiet fl-ambitu tal-skema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet (ETS, Emission Trading System) li jiksbu emissjonijiet imbassra ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li jkun aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti; (iii) l-attivitajiet relatati ma' skart f'landfills, inċineraturi u impjanti għat-trattament mekkaniku u bijoloġiku; u (iv) l-attivitajiet fejn ir-rimi tal-iskart fit-tul jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss l-attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti nazzjonali jew tal-UE.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma 5 (C3.1R5): It-twaqqif ta' Korp ta' Koordinazzjoni bejn il-gvern ċentrali u dak lokali

L-objettiv tal-miżura huwa li ttejjeb il-ġestjoni tal-iskart lejn il-prevenzjoni tal-iskart u l-ġbir separat, u b'hekk tikkontribwixxi għall-konformità mad-direttivi tal-UE dwar il-ġestjoni tal-iskart kif ukoll tippromwovi l-ekonomija ċirkolari. Ir-riforma għandha tipprovdi mekkaniżmu li jappoġġa lill-awtoritajiet lokali kemm teknikament kif ukoll finanzjarjament, jgħinhom jikkollaboraw mal-gvern ċentrali, joħolqu għarfien espert u jisfruttaw l-opportunitajiet ta' finanzjament fil-qasam tal-immaniġġar tal-iskart.

Ir-riforma tikkonsisti fl-istabbiliment ta' Korp ta' Koordinazzjoni bejn il-gvern ċentrali u dak lokali li għandu jippromwovi attivitajiet fil-ġerarkija tal-immaniġġar tal-iskart u l-pjan tal-immaniġġar tal-iskart u jappoġġa lill-awtoritajiet lokali f'din il-perspettiva. Hija għandha tipparteċipa wkoll fi programmi ta' riċerka, tappoġġa programmi pilota u twettaq kampanji ta' edukazzjoni u informazzjoni mmirati lejn il-prevenzjoni tal-iskart u s-separazzjoni tal-iskart, kif ukoll iżżomm il-bażi tad-*data* ta' programmi u proġetti fil-qasam tal-immaniġġar tal-iskart.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

[6] In-noti kollha f'qiegħ il-paġna li jinsabu fit-test dwar il-Miżura C2.1I4 huma applikabbli wkoll għal din il-miżura.

Investiment 11 (C3.1I12): Il-ġestjoni tal-iskart lejn ekonomija ċirkolari

L-għan tal-miżura huwa li tikkontribwixxi b'mod effettiv biex jiżdiedu l-isforzi lejn l-użu mill-ġdid kif ukoll ir-riċiklaġġ tal-bijoskart u tar-riċiklaturi niexfa. L-investiment għandu l-għan li jgħin fil-kisba ta' miri għat-tnaqqis tal-bijoskart, iżid il-prevenzjoni tal-iskart bħala l-aktar mod importanti biex tittejjeb l-effiċjenza tar-riżorsi u jitnaqqas l-impatt ambjentali tal-iskart.

L-investiment jikkonsisti fi tliet studji. (i) id-distribuzzjoni ta' 50 magna żgħira u medja li tqalleb il-kompost u 2 000 kompost domestiku f'komunitajiet rurali u semirurali għall-iffaċilitar tal-ġbir separat u t-trattament xieraq tal-bijoskart, (ii) l-iżvilupp, l-istabbiliment, l-installazzjoni u t-tħaddim ta' 50 kjosk ekoloġiku għar-riċiklabbli niexfa biex jgħinu lill-muniċipalitajiet f'żoni remoti jtejbu l-iskemi tal-ġestjoni tal-iskart tagħhom, u (iii) il-kostruzzjoni u l-operat ta' żewġ Ċentri ta' Użu mill-Ġdid u Repair f'postijiet strateġiċi f'Ċipru li jistgħu jservu lill-5-il reġjun kollha flimkien ma' network assoċjat ta' impjiegi ekoloġiċi u l-ħolqien ta' ħwienet ta' użu mill-ġdid biex jittejjeb l-użu effiċjenti ta' riżorsi u jinħoloq potenzjal li jinħolqu impjiegi ekoloġiċi lokali.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha ssir sal-31 ta' Diċembru 2025.

E.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
85	C3.1R1 Imexxu l-prattiki agrikoli mis-Seklu 20 għas-Seklu 21 billi ninvestu f'ċentru nazzjonali għall-eċċellenza fl-agriteknoloġija	Stadju importanti	Kooperazzjoni bejn l-Istutagrikultura tar-Riċerka fl-Agrikolatura u universitajiet pubbliċi, għal programmi MSc u PhD konġunti	Id-dħul fis-seħħ tal-ftehim(iet) ta' kooperazzjoni ffirmati	-	-	-	Q4	2022	Id-dħul fis-seħħ ta' dokument (i) legalment vinkolanti li jistabbilixxi (w) il-kollaborazzjoni għal programmi konġunti MSc u PhD iffirmati bejn l-Istitut tar-Riċerka Agrikola u l-universitajiet pubbliċi.
86	C3.1R1 Imexxu l-prattiki agrikoli mis-Seklu 20 għas-Seklu 21 billi ninvestu f'ċentru nazzjonali għall-eċċellenza fl-agriteknoloġija	Stadju importanti	Masters u/jew PhDs konġunti ġodda fil-qasam usa' tal-Agrikoltura	It-tħabbir tal-midja u komunikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti	-	-	-	Q2	2023	Ir-reġistrazzjoni ta' studenti u l-bidu ta' Masters u/jew PhDs konġunti ġodda fil-qasam usa' tal-Agrikoltura
87	C3.1R2 Pjattaforma online bbażata fuq il-cloud għat-titjib tas-simetrija tal-kummerċ u tal-informazzjoni fil-katina tal-provvista tal-prodotti friski	Stadju importanti	Il-liġi dwar il-prattiki żleali fit-tranżazzjonijiet fis-suq lokali tal-prodotti friski	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi l-ġdida dwar il-prattiki żleali fit-tranżazzjonijiet fis-suq lokali tal-prodotti friski	-	-	-	Q2	2022	Id-dħul fis-seħħ ta' liġi ġdida li għandha tindirizza prattiki kummerċjali inġusti fi tranżazzjonijiet fis-suq tal-prodotti friski lokali, bħal emendi unilaterali u retroattivi għall-kuntratti, kanċellazzjonijiet tal-aħħar minuta, skadenzi ta' pagament itwal minn 30 jum, pagament għal prodotti danneġġati jew mhux mibjugħa u azzjonijiet oħra li jaffettwaw lil dawk involuti fil-katina tal-produzzjoni u tad-distribuzzjoni ta' prodotti agrikoli.
88	C3.1R2	Stadju	Il-pjattaforma	Il-pjattaforma	-	-	-	Q2	2024	Il-pjattaforma kompletament operattiva għar-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	Pjattaforma online bbażata fuq il-cloud għat-titjib tas-simetrija tal-kummerċ u tal-informazzjoni fil-katina tal-provvista tal-prodotti friski	importanti	għar-reġistrazzjoni tat-tranżazzjonijiet fis-suq lokali tal-prodotti friski	disponibbli fuq is-sit web tal-Istitut tar-Riċerka Agrikola tad-disponibbiltà u l-komunikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti						reġistrazzjoni tat-tranżazzjonijiet fis-suq lokali tal-prodotti friski għandha tkun disponibbli fuq is-sit web tal-Istitut għar-Riċerka Agrikola.
89	C3.1R3 Titjib ġenetiku tal-popolazzjoni tan-nagħaġ u tal-mogħoż ta' Ċipru	Mira	It-titjib taż-żamma tar-rekords fl-irziezet u l-parteċipazzjoni tal-bdiewa fil-proġett AGRICYGEN	-	Numru	0	40	Q4	2023	Mill-inqas 40 bidwi aġġornaw iż-żamma tar-rekords tagħhom fl-azjenda agrikola, il-proċessi tal-produzzjoni tagħhom, l-isforzi għall-evalwazzjoni tal-kwalità tal-prodotti u pparteċipaw fil-proġett AGRICYGEN iffinanzjat nazzjonalment.
90	C3.1R3 Titjib ġenetiku tal-popolazzjoni tan-nagħaġ u tal-mogħoż ta' Ċipru	Mira	L-adozzjoni ta' proċessi avvanzati ta' reġistrazzjoni u evalwazzjoni ġenomika, u għażla tal-annimali bl-aħjar prestazzjoni	-	Numru	0	15 000	Q2	2026	Il-bdiewa jkunu adottaw proċessi avvanzati ta' reġistrazzjoni u evalwazzjoni ġenomika, u jkunu għażlu l-annimali bl-aħjar prestazzjoni fuq il-bażi tar-riżultati tal-analiżi ġenomika għal mill-inqas 15 000 annimal.
91	C3.1I1 Il-kostruzzjoni tal-akkwakultura tal-baħar	Stadju importanti	Il-kostruzzjoni tal-akkwakultura marittima kollaborattiva	L-iffirmar tal-kuntratt	-	-	-	Q1	2023	L-iffirmar tal-kuntratt għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura tal-akkwakultura marittima kollaborattiva (faċilitajiet tal-portijiet u tal-art) li għandha tkun imfassla speċifikament għall-attività tal-akkwakultura.
92	C3.1I1 Il-kostruzzjoni tal-	Stadju importanti	Infrastruttura kollaborattiva	L-iffirmar ta' Dikjarazzjoni	-	-	-	Q1	2026	It-twassil ta' Infrastruttura tal-akkwakultura marittima kollaborattiva kompletament

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	akkwakultura tal-baħar		operattiva tal-akkwakultura tal-baħar	mill-Awtorità Kontraenti dwar it-twassil u t-tħaddim tal-infrastruttura żviluppata						funzjonali/operattiva (faċilitajiet tal-portijiet u tal-art) li għandha tkun imfassla speċifikament għall-attività tal-akkwakultura u għandha tkopri l-ħtiġijiet ta' aktar minn 70 % tal-unitajiet tal-akkwakultura tal-baħar li joperaw f'Ċipru.
93	C3.1I2 It-titjib tal-bażi tad-*data* isotopika ta' prodotti Ċiprijotti tradizzjonali.	Stadju importanti	Kromatografija Likwanti- Tagħmir tal-Ispettrometru tal-Massa tal-Proporzjon Isotopiku (LC-IRMS)	L-iffirmar tad-dikjarazzjoni tal-aċċettazzjoni tat-tagħmir għall-kwalità u l-ħin standard speċifikati fid-dokumenti tal-offerta u fil-kuntratt iffirmat	-	-	-	Q4	2021	Ix-xiri u l-installazzjoni ta' Kromatografija Likwida Ġdida — Spettrometru tal-Massa tal-Proporzjon Isotopiku (LC-IRMS) għal karatterizzazzjoni iżotopika.
94	C3.1I2 It-titjib tal-bażi tad-*data* isotopika ta' prodotti Ċiprijotti tradizzjonali.	Mira	L-ikel/xorb tradizzjonali lokali konness mas-sistema	-	Numru	0	10	Q1	2025	Bażijiet ta' *data* integrati Isotopiċi (għal mill-inqas 10 ikel/xorb tradizzjonali/lokali) konnessi ma' sistema Blockchain.
95	C3.1I3 It-titjib tal-ħiliet eżistenti u futuri tal-bdiewa	Mira	L-għoti ta' borż ta' studju	-	Numru	0	5	Q4	2022	Mill-inqas ħames borż ta' studju mogħtija lil gradwati tal-iskola sekondarja biex jistudjaw korsijiet ta' lawrja relatati mal-agrikoltura, f'kooperazzjoni mad-Dipartiment tal-Agrikoltura, l-Istitut tar-Riċerka Agrikola u l-universitajiet lokali.
96	C3.1I4 Il-bidu tat-twaqqif tal-Park tax-Xjenza	Stadju importanti	Pjan ta' Azzjoni għall-Park tax-Xjenza	Il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-	-	-	-	Q3	2023	L-approvazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri ta' Pjan ta' Azzjoni għall-istabbiliment tal-Park tax-Xjenza Eko-Industrijali

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	Ekoindustrijali			Ministri u tal-pjan ta' azzjoni						
97	C3.1I5 Il-ħolqien ta' Identità Kummerċjali Nazzjonali u l-promozzjoni tal-prodott tradizzjonali "halloumi"	Stadju importanti	Pjanijiet ta' Azzjoni għal (a) il-marka "made in Cyprus", u (b) għall-promozzjoni tal-ġobon halloumi	Il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri u tal-pjan ta' azzjoni	-	-	-	Q1	2022	L-adozzjoni mill-Kunsill tal-Ministri tal-Pjanijiet ta' Azzjoni li għandhom jikkonsistu minn: (1) għajnuna lin-negozji biex jippromwovu l-prodotti u s-servizzi tagħhom fuq il-bażi tal-marka "made in Cyprus", u (2) iż-żieda fid-distintività tal-ġobon halloumi bħala prodott awtentiku ta' Ċipru u t-tfassil ta' kampanja promozzjonali u ta' sensibilizzazzjoni għalih.
98	C3.1I6 L-iskema għall-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi involuti fil-manifattura u l-kummerċ ta' prodotti agrikoli	Mira	Għotjiet lill-SMEs impenjati fil-kummerċ u l-produzzjoni ta' prodotti agrikoli	-	Numru	0	65	Q4	2024	L-għoti ta' għotjiet lil mill-inqas 65 Impriżi Żgħar u Medji involuti fil-manifattura u l-kummerċ ta' prodotti agrikoli għall-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tagħhom
99	C3.1I6 L-iskema għall-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi involuti fil-manifattura u l-kummerċ ta' prodotti agrikoli	Mira	Għotjiet lill-SMEs impenjati fil-kummerċ u l-produzzjoni ta' prodotti agrikoli	-	Numru	65	176	Q1	2026	L-għoti ta' għotjiet lil mill-inqas 176 SME involuti fil-manifattura u l-kummerċ ta' prodotti agrikoli għall-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tagħhom
100	C3.1I7 L-iskema għat-titjib	Stadju importanti	Il-bidu tal-iskema għal impriżi kbar	Il-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-	-	-	-	Q2	2022	Wara l-approvazzjoni tal-iskema mill-Kunsill tal-Ministri, il-ħruġ ta' sejħa għal proposti

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	tal-kompetittività tal-impriżi l-kbar fis-settur tal-manifattura		fis-Settur tal-Manifattura	proposti fuq is-sit web tal-Ministeru						għall-għoti ta' għotjiet lil mill-inqas tliet intrapriżi kbar fis-Settur tal-Manifattura biex jespandu n-negozju eżistenti permezz ta' investimenti li jsaħħu l-livell teknoloġiku, il-proċess tal-produzzjoni u l-produttività tagħhom. It-termini ta' referenza jinkludu l-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li l-proġetti li jintgħażlu jkunu konformi mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu tal-lista ta' esklużjoni u r-rekwiżiti ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-UE.
101	C3.1I7 L-iskema għat-titjib tal-kompetittività tal-impriżi l-kbar fis-settur tal-manifattura	Mira	Għotjiet lil intrapriżi kbar fis-Settur tal-Manifattura	-	Numru	0	3	Q4	2024	Il-konċessjoni ta' għotjiet lil mill-inqas tliet intrapriżi kbar fis-Settur tal-Manifattura biex jespandu n-negozju eżistenti permezz ta' investimenti li jsaħħu l-livell teknoloġiku, il-proċess tal-produzzjoni u l-produttività tagħhom.
102	C3.1I7 L-iskema għat-titjib tal-kompetittività tal-impriżi l-kbar fis-settur tal-manifattura	Mira	Għotjiet lil impriżi kbar fis-Settur tal-Manifattura	-	Numru	3	10	Q2	2026	Il-konċessjoni ta' għotjiet lil mill-inqas tliet10 impriżi kbar fis-Settur tal-Manifattura biex jespandu n-negozju eżistenti permezz ta' investimenti li jsaħħu l-livell teknoloġiku, il-proċess tal-produzzjoni u l-produttività tagħhom.
103	C3.1I8 It-tisħiħ tal-valur miżjud tas-settur tat-turiżmu b'enfasi fuq il-kampanja, iż-żoni	Mira	Għotja lill-SMEs għall-promozzjoni tas-settur tat-turiżmu	-	Numru	0	175	Q2	2023	Għotjiet mogħtija lil mill-inqas 175 SME, li jinkludu stabbilimenti tal-ikel, taverns, intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju li jbigħu prodotti tradizzjonali, għall-investiment fir-rinnovazzjoni jew fir-rikondizzjonar.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	muntanjużi u remoti									
104	C3.1I8 It-tisħiħ tal-valur miżjud tas-settur tat-turiżmu b'enfasi fuq il-kampanja, iż-żoni muntanjużi u remoti	Mira	Għotja lil-lukandi għall-promozzjoni tas-settur tat-turiżmu	-	Numru	0	57	Q2	2026	Għotjiet mogħtija lil mill-inqas 57 lukanda u stabbilimenti turistiċi oħra, fil-kampanja, f'żoni muntanjużi u remoti, għal investiment fir-rinnovazzjoni jew fir-rikondizzjonar, inklużi investimenti diġitali.
105	C3.1I9 Il-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari fl-istabbilimenti tal-lukandi	Mira	Skema ta' kowċing għall-ekonomija ċirkolari	-	Numru	0	50	Q2	2022	L-iffirmar ta' ftehimiet ta' kollaborazzjoni ma' mill-inqas 50 lukanda għal taħriġ tan-negozju mfassal apposta għall-ekonomija ċirkolari.
106	C3.1I9 Il-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari fl-istabbilimenti tal-lukandi	Mira	Skema ta' kowċing għall-ekonomija ċirkolari	-	Numru	0	18	Q1	2026	Iċ-ċertifikazzjoni ta' mill-inqas 18 lukanda skont l-istandards nazzjonali bħala lukandi ċirkolari wara l-awditjar.
107	C3.1I10 L-arrikkiment tal-prodott turistiku f'żoni rurali, muntanjużi u remoti	Stadju importanti	Ir-Rotta Afrodite	L-iffirmar tad-dikjarazzjoni tal-aċċettazzjoni tal-proġett mit-tim tal-proġett (awtorità kontraenti)	-	-	-	Q4	2024	It-tlestija tar-Rotta Afrodite, li għandha tgħaqqad il-punti storiċi, reliġjużi u ambjentali taż-żona (bħal mogħdijiet tan-natura) ma' rotta speċjali twila 2 km, li ssaħħaħ l-għarfien ambjentali u tippromwovi l-bijodiversità.
108	C3.1I10 L-arrikkiment tal-prodott turistiku f'żoni rurali, muntanjużi u remoti	Mira	Għotjiet lill-impriżi u lill-bordijiet lokali tal-komunità għall-promozzjoni ta' negozji mikro u	-	Numru	0	105	Q4	2025	Mill-inqas 105 impriża u bordijiet tal-komunità lokali rinnovaw, irranġaw jew tejbu b'mod viżiv bini/infrastrutturi privati u pubbliċi fil-kampanja, f'żoni muntanjużi u remoti u ngħataw skop ġdid biex jospitaw negozji mikro u żgħar fis-setturi kreattivi u tal-manifattura,

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
			żgħar fis-setturi kreattivi u tal-manifattura, bħal artisti, artiġjanat u prodotti tradizzjonali							bħall-artisti, l-artiġjanat u l-prodotti tradizzjonali.
109	C3.1R4 It-tisħiħ tal-ekonomija ċirkolari fl-industrija	Stadju importanti	Approvazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għat-Tisħiħ tal-Ekonomija Ċirkolari f'Ċipru	Il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri dwar l-approvazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali.	-	-	-	Q4	2021	L-pprovazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għat-Tisħiħ tal-Ekonomija Ċirkolari f'Ċipru
110	C3.1R4 It-tisħiħ tal-ekonomija ċirkolari fl-industrija	Mira	Għajnuna għall-SMEs li qed jidħlu f'mudell operattiv ċirkolari	-	Numru	0	40	Q2	2026	Għajnuna mogħtija lil tal-anqas 40 SME eliġibbli, b'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu tal-lista ta' esklużjoni u r-rekwiżiti ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-UE.
111	C3.1R5 It-twaqqif ta' Korp ta' Koordinazzjoni bejn il-gvern ċentrali u dak lokali	Stadju importanti	Leġiżlazzjoni dwar il-koordinazzjoni bejn il-Gvern Ċentrali u l-Gvern Lokali	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni	-	-	-	Q2	2025	Id-dħul fis-seħħ tal-Leġiżlazzjoni, li għandha tistabbilixxi Korp ta' Koordinazzjoni bejn il-Gvern Ċentrali u l-Gvern Lokali. Il-korp ta' Koordinazzjoni għandu jipprovdi mekkaniżmu biex itejjeb il-ġestjoni tal-iskart, jikkontribwixxi għall-konformità mad-direttivi tal-UE dwar il-ġestjoni tal-iskart u jippromwovi l-ekonomija ċirkolari.
112	C3.1I12 Il-ġestjoni tal-iskart	Stadju importanti	L-iffirmar tal-kuntratti għall-	L-iffirmar tal-kuntratt	-	-	-	Q3	2023	L-iffirmar ta' kuntratti għal (1) l-istabbiliment u l-installazzjoni ta' mill-inqas 50 kjosks

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	lejn ekonomija ċirkolari		installazzjoni ta' Kjosks Ekoloġiċi, kostruzzjoni ta' użu mill-ġdid u ċentri ta' tiswija u installazzjoni ta' sistemi ta' kompostjar							ekoloġiċi għal riċiklabbli niexfa (2) il-kostruzzjoni/twaqqif ta' żewġ ċentri ta' tiswija u (3) l-installazzjoni ta' mill-inqas 2 050 sistema ta' kompostjar.
113	C3.1I12 Il-ġestjoni tal-iskart lejn ekonomija ċirkolari	Mira	Il-bidu tat-tħaddim taċ-ċentri ta' użu mill-ġdid u ta' tiswija	-	Numru	0	2	Q4	2025	L-ikkompletar tal-kostruzzjoni u l-bidu tat-tħaddim taċ-ċentri ta' użu mill-ġdid u ta' tiswija
114	C3.1I12 Il-ġestjoni tal-iskart lejn ekonomija ċirkolari	Mira	It-tlestija ta' twaqqif, installazzjoni u bidu tat-tħaddim ta' sistemi ta' kompostjar	-	Numru	0	2 050	Q4	2025	It-tlestija ta' twaqqif, installazzjoni u bidu tat-tħaddim ta' sistemi ta' kompostjar
115	C3.1I12 Il-ġestjoni tal-iskart lejn ekonomija ċirkolari	Mira	L-ikkompletar, l-installazzjoni u l-bidu tat-tħaddim ta' kioskijiet ekoloġiċi	-	Numru	0	50	Q4	2025	L-ikkompletar tat-twaqqif, l-installazzjoni u l-bidu tat-tħaddim ta' kioskijiet ekoloġiċi għal riċiklabbli niexfa.

E.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għas-self

Investiment 11 (C3.1I11): It-titjib u l-estensjoni tan-Network ta' Punti Ħodor ta' Ċipru u l-ħolqien ta' network ta' Punti ta' Ġbir u Rokna għar-Riċiklaġġ

L-għanijiet tal-miżura huma t-titjib tal-immaniġġar tal-iskart solidu, il-protezzjoni tal-ambjent u s-saħħa pubblika. Hija għandha l-għan li ttaffi r-rimi mhux ikkontrollat u illegali tal-iskart f'żoni pubbliċi, iżżid ir-rata ta' rkupru u ta' riċiklaġġ tal-materjali, u żżid is-sensibilizzazzjoni tal-utenti dwar l-iżvilupp sostenibbli u l-ekonomija ċirkolari.

L-investiment jipprevedi l-kostruzzjoni ta' erbatax-il Punt Aħdar li jkopru żona ta' mill-inqas 50 500 m² biex jaqdu liċ-ċittadini u lill-awtoritajiet lokali biex jiddepożitaw flussi speċifiċi ta' skart domestiku u muniċipali. Minbarra l-ħolqien ta' Punti Ħodor ġodda, l-investimenti jipprevedu l-kostruzzjoni tan-Network tar-Rokna għar-Riċiklaġġ u n-Network ta' Punti ta' Ġbir biex jagħtu aċċess liċ-ċittadini tal-komunitajiet rurali biex jarmu l-iskart tagħhom.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 13(C3.1I13): L-istabbiliment tal-Faċilitajiet ta' Ġestjoni tal-Iskart ta' Bhejjem ta' Orounda u l-Faċilitajiet ta' Ġestjoni tal-Prodott mill-Annimali

L-objettiv tal-miżura huwa li jiġu żviluppati Faċilitajiet reġjonali ta' Ġestjoni tal-Iskart tal-Bhejjem biex iservu azjendi agrikoli taż-żona usa' tal-Kumpless ta' Orounda biex jipprovdu soluzzjoni integrata għall-ġestjoni effettiva tal-iskart organiku prodott prinċipalment mill-irziezet tal-ħnieżer, tat-tjur, tan-nagħaġ, tal-mogħoż u tal-bhejjem tal-ifrat. Għal dawk il-komunitajiet, l-investiment għandu l-għan li jikseb operazzjoni ta' ċirkwit magħluq, minimizzazzjoni tal-esternalitajiet u rkupru tan-nutrijenti għat-titjib tal-ħamrija kif ukoll it-tnaqqis tal-impatt soċjali u ambjentali.

L-investiment jipprevedi l-kostruzzjoni ta' faċilitajiet għat-trattament tal-ilma mormi, il-kokompostjar u d-diġestjoni anaerobika li jippermettu t-trattament tal-kwantitajiet kbar ta' skart tal-bhejjem prodott fiż-żona, jipproduċu l-elettriku mill-bijogass, jiġġieldu d-dežertifikazzjoni fil-livell lokali, inaqqsu l-irwejjaħ tal-komunitajiet lokali għal inqas minn 10 % tat-tul ta' żmien tal-ġurnata, inaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u jipproduċu l-ilma għat-tisqija.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li titqies id-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-miżura għandha tkun soġġetta għal Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali fl-ewwel sena tal-implimentazzjoni u r-rekwiżit għall-konformità mal-prinċipju tad-DNSH għandu jiġi inkluż fil-proċeduri kollha tal-akkwist.

E.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tas-self

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Y	
116	C3.1I11 It-titjib u l-estensjoni tan-Network ta' Punti Ħodor ta' Ċipru u l-ħolqien ta' network ta' Punti ta' Ġbir u Rokna għar-Riċiklaġġ	Mira	L-ikkompletar tal-kostruzzjoni, tal-installazzjoni u tal-bidu tat-tħaddim ta' erba' Punti Ekoloġiċi	-	Numru	0	4	Q4	2023	It-tlestija tal-kostruzzjoni, l-espansjoni u l-bidu tal-operat ta' erba' Punti Ħodor f'Avgorou, Troulloi, Eptagonia u Alambra skont il-Pjan Strateġiku Nazzjonali għall-Iżvilupp ta' Network Nazzjonali ta' Punti Ħodor
117	C3.1I11 It-titjib u l-estensjoni tan-Network ta' Punti Ħodor ta' Ċipru u l-ħolqien ta' network ta' Punti ta' Ġbir u Rokna għar-Riċiklaġġ	Mira	L-ikkompletar tal-kostruzzjoni, tal-espansjoni u tal-bidu tat-tħaddim ta' 14-il Punt Ekoloġiku	-	Numru	4	14	Q2	2026	It-tlestija tal-kostruzzjoni, l-espansjoni u l-bidu tal-operat ta' erbatax-il Punt Aħdar f'Avgorou, Troulloi, Eptagonia, Alambra, Aglantzia, Latsia, Derynia, Sotera, Pelentri, Egkomi, Lakatamia, Pano Platres, Kalo Horio Limassol, Souni Zanatzia skont il-Pjan Strateġiku Nazzjonali għall-Iżvilupp ta' Network Nazzjonali ta' Punti Ħodor
118	C3.1I13 L-istabbiliment tal-Faċilitajiet ta' Ġestjoni tal-Iskart ta' Bhejjem ta' Orounda u l-Faċilitajiet ta' Ġestjoni tal-Prodott mill-Annimali	Stadju importanti	Il-kostruzzjoni ta' faċilitajiet għat-trattament tal-ilma mormi u għall-kokompostjar	Il-ksib ta' liċenzji għall-kostruzzjoni u prova ta' akkwist ta' art kompluta	-	-	-	Q1	2024	Inkisbu l-liċenzji kollha għall-kostruzzjoni ta' faċilitajiet għat-trattament tal-ilma mormi u għall-kokompostjar (permessi u liċenzji ambjentali, tal-kostruzzjoni u tal-operat) mill-awtoritajiet rilevanti kollha bħad-Dipartiment tal-Ambjent, id-Dipartiment tal-Ippjanar u d-Djar tal-Ibliet u d-Dipartiment tal-Artijiet u l-Istħarriġ u tlesta l-akkwist rilevanti tal-art.
119	C3.1I13 L-istabbiliment tal-Faċilitajiet ta' Ġestjoni	Stadju importanti	It-tlestija u bidu tat-tħaddim tal-faċilitajiet ta'	Il-ħruġ taċ-ċertifikat ta' akkwist mill-	-	-	-	Q2	2026	It-tlestija u l-bidu tat-tħaddim tal-faċilitajiet ta' diġestjoni Anaerobika, li jipproduċu l-bijogass (metan) li għandu jintuża għall-produzzjoni tal-elettriku ta' 3,5 MWh (għal

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Q	Y	
	tal-Iskart ta' Bhejjem ta' Orounda u l-Faċilitajiet ta' Ġestjoni tal-Prodott mill-Annimali		Diġestjoni Anaerobika	Inġinier tal-Proġett u l-approvazzjoni tiegħu mill-Kumitat tat-Tmexxija Teknika						20 siegħa ta' tħaddim kuljum) b'kapaċità sħiħa, 365 jum fis-sena. L-elettriku prodott għandu jiġi fornut lill-grilja.

F. KOMPONENT 3.2: RIĊERKA U INNOVAZZJONI MSAĦĦA

Il-komponent tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Ċipru jindirizza l-isfidi li Ċipru jiffaċċja fir-rigward tal-ekosistema tar-Riċerka u l-Iżvilupp li għandha rwol relattivament limitat fit-tkabbir ekonomiku. Dan huwa prinċipalment minħabba sehem baxx ta' gradwati fix-Xjenza, it-Teknoloġija, l-Inġinerija u l-Math (Science, Technology, Engineering and Math, STEM), interazzjoni limitata tas-sistema tar-riċerka pubblika mas-settur tan-negozju u aċċess limitat u disponibbiltà tal-finanzjament tar-riskju.

L-objettivi tal-komponent huma li jsaħħaħ ir-rabtiet bejn l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-intrapriżi, jikkummerċjalizza r-riżultati tar-riċerka, iżid l-intensità fir-riċerka u attività tal-iżvilupp (RuŻ) u investimenti kemm minn organizzazzjonijiet pubbliċi kif ukoll privati, kif ukoll li jagħmel l-infrastruttura tar-riċerka kollha ffinanzjata pubblikament aċċessibbli għall-ekosistema kollha. Barra minn hekk, għandha l-għan li ssaħħaħ l-appoġġ finanzjarju għal negozji ġodda, negozji li qed jespandu, SMEs, tinternazzjonalizza l-ekosistema lokali tar-riċerka u l-innovazzjoni (RuII), tiżviluppa talent lokali u tattira talent minn barra l-pajjiż biex taħdem fir-RuI b'enfasi fuq oqsma tematiċi speċifiċi.

Il-komponent jindirizza r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi dwar iż-żieda tal-enfasi fuq il-politika ekonomika relatata mal-investiment fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni (ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż 3, 2020 u 4, 2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

F.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C3.2R1): Politika nazzjonali komprensiva dwar ir-Riċerka u l-Innovazzjoni appoġġata minn għodod ta' politika mmexxija mid-*data* biex jappoġġaw l-Ekosistema tar-RuI u biex isaħħu r-rabtiet bejn it-tfassil tal-politika u l-implimentazzjoni

L-għan tal-miżura huwa li tippromwovi l-koordinazzjoni effiċjenti tas-sistema ta' governanza tar-RuI, li trawwem is-sensibilizzazzjoni u trawwem kultura ta' innovazzjoni, li timmobilizza l-partijiet ikkonċernati u li tiżviluppa u żżid l-elementi fundamentali tal-ekosistema nazzjonali RuI (ta' tliet livelli: it-tfassil tal-politika, l-istrateġija u l-implimentazzjoni, il-partijiet interessati u l-utenti/iċ-ċittadini).

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Istrateġija Nazzjonali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni. Dan għandu jsegwi l-approvazzjoni politika tal-Pjan ta' Azzjoni, flimkien mal-adozzjoni ta' Strateġija Nazzjonali għar-RuI u l-Istrateġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti riveduta għal Ċipru. Dan għandu jikkonsisti wkoll fl-istabbiliment ta' mekkaniżmu għall-monitoraġġ xprunat mill-impatt u l-appoġġ tal-sitt Ċentri ta' Eċċellenza u fl-iżvilupp ta' għodda diġitali għall-immappjar dinamiku tal-ekosistema RuŻ (il-partijiet ikkonċernati, il-miżuri u l-għodod ta' politika, il-prestazzjoni RuŻ, ir-reġistru ta' kumpaniji innovattivi u l-analitika tas-settur).

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Riforma 2 (C3.2R2): Inċentivi biex jitħeġġu u jiġu attirati investimenti u kapital uman fir-Riċerka u l-Innovazzjoni

L-għan tal-miżura huwa li tattira l-investiment f'kumpaniji innovattivi u f'talenti intraprenditorjali u xjentifiċi minn barra.

Ir-riforma tikkonsisti fl-estensjoni tal-applikazzjoni tal-iskema tat-taxxa għall-investiment f'kumpaniji innovattivi għal entitajiet ġuridiċi (minn persuni fiżiċi bħalissa). L-investimenti eliġibbli sa EUR 150 000 għal kull investitur, taħt dan l-inċentiv, jinkludu ekwità, self, garanziji u fatturament. Barra minn hekk, dan għandu jikkonsisti fir-rieżami, il-promozzjoni u, fejn xieraq, l-emendar tal-iskemi ta' inċentivi attwali mmirati biex jattiraw talenti minn pajjiżi terzi, inkluża l-iskema tal-VISA Xjentifika għar-riċerkaturi u l-familji tagħhom u l-iskema VISA għall-bidu ta' negozju għall-fundaturi ta' intrapriżi innovattivi u l-familji tagħhom.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2022.

Riforma 3 (C3.2R3): L-introduzzjoni ta' inċentivi li jiffaċilitaw u jrawmu l-aċċess għal infrastruttura ta' riċerka u laboratorji ffinanzjati pubblikament

L-għan tal-miżura huwa li tottimizza l-użu tal-infrastruttura tar-riċerka u l-laboratorji ffinanzjati pubblikament mill-komunità tan-negozju.

Ir-riforma għandha tikkonsisti minn (i) approvazzjoni ta' pjan ta' azzjoni li jiffoka fuq l-aħjar użu tal-infrastruttura tar-riċerka u li jadotta azzjonijiet immirati lejn il-promozzjoni u t-titjib tal-kollaborazzjoni fost l-organizzazzjonijiet tar-riċerka, l-akkademja u s-settur privat; (ii) l-iżvilupp u t-tnedija ta' għodda diġitali dinamika aċċessibbli għall-partijiet ikkonċernati kollha tal-ekosistema RuŻ, li tipprovdi ċirkolazzjoni tal-informazzjoni, għodod u servizzi għall-faċilitazzjoni ta' arranġament ta' sħubija kollaborattiva bejn organizzazzjonijiet u timijiet differenti tar-RuŻ (pubbliċi u privati) fir-rigward ta' infrastrutturi u laboratorji tar-riċerka ffinanzjati pubblikament; (iii) rieżami tal-qafas legali u operazzjonali tal-istituzzjonijiet ta' riċerka ffinanzjati pubblikament u l-promozzjoni ta' azzjonijiet li għandhom l-għan li jiffaċilitaw u jappoġġaw l-aħjar użu tal-infrastruttura tar-riċerka permezz tal-ftuħ tal-aċċess għal istituzzjonijiet oħra tar-riċerka u s-settur tan-negozju; (iv) l-introduzzjoni ta' miżuri u inċentivi (bħall-inklużjoni fil-ftehim ta' għotja tal-Fondazzjoni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, klawżola għall-ftuħ ta' infrastruttura ffinanzjata) sabiex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni tal-Organizzazzjonijiet li Jwettqu r-Riċerka man-negozji u l-ispin-offs.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment 1 (C3.2I1): It-twaqqif u t-tħaddim ta' uffiċċju ċentrali għat-trasferiment tal-għarfien

L-għan tal-miżura huwa li ttejjeb it-trasferiment tat-teknoloġija f'Ċipru, permezz ta' kollaborazzjoni mtejba bejn l-akkademja u n-negozji u l-kummerċjalizzazzjoni tar-riċerka.

L-investiment għandu jikkonsisti fil-ħolqien u t-tħaddim ta' Uffiċċju għat-Trasferiment tal-Għarfien (KTO) mill-Fondazzjoni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, biex jipprovdi soluzzjoni kosteffiċjenti għall-appoġġ tat-trasferiment tat-teknoloġija, mibnija fuq il-prinċipji tal-kisba ta' massa kritika ta' output tar-riċerka u ekonomiji ta' skala. Il-KTO għandu jipprovdi servizzi ta' trasferiment ta' għarfien, li jiffaċilitaw il-kummerċjalizzazzjoni tar-riċerka, lill-universitajiet, organizzazzjonijiet oħra ta' riċerka u intrapriżi. Lista indikattiva tas-servizzi: (a) l-evalwazzjoni tal-prospetti ta' kummerċjalizzazzjoni, (b) il-pariri dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, (c) il-privattivi ppreżentati u l-każijiet ta' żamma tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, (d) l-iżvilupp ta' strateġija ta' kummerċjalizzazzjoni, (e) il-kummerċjalizzazzjoni tat-teknoloġija, (f) l-appoġġ għat-twaqqif ta' kumpaniji spin-off, u (g) l-għoti ta' finanzjament għall-appoġġ tar-riċerka traslazzjonali. Ir-riforma għandha tikkonsisti wkoll f'reviżjoni tal-qafas istituzzjonali eżistenti dwar it-trasferiment tal-għarfien f'Ċipru, inkluża l-leġiżlazzjoni rilevanti, kif ukoll politiki nazzjonali u istituzzjonali relatati mal-isfruttament kummerċjali tal-proprjetà intellettwali, it-trasferiment tal-għarfien u l-istabbiliment ta' kumpaniji spin-off.

Il-KTO għandu jsir awtofinanzjat mill-1 ta' Jannar ta' 2026, billi jżomm 20 % tad-dħul mill-ftehimiet ġestiti mill-KTO għall-ispejjeż operattivi, li għandhom jiġu speċifikati fl-arranġamenti kuntrattwali bejn il-Fondazzjoni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-benefiċjarju.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha ssir sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 2 (C3.2I2): Il-programmi ta' finanzjament għall-innovazzjoni u skemi ta' finanzjament għat-tisħiħ tat-tkabbir u kompetittività ta' negozji ġodda, kumpaniji innovattivi u SMEs

L-objettiv tal-miżura huwa li tipprovdi appoġġ permezz ta' għotjiet permezz ta' programmi ta' innovazzjoni (bħall-Innovazzjoni Fast-Track, pre-seed, seed, Innovate) bħala mezz biex jittejjeb l-aċċess għal fondi għal SMEs innovattivi u negozji ġodda.

L-investiment għandu jikkonsisti f'għotja ta' appoġġ permezz ta' programmi ta' innovazzjoni (pereżempju, Innovazzjoni Fast-Track, pre-seed, seed, Innovate) għan-negozji biex jiżviluppaw prodotti u servizzi innovattivi b'orjentazzjoni internazzjonali minn kunċett għal lest għas-suq. Il-programmi ta' finanzjament għandhom (i) jippromwovu l-kollaborazzjoni tan-negozji mal-organizzazzjonijiet tar-riċerka; (ii) tiffaċilita l-kummerċjalizzazzjoni tar-riżultati tar-riċerka fl-immirar tat-twassil ta' outputs u eżiti qrib is-suq, u b'hekk tippermetti effetti ekonomiċi fuq terminu iqsar; (iii) iwasslu għall-ħolqien tal-impjiegi; (iv) tippromwovi r-raggruppament tan-negozji, u (v) timmira lejn tranżizzjoni aċċellerata lejn ekonomija ekoloġika u lejn era diġitali ta' effiċjenza u produttività. Dawn il-programmi għandhom jirrikjedu li n-negozji jingranaw fondi privati/proprji flimkien ma' finanzjament pubbliku (ipprovdut mill-Fondazzjoni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni), u b'hekk jikkontribwixxu għaż-żieda ġenerali tal-investiment fir-RuŻ.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tkun konformi mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara" (2021/C58/01), il-kriterji tal-eliġibbiltà fit-termini ta' referenza għas-sejħiet għal proġetti li jmiss għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejjin[7]: (i) l-attivitajiet relatati ma' fjuwils fossli, fosthom l-użu downstream; (ii) l-attivitajiet fl-ambitu tal-skema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet li jiksbu emissjonijiet imbassra ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li jkun aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti; (iii) l-attivitajiet relatati ma' skart f'landfills, inċineraturi u impjanti għat-trattament mekkaniku u bijoloġiku; u (iv) l-attivitajiet fejn ir-rimi tal-iskart fit-tul jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss l-attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti nazzjonali jew tal-UE.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 3 (C3.2I3): Programm tematiku ta' finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni dwar it-tranżizzjoni ekoloġika

L-objettiv tal-miżura huwa li tipprovdi appoġġ permezz ta' għotjiet permezz ta' programmi tematiċi RuI ta' livelli relattivament għoljin ta' tħejjija teknoloġika li jiffokaw fuq it-tranżizzjoni ekoloġika.

L-investiment għandu jikkonsisti f'appoġġ permezz ta' għotjiet ta' proġetti li għandhom ikunu qed jużaw l-aħħar teknoloġiji diġitali biex jipprovdu soluzzjonijiet kosteffettivi għal tranżizzjoni ekoloġika, u b'hekk tiġi aġġornata l-kapaċità ta' riċerka tal-pajjiż. Il-proġetti appoġġati għandhom jiffukaw fuq l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u t-trasport sostenibbli, jinvolvu kollaborazzjoni maċ-Ċentri ta' Eċċellenza għar-RuI, u jiffaċilitaw il-kummerċjalizzazzjoni tar-riżultati tar-riċerka.

[7] In-noti kollha f'qiegħ il-paġna li jinsabu fit-test dwar il-Miżura C2.1I4 huma applikabbli wkoll għal din il-miżura.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tkun konformi mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara" (2021/C58/01), il-kriterji tal-eliġibbiltà fit-termini ta' referenza għas-sejħiet għal proġetti li jmiss għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejjin[8]: (i) l-attivitajiet relatati ma' fjuwils fossli, fosthom l-użu downstream; (ii) l-attivitajiet fl-ambitu tal-skema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet li jiksbu emissjonijiet imbassra ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li jkun aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti; (iii) l-attivitajiet relatati ma' skart f'landfills, inċineraturi u impjanti għat-trattament mekkaniku u bijoloġiku; u (iv) l-attivitajiet fejn ir-rimi tal-iskart fit-tul jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss l-attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti nazzjonali jew tal-UE.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 4 (C3.2I4): Skemi ta' finanzjament għall-appoġġ ta' organizzazzjonijiet li jwettqu attivitajiet ta' RuŻ fuq teknoloġiji doppji, inkluż il-ħolqien ta' laboratorji ġodda jew it-titjib ta' laboratorji eżistenti u l-iżvilupp ta' laboratorji kklassifikati

L-objettiv tal-miżura huwa li tippromwovi r-riċerka b'użu doppju u li tuża teknoloġiji, li altrimenti jservu biss għal skopijiet governattivi/militari għal interessi ċivili, kummerċjali u tas-soċjetà.

L-investiment għandu jikkonsisti f'għotja ta' appoġġ li tippermetti lill-organizzazzjonijiet u lill-kumpaniji tar-riċerka jinvolvu rwieħhom fir-RuŻ dwar teknoloġiji b'użu doppju. L-iskemi ta' finanzjament għandhom jippermettu l-aġġornament tal-kapaċitajiet u l-kapaċità tar-RuŻ taċ-Ċentri ta' Eċċellenza tar-Riċerka, tal-istituzzjonijiet akkademiċi, tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka kif ukoll tal-kumpaniji involuti fir-RuŻ dwar it-teknoloġiji b'użu doppju. B'mod partikolari, huma għandhom jippermettu lil dawn l-organizzazzjonijiet jiksbu ċertifikati ta' klassifikazzjoni tas-sigurtà sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw f'konsorzji għall-finanzjament Ewropew (bħal Orizzont Ewropa, Fond Ewropew għad-Difiża) kif ukoll itejbu l-kapaċitajiet u l-kompetittività tagħhom tar-RuŻ fil-qasam tat-teknoloġiji b'użu doppju.

Il-finanzjament għandu jiffoka biss fuq in-negozji ċivili u r-riżultati tar-riċerka u l-infrastruttura għandhom ikunu ta' benefiċċju għall-applikazzjonijiet ċivili biss. Il-miżura għandha tikkonforma mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 dwar l-istabbiliment ta' reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju, fir-rigward ta' teknoloġiji b'użu doppju matul l-implimentazzjoni tal-iskema ta' finanzjament, u għandha titfassal f'konformità mal-"Finanzjament tal-UE għal Użu Doppju — Gwida prattika għall-aċċess tal-fondi tal-UE għall-Awtoritajiet Reġjonali Ewropej u l-SMEs".

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tkun konformi mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara" (2021/C58/01), il-kriterji tal-eliġibbiltà fit-termini ta' referenza għas-sejħiet għal proġetti li jmiss għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejjin[9]: (i) l-attivitajiet relatati ma' fjuwils fossli, fosthom l-użu downstream; (ii) l-attivitajiet fl-ambitu tal-skema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet li jiksbu emissjonijiet imbassra ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li jkun aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti; (iii) l-attivitajiet relatati ma' skart f'landfills, inċineraturi u impjanti għat-trattament mekkaniku u bijoloġiku; u (iv) l-attivitajiet fejn ir-rimi tal-iskart fit-tul jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu

[8] In-noti kollha f'qiegħ il-paġna li jinsabu fit-test dwar il-Miżura C2.1I4 huma applikabbli wkoll għal din il-miżura.

[9] In-noti kollha f'qiegħ il-paġna li jinsabu fit-test dwar il-Miżura C2.1I4 huma applikabbli wkoll għal din il-miżura.

wkoll li jistgħu jintgħażlu biss l-attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti nazzjonali jew tal-UE.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

F.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
120	C3.2R1 Għodod ta' politika u ta' politika nazzjonali tar-RuŻ	Stadju importanti	L-adozzjoni tal-Istrateġija nazzjonali RuŻ u tal-Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tagħha	Il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri	-	-	-	Q4	2022	Tiżviluppa Strateġija integrata għar-RuŻ, li tipprovdi qafas ta' perspettiva fit-tul, li tiżgura sforz u impenn iffukati għall-implimentazzjoni, maż-żmien, f'isem l-Istat u l-partijiet ikkonċernati involuti fis-sistema nazzjonali RuŻ, u għodda diġitali għall-immappjar dinamiku tal-ekosistema RuŻ.
121	C3.2R1 Għodod ta' politika u ta' politika nazzjonali tar-RuŻ	Stadju importanti	It-tlestija tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Istrateġija RuŻ	Il-pubblikazzjoni tal-approvazzjoni tar-rapport ta' progress mill-Kunsill tal-Ministri, li jikkonferma t-tlestija tal-pjan ta' azzjoni	-	-	-	Q4	2024	L-implimentazzjoni tal-miżuri fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, kif muri minn rapport ta' progress.
122	C3.2R2 Inċentivi għall-investimenti u l-kapital uman fir-RuŻ	Stadju importanti	Eżenzjoni mit-taxxa ta' entitajiet legali għall-investiment f'kumpaniji innovattivi	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni	-	-	-	Q1	2022	Id-dħul fis-seħħ ta' liġi li tistabbilixxi l-eżenzjoni mit-taxxa ta' investituri korporattivi (entitajiet legali) għall-investiment f'kumpaniji innovattivi.
123	C3.2R3 Il-politiki li jrawmu l-	Stadju importanti	Reġistru diġitali għar-reġistrazzjoni u l-	Link għar-reġistru diġitali	-	-	-	Q4	2022	L-iżvilupp u l-bidu tat-tħaddim ta' reġistru diġitali biex jirreġistra u jippubblika infrastruttura tar-riċerka li għandha tiffaċilita t-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	aċċess għal infrastruttura ta' riċerka u laboratorji ffinanzjati pubblikament		pubblikazzjoni tal-infrastruttura tar-riċerka	ppubblikat fis-sit web tad-Deputat Ministeru għar-Riċerka, l-Innovazzjoni u l-Politika Diġitali						talba għall-aċċess tal-partijiet interessati għal tali infrastruttura. Dan għandu jinkludi l-immappjar tal-istituzzjonijiet ta' riċerka ffinanzjati pubblikament kollha (taħt Orizzont 2020, skemi nazzjonali). Huwa għandu jtejjeb ukoll il-viżibbiltà tal-Istituzzjonijiet ta' Riċerka u jappoġġa l-kollaborazzjoni mas-settur privat.
124	C3.2R3 Il-politiki li jrawmu l-aċċess għal infrastruttura ta' riċerka u laboratorji ffinanzjati pubblikament	Stadju importanti	Kollaborazzjoni ta' Organizzazzjoniji et li Jwettqu r-Riċerka man-negozji u l-ispin-offs	Pubblikazzjoni ta' miżuri u inċentivi adottati fuq is-sit web tal-Fondazzjoni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni	-	-	-	Q4	2024	L-adozzjoni ta' miżuri u inċentivi biex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni tal-Organizzazzjonijiet li Jwettqu r-Riċerka man-negozji u l-ispin-offs, bħal pereżempju l-inklużjoni fi ftehim ta' għotja tal-Fondazzjoni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni klawżola għall-ftuħ ta' infrastruttura ffinanzjata.
125	C3.2I1 It-twaqqif u t-tħaddim ta' Uffiċċju għat-Trasferiment tal-Għarfien (KTO)	Stadju importanti	It-tnedija ta' KTO	Il-ftuħ tal-ewwel każ ta' KTO	-	-	-	Q2	2022	Il-Fondazzjoni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, responsabbli mit-tħaddim tal-KTO, ingaġġat jew ikkuntrattat persunal u/jew esperti mħarrġa ħafna biex jipprovdu servizzi ta' trasferiment tal-għarfien espert. Għandu jkun hemm fis-seħħ sistemi u għodod biex jappoġġaw l-operazzjoni KTO. Il-KTO għandu jibda l-forniment ta' servizzi lil universitajiet, organizzazzjonijiet oħra ta' riċerka jew impriżi.
126	C3.2I1 It-twaqqif u t-tħaddim ta' Uffiċċju għat-	Mira	Fajls tal-każijiet magħluqa li jiċċertifikaw il-forniment ta'	-	Numru	0	30	Q4	2025	Mill-inqas 30 każ komplut ta' servizzi ta' trasferiment ta' għarfien ipprovduti mill-KTO ċentrali lil universitajiet, organizzazzjonijiet oħra ta' riċerka jew impriżi.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	Trasferiment tal-Għarfien (KTO)		servizzi rilevanti ta' trasferiment tal-għarfien							
127	C3.2I2 Programmi ta' finanzjament għall-innovazzjoni għal negozji ġodda, kumpaniji innovattivi u SMEs	Stadju importanti	Iffirmar tal-ftehimiet ta' għotja għal 50 % tal-baġit	L-iffirmar ta' Ftehimiet ta' għotja	-	-	-	Q4	2022	L-iffirmar ta' ftehimiet ta' għotja li jimpenjaw mill-inqas 50 % tal-baġit totali (kuntratti b'valur totali ta' mill-inqas EUR 26 000 000 baġit totali) għal programmi ta' finanzjament tal-innovazzjoni għal negozji ġodda, kumpaniji innovattivi u SMEs, b'termini ta' referenza inklużi kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
128	C3.2I2 Programmi ta' finanzjament għall-innovazzjoni għal negozji ġodda, kumpaniji innovattivi u SMEs	Mira	Organizzazzjoniji et appoġġati biex iwettqu attivitajiet relatati mar-RuŻ	-	Numru	0	70	Q3	2023	Appoġġ ta' finanzjament lil mill-inqas 70 organizzazzjoni biex iwettqu attivitajiet relatati mar-RuŻ bħar-riċerka industrijali, attivitajiet ta' innovazzjoni tar-riċerka sperimentali, attivitajiet ta' bidu, attivitajiet ta' trasferiment tal-għarfien, inklużi (iżda mhux limitati għal) attivitajiet għall-ġestjoni u l-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali, għall-istabbiliment ta' rabtiet bejn l-organizzazzjonijiet tar-riċerka u l-kumpaniji, għall-bini tal-kapaċità tat-trasferiment tal-għarfien u għall-kummerċjalizzazzjoni tar-riżultati tar-riċerka, b'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta'

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
										esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti fil-kuntest nazzjonali u f'dak tal-UE.
129	C3.2I2 Programmi ta' finanzjament għall-innovazzjoni għal negozji ġodda, kumpaniji innovattivi u SMEs	Mira	Organizzazzjoniji et appoġġati biex iwettqu attivitajiet relatati mar-RuŻ	-	Numru	70	200	Q2	2026	Finanzjament mogħti lil tal-anqas 200 SME li jagħmlu attivitajiet relatati mar-RuŻ, b'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu tal-lista ta' esklużjoni u r-rekwiżiti ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-UE.
130	C3.2I3 Programm ta' finanzjament tal-RuŻ dwar it-tranżizzjoni ekoloġika	Stadju importanti	L-iffirmar tal-ftehimiet ta' għotja għall-bagit kollu	Ftehimiet ta' għotja ffirmati mid-Direttur tal-Fondazzjoni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni	-	-	-	Q4	2022	L-iffirmar ta' ftehimiet ta' għotja għal programm ta' finanzjament tal-RuŻ dwar it-tranżizzjoni ekoloġika, b'termini ta' referenza jinkludu l-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li l-proġetti li jintgħażlu jkunu konformi mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu tal-lista ta' esklużjoni u r-rekwiżiti ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-UE.
131	C3.2I3 Programm ta' finanzjament tal-RuŻ dwar it-tranżizzjoni ekoloġika	Mira	Organizzazzjoniji et appoġġati minn għotjiet fuq attivitajiet ta' tranżizzjoni ekoloġika RuŻ	-	Numru	0	10	Q2	2026	Tal-anqas 40 impriża appoġġati minn għotjiet għal attivitajiet ta' RuŻ fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, b'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu tal-lista ta' esklużjoni u r-rekwiżiti ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti fil-livell nazzjonali u fil-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
										livell tal-UE.
132	C3.2I4 Finanzjament għal organizzazzjonijiet li jwettqu attivitajiet ta' RuŻ fuq teknoloġiji doppji	Stadju importanti	L-iffirmar ta' ftehimiet ta' għotja li jimpenjaw 80 % tal-baġit totali għall-finanzjament lil organizzazzjonijiet li jwettqu attivitajiet ta' RuŻ fuq teknoloġiji doppji	L-iffirmar ta' Ftehimiet ta' għotja	-	-	-	Q2	2023	L-iffirmar ta'ftehimiet ta' għotja li jimpenjaw 80 % tal-baġit totali (kuntratti ta' mill-anqas valur tal-baġit totali totali ta' EUR 2 400 000) għal organizzazzjonijiet involuti f'attivitajiet ta' RuŻ fuq teknoloġiji doppji, b'termini ta' referenza inklużi kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
133	C3.2I4 Il-finanzjament għal organizzazzjonijiet li jwettqu attivitajiet ta' RuŻ fuq teknoloġiji doppji	Mira	Finanzjament għall-iżvilupp ta' Laboratorji kklassifikati	-	Numru	0	16	Q2	2026	Mill-inqas 16-il impriża jirċievu finanzjament għall-iżvilupp ta' laboratorji kklassifikati. Impriża tista' tingħadd aktar minn darba jekk tipparteċipa f'aktar minn proġett wieħed, b'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu tal-lista ta' esklużjoni u r-rekwiżiti ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-UE.

G. KOMPONENT 3.3: APPOĠĠ GĦALL-KOMPETITTIVITÀ FIN-NEGOZJU

Dan il-komponent tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza ta' Ċipru jindirizza l-isfidi ta' produttività baxxa u kompetittività tal-ekonomija, xprunati mid-daqs żgħir tal-intrapriżi bħala medja, il-proċess kumpless ta' liċenzjar mitlub għal investiment u diffikultajiet ta' aċċess għall-finanzjament għan-negozju. L-objettivi ta' dan il-komponent huma li jappoġġa lill-intraprendituri u lill-intrapriżi u jtejjeb il-kompetittività u l-kontribut tagħhom għat-tkabbir tal-ekonomija billi jtejjeb il-qafas regolatorju rigward l-investiment u l-attività intraprenditorjali u jsaħħaħ il-produttività tal-SMEs, prinċipalment permezz tad-diġitalizzazzjoni. Jikkonsisti f'sitt riformi u sitt investimenti, li għandhom jitlestew sat-tieni kwart tal-2026.

Il-komponent jindirizza r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2020 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4, 2019.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

G.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C3.3R1): Il-faċilitazzjoni ta' investimenti strateġiċi

L-objettiv tal-miżura huwa li tiġi żviluppata sistema ġdida li tappoġġa l-investimenti strateġiċi, bil-għan li tistimula l-attività ta' investiment fil-pajjiż permezz ta' regoli u mekkaniżmi simplifikati, tissimplifika l-proċeduri tal-liċenzjar u tal-permessi, tnaqqas il-piż amministrattiv u tagħmel l-ambjent tal-investiment strateġiku aktar effiċjenti. Id-definizzjoni ta' investiment strateġiku tirreferi għal investimenti f'setturi strateġiċi (inklużi s-Saħħa u l-Kura Soċjali, l-Edukazzjoni, il-Kultura, l-Isport, l-Ambjent, l-Industrija, it-Turiżmu, l-Enerġija, ir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni) li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-iżvilupp tal-ekonomija.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni għall-faċilitazzjoni ta' investimenti strateġiċi, fir-rigward tal-effiċjenza fil-kisba ta' liċenzji ta' investiment u permessi għall-bini. Għandu jiġi assenjat settur governattiv iddedikat għall-ipproċessar ta' investimenti strateġiċi. Dan għandu jikkonsisti fil-preparazzjoni tal-linji gwida operattivi, il-flussi tal-proċess, u rekwiżiti oħra tal-ISO 9001: 2015 għall-integrazzjoni tal-proċess. Huwa għandu jiżviluppa Memorandum ta' Ftehim ma' Dipartimenti oħra rilevanti għal partijiet tal-proċess sabiex tiġi żgurata l-fattibbiltà tal-mekkaniżmu rapidu. Barra minn hekk, għandu jinkludi t-taħriġ tal-impjegati fil-proċeduri li għandhom jiġu introdotti. Barra minn hekk, ir-riforma għandha tibbenefika mit-twaqqif ta' pjattaforma diġitali li għandha tippermetti l-applikazzjoni, l-istudju u l-ħruġ ta' Permessi ta' Ppjanar u Bini b'mod diġitali, permezz ta' għodda għall-ġestjoni tal-applikazzjonijiet u sistema GIS (proġett taħt il-Komponent 3.4: "titjib tas-sistema elettronika għall-ħruġ ta' permessi għall-bini").

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

Riforma 2 (C3.3R2): It-tisħiħ tal-Mekkaniżmu ta' Attivazzjoni Rapida tan-Negozju

L-objettivi tal-miżura huma s-simplifikazzjoni tal-proċeduri, id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi governattivi u l-operat ta' Ċentru ta' Appoġġ għan-Negozju li għandu jipprovdi l-informazzjoni u s-servizzi kollha meħtieġa u ta' appoġġ.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-istabbiliment ta' pjattaforma diġitali interattiva, li ssaħħaħ il-Mekkaniżmu ta' attivazzjoni tan-Negozju Fast-track li diġà qed jopera. Permezz tal-pjattaforma l-investitur għandu jkun jista' jittraċċa l-applikazzjoni tiegħu/tagħha iżda wkoll l-awtoritajiet kompetenti se jkunu jistgħu jinteraġixxu, jiskambjaw dokumenti u jipproċessaw l-applikazzjoni.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Riforma 3 (C3.3R3): Il-modernizzazzjoni tal-Liġi dwar il-Kumpaniji

L-għan tal-miżura huwa li tappoġġa t-titjib tal-ambjent tan-negozju permezz tar-reviżjoni tal-Att dwar il-Kumpaniji, filwaqt li tagħmilha aktar ċara fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi fil-prattika.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-immodernizzar tal-Liġi tal-Kumpaniji Ċiprijotti billi jintużaw l-aħjar prattiki minn ġurisdizzjonijiet oħra tal-liġi komuni biex jipprovdu bażi ta' għarfien u ċarezza fil-forma ta' każistika u letteratura, biex jassistu fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi fil-prattika. Ir-Regoli tal-Kumpaniji li jakkumpanjaw għandhom jiġu riveduti wkoll. Barra minn hekk, Ċipru għandu jassenja tim ta' esperti legali biex iwettqu l-proġett għal servizzi ta' konsulenza u abbozzar tal-Liġi u r-Regolamenti l-ġodda dwar il-Kumpaniji. Barra minn hekk, ir-reviżjoni tal-liġi għandha tinkludi l-proċedimenti ta' insolvenza skont il-Liġi tal-Kumpaniji, li huma l-Likwidazzjonijiet, ir-Riċevitura u l-Eżaminar. Barra minn hekk, ir-riforma għandha tinkludi t-twettiq ta' test tal-SMEs matul it-tħejjija tal-kont.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Riforma 4 (C3.3R4): Id-disinn u l-ħolqien ta' Aġenzija Promozzjonali Nazzjonali (National Promotional Agency, NPA)

L-għan tar-riforma huwa li jitjieb l-aċċess għall-finanzi għall-Intrapriżi Żgħar Medji (SMEs) billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għal self, garanziji u finanzjament ta' ekwità u tissaħħaħ il-kapaċità ta' assorbiment tal-finanzjament tal-UE permezz tal-għodod tal-UE.

Ir-riforma għandha tikkonsisti f'analiżi ta' valutazzjoni ex ante li tkopri l-aċċess tal-SMEs għall-finanzjament fis-setturi kollha tal-ekonomija b'enfasi fuq l-ekonomija ekoloġika u ċirkolari, l-iffaċilitar diġitali u l-finanzjament alternattiv. Ir-rapport għandu jiddefinixxi l-ambitu tal-intervent tal-NPA proposta. L-istruttura legali u organizzattiva tal-Aġenzija Promozzjonali Nazzjonali għandha tiġi definita wara l-għażla finali tal-kamp ta' applikazzjoni tal-attività tagħha. L-istruttura proposta għandha tippermetti trasparenza għolja tal-operazzjonijiet u l-awtonomija tal-NPA. L-Aġenzija ma għandhiex topera b'liċenzja bankarja u għalhekk ma jkunx hemm bżonn li tiġi kapitalizzata a priori. Kumitat ta' tmexxija, bil-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti tal-Ministeru tal-Finanzi u l-Ministeru tal-Enerġija, il-Kummerċ u l-Industrija għandu jissorvelja l-implimentazzjoni.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2025.

Riforma 5 (C3.3R5): Investitur Strateġiku tal-Borża ta' Ċipru

L-għan tar-riforma huwa l-privatizzazzjoni tal-Borża ta' Ċipru.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fi proċess ta' sejħa għall-offerti, li għaddej bħalissa fejn il-Borża ta' Ċipru tfittex li taħtar konsulent indipendenti ta' reputazzjoni tajba jew konsorzju tagħha, b'għarfien espert rilevanti estensiv biex jinstab l-aktar investitur strateġiku xieraq

għall-Borża ta' Ċipru. Il-fażi ta' privatizzazzjoni tal-kuntratt għandha tiġi konkluża mal-approvazzjoni finali mill-Kamra tar-Rappreżentanti tar-Repubblika ta' Ċipru, wara li jkunu ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet l-oħra kollha.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Riforma 6 (C3.3R6): L-inċentivi għall-promozzjoni ta' fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet

L-objettiv tal-miżura huwa li tinċentiva ż-żieda fid-daqs tal-SMEs.

Ir-riforma għandha tikkonsisti f'inċentivi mmirati biex jippromwovu l-fużjonijiet jew l-akkwiżizzjonijiet ta' intrapriżi sabiex jikbru u jsiru aktar kompetittivi. B'mod partikolari, ir-riforma għandha tikkonsisti fl-approvazzjoni ta' rapport u pjan ta' azzjoni li jakkumpanjah mill-Kunsill tal-Ministri, wara l-evalwazzjoni ta' reġimi simili fl-UE u konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati għal inċentivi speċifiċi għall-promozzjoni ta' fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Investiment 2 (C3.3I2): Il-Ħolqien ta' Ambjent ta' Esperimentazzjoni Regolatorja li tippermetti l-FinTech

L-objettiv tal-miżura huwa li l-FinTech, in-negozji ġodda u kumpaniji innovattivi oħra jkunu jistgħu jespandu l-offerta tagħhom fi prodotti jew servizzi ġodda, billi r-regolaturi jistabbilixxu "art għall-ittestjar" li tippermettilhom iwettqu esperimenti ħajjin f'ambjent ikkontrollat taħt is-superviżjoni tagħhom.

L-investiment għandu jikkonsisti fil-faċilitazzjoni tal-iżvilupp ta' reġim regolatorju xieraq u attraenti dwar il-FinTech u t-teknoloġiji innovattivi u għandu jsib bilanċ bejn l-użu mingħajr xkiel ta' prodotti jew servizzi innovattivi u l-iżgurar tal-protezzjoni tal-investituri.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2024.

Investiment 3 (C3.3I3): Servizzi ta' konsulenza għal Impriżi Żgħar u ta' Daqs Medju (SMEs)

L-objettiv tal-miżura huwa li tippromwovi l-iżvilupp tal-SMEs f'Ċipru u żieda fil-kompetittività, permezz ta' servizzi ta' konsulenza mfassla apposta u għodod oħra ta' appoġġ mhux finanzjarju.

L-investiment għandu jikkonsisti fl-għoti ta' assistenza esperta lill-SMEs, pariri dwar in-negozju, taħriġ immirat u attivitajiet ta' tqabbil tan-negozju.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha ssir sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 4 (C3.3I4): Skema għall-aġġornament diġitali tal-impriżi

L-objettiv tal-investiment huwa li tissaħħaħ l-integrazzjoni tat-teknoloġija diġitali fl-SMEs eżistenti u futuri stabbiliti f'Ċipru. B'mod aktar speċifiku, il-miżura għandha l-għan li ssaħħaħ l-identità diġitali tan-negozji, iżżid is-sehem tal-Impriżi Żgħar u Medji li jużaw it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, inkluż is-settur tal-kummerċ elettroniku, u li tippromwovi l-intraprenditorija diġitali.

L-investiment għandu jikkonsisti fl-għoti ta' għotjiet finanzjarji ta' madwar EUR 30 000 lil kull benefiċjarju, bħala sehem ta' dak li għandhom ikunu investew f'investiment eliġibbli għat-titjib diġitali tal-intrapriżi tagħhom.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

Investiment 5 (C3.3I5): L-appoġġ għall-estroverżjoni u l-ftuħ tad-ditti Ċiprijotti għall-kummerċ internazzjonali

L-objettiv tal-investiment huwa li jsaħħaħ l-estroverżjoni ta' intrapriżi ġodda u eżistenti attivi fl-oqsma tal-manifattura u l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli u industrijali kif ukoll fornituri ta' servizzi.

L-investiment għandu jikkonsisti fi skema ta' għotjiet ta' total ta' EUR 8 000 000 lil mill-inqas 140 kumpanija Ċiprijotta permezz ta' azzjonijiet ta' finanzjament biex tissaħħaħ l-estroverżjoni tagħhom għal intrapriżi attivi fl-oqsma tal-manifattura/l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli u industrijali u fornituri ta' servizzi. Nefqiet ta' finanzjament li jistgħu jintgħażlu jistgħu jinkludu konsulenza u spejjeż oħra eliġibbli, skont ir-regolamenti dwar l-għajnuna mill-Istat.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tkun konformi mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara" (2021/C58/01), il-kriterji tal-eliġibbiltà fit-termini ta' referenza għas-sejħiet għal proġetti li jmiss għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejjin[10]: (i) l-attivitajiet relatati ma' fjuwils fossli, fosthom l-użu downstream; (ii) l-attivitajiet fl-ambitu tal-skema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet (ETS, Emission Trading System) li jiksbu emissjonijiet imbassra ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li jkun aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti; (iii) l-attivitajiet relatati ma' skart f'landfills, inċineraturi u impjanti għat-trattament mekkaniku u bijoloġiku; u (iv) l-attivitajiet fejn ir-rimi tal-iskart fit-tul jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss l-attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti nazzjonali jew tal-UE.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 6 (C3.3I6): Il-fond ta' ekwità ffinanzjat mill-Istat

L-objettiv tal-miżura huwa l-istabbiliment ta' Fond biex jappoġġa l-isforzi tal-Gvern biex itejjeb l-aċċess għal sorsi alternattivi ta' finanzjament bil-għan li (i) jitrawmu l-iżvilupp ekonomiku u t-tkabbir u tissaħħaħ il-kompetittività tal-intrapriżi żgħar ta' daqs medju f'Ċipru; (ii) iżżid id-disponibbiltà ta' sorsi alternattivi ta' finanzjament, b'mod partikolari għal kumpaniji innovattivi u negozji ġodda; u (iii) jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-ekosistema għall-investimenti ta' ekwità u ta' kapital ta' riskju.

L-investiment għandu jikkonsisti fi proċedura ta' sejħa għall-offerti biex jintgħażel u jinħatar maniġer estern tal-fond għal perjodu ta' investiment li huwa previst li jkun ħames snin.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-ftehim legali bejn Ċipru u l-Fond responsabbli mill-istrument finanzjarju u l-politika ta' investiment sussegwenti tal-istrument finanzjarju għandu

i. jirrikjedi l-applikazzjoni tal-gwida teknika tal-Kummissjoni dwar il-verifika tas-sostenibbiltà għall-Fond InvestEU; kif ukoll

ii. jeskludi mil-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà: (i) l-attivitajiet u l-assi relatati ma' fjuwils fossli, fosthom l-użu downstream[11]; (ii) l-attivitajiet u l-assi fl-ambitu tal-skema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet (ETS, Emission Trading System) li jiksbu emissjonijiet imbassra ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li jkun aktar

[10] In-noti kollha f'qiegħ il-paġna li jinsabu fit-test dwar il-Miżura C2.1I4 huma applikabbli wkoll għal din il-miżura.

[11] Proġetti mistennija fl-ambitu ta' dan il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-elettriku u/jew tas-sħana, kif ukoll dawk relatati mal-infrastruttura ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni, permezz tal-gass naturali, li jkunu konformi mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti[12]; (iii) l-attivitajiet u l-assi relatati ma' skart f'landfills, inċineraturi[13] u impjanti għat-trattament mekkaniku u bijoloġiku[14]; u (iv) l-attivitajiet u l-assi fejn ir-rimi tal-iskart fit-tul jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. kif ukoll

iii. jirrikjedu l-verifika tal-konformità legali mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali tal-proġetti skont il-Fond għat-tranżazzjonijiet kollha, inklużi dawk eżentati mill-verifika tas-sostenibbiltà.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

[12] Fil-każ li l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mistennija li jkunu ma jkunux sinfikament aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan ma jkunx possibbli. Il-parametri referenzjarji maħluqa għall-allokazzjonijiet ħielsa ta' attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għan-Negozjar tal-Emissjonijiet, kif stipulata mill-Kummissjoni fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/447.

[13] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura f'impjanti dedikati esklużivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura huma għall-fini li tissaħħaħ l-effiċjenza enerġetika, il-qbid ta' gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew għall-użu jew materjali rkuprat mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li l-azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx minn żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew minn estensjoni tat-tul tal-ħajja tal-impjanti; li fil-konfront tagħhom ikun hemm evidenza mogħtija fil-livell tal-impjant.

[14] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet fl-ambitu ta' din il-miżura f'impjanti għat-trattament ta' bijoskart mekkaniku, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tissaħħaħ l-effiċjenza enerġetika, il-modifika retroattiva għal operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat fi skart bijoloġiku tal-kompost u diġestjoni anaerobika ta' bijoskart, dment li l-azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx minn żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew minn estensjoni tat-tul tal-ħajja tal-impjanti; li fil-konfront tagħhom ikun hemm evidenza mogħtija fil-livell tal-impjant.

G.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
134	C3.3R1 Il-faċilitazzjoni ta' investimenti strateġiċi	Stadju importanti	Liġi għall-investimenti strateġiċi	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi	-	-	-	Q1	2022	Id-dħul fis-seħħ ta' liġi li tappoġġa l-investimenti strateġiċi f'Ċipru li għandha tinkludi l-elementi li ġejjin: is-simplifikazzjoni tal-proċeduri għal-liċenzjar ta' investimenti strateġiċi, direttur ta' proġett għal kull proġett, il-ħruġ f'waqtu ta' permessi tal-bini.
135	C3.3R1 Il-faċilitazzjoni ta' investimenti strateġiċi	Stadju importanti	Tisħiħ tal-kapaċità organizzattiva għall-faċilitazzjoni ta' investimenti strateġiċi	Il-pubblikazzjoni fil-gazzetta uffiċjali l-istabbiliment ta' settur tal-gvern li jiffaċilita r-riforma, u tas-sistema tal-proċess u l-linji gwida, u l-verifika ddikjarata mill-awtorità koordinatriċi tat-tlestija tat-taħriġ	-	-	-	Q2	2023	Il-pubblikazzjoni fil-gazzetta uffiċjali tat-tlestija tat-twaqqif ta' settur fid-Dipartiment tal-Ippjanar u d-Djar tal-Ibliet għat-tisħiħ tal-faċilitazzjoni tas-sistema strateġika; il-pubblikazzjoni tas-sistema tal-proċess u tat-tfassil tal-linji gwida; u r-rappurtar mill-awtorità ta' koordinazzjoni dwar it-taħriġ ewlieni tal-persunal għall-implimentazzjoni tar-riforma.
136	C3.3R2 It-tisħiħ tal-Mekkaniżmu ta' Attivazzjoni Rapida tan-	Stadju importanti	L-istabbiliment ta' pjattaforma fejn l-investituri	It-tħabbir mill-Ministeru tal-Kummerċ tal-pjattaforma li taċċetta l-applikazzjonijiet	-	-	-	Q4	2022	L-aġġornament tas-servizzi ta' applikazzjonijiet għall-ħruġ ta' permessi ta' negozju, il-gwida għall-istabbiliment u l-operat, l-għoti ta' informazzjoni għall-permessi neċessarji kollha meħtieġa mill-kumpanija biex tibda topera, il-faċilitazzjoni

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	Negozju		jistgħu jsegwu l-applikazzjoni online tagħhom u jinteraġixxu mal-awtoritajiet kompetenti							għall-ħruġ ta' permessi ta' residenza u impjieg f'Ċipru għal ċittadini ta' pajjiżi terzi permezz tal-istabbiliment ta' pjattaforma fejn l-investituri jistgħu jsegwu l-applikazzjoni online tagħhom u jinteraġixxu mal-awtoritajiet kompetenti.
137	C3.3R2 It-tisħiħ tal-Mekkaniżmu ta' Attivazzjoni Rapida tan-Negozju	Mira	Valutazzjonijiet tal-applikazzjonijiet għall-investiment permezz tal-pjattaforma	-	Numru	0	50	Q4	2025	It-tlestija tal-valutazzjoni ta' mill-inqas 50 applikazzjoni għal investiment permezz tal-pjattaforma.
138	C3.3R3 Il-modernizzazzjoni tal-Liġi dwar il-Kumpaniji	Stadju importanti	Il-preżentazzjoni tal-abbozz ta' liġi lill-Parlament għall-approvazzjoni, ir-ristrutturar tal-Liġi tal-Kumpaniji	Il-preżentazzjoni tal-abbozz ta' liġi lill-Parlament, wara l-adozzjoni tiegħu mill-Kunsill tal-Ministri	-	-	-	Q3	2024	Il-preżentazzjoni tal-abbozz ta' liġi lill-Parlament għall-approvazzjoni. L-abbozz ta' liġi għandu jirristruttura l-Liġi dwar il-Kumpanniji. Partikolarment għandha timmodernizza l-Liġi tal-Kumpaniji Ċiprijotti billi jintużaw l-aħjar prattiki minn ġurisdizzjonijiet oħra tal-liġi komuni biex jipprovdu bażi ta' għarfien u ċarezza fil-forma ta' każistika u letteratura, biex jassistu fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi fil-prattika.
139	C3.3R3 Il-modernizzaz	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ tal-"Liġi tal-	Id-dħul fis-seħħ fil-liġi tad-dispożizzjoni tal-	-	-	-	Q4	2025	Id-dħul fis-seħħ tal-Liġi tal-Kumpaniji li għandha tirristruttura l-Liġi tal-Kumpaniji. Partikolarment għandha timmodernizza l-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	zjoni tal-Liġi dwar il-Kumpaniji		Muniċipalità" ġdida	liġi						Liġi tal-Kumpaniji Ċiprijotti billi jintużaw l-aħjar prattiki minn ġurisdizzjonijiet oħra tal-liġi komuni biex jipprovdu bażi ta' għarfien u ċarezza fil-forma ta' każistika u letteratura, biex jassistu fl-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-liġi fil-prattika.
140	C3.3R4 Id-disinn u l-ħolqien ta' Aġenzija Promozzjonali Nazzjonali (National Promotional Agency, NPA)	Stadju importanti	L-approvazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri tal-pjan direzzjonali għall-ħolqien u l-istabbiliment ta' Aġenzija Promozzjonali Nazzjonali	Il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri	-	-	-	Q2	2023	L-approvazzjoni mill-Kunsill tal-Ministri tal-pjan direzzjonali għall-ħolqien u l-istabbiliment ta' Aġenzija Promozzjonali Nazzjonali li għandha tiffaċilita l-aċċess għal self, garanziji u finanzjament ta' ekwità għal Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju u ssaħħaħ il-kapaċità ta' assorbiment tal-finanzjament tal-UE permezz tal-għodod tal-UE
141	C3.3R4 Id-disinn u l-ħolqien ta' Aġenzija Promozzjonali Nazzjonali (National Promotional Agency, NPA)	Stadju importanti	Bidu tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija Promozzjonali Nazzjonali ta' Ċipru	L-istabbiliment inizjali vvalidat mis-Segretarju Permanenti	-	-	-	Q3	2025	Il-bidu tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija Promozzjonali Nazzjonali Ċiprijotta, inkluż persunal bil-persunal meħtieġ
142	C3.3R5 Investitur	Stadju importanti	L-għażla ta' investitur	Il-Kunsill tal-Ministri japprova	-	-	-	Q4	2024	L-għażla ta' investitur strateġiku biex jixtri sehem ta' kontroll fil-Borża ta' Ċipru, l-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	Strateġiku tal-Borża ta' Ċipru		strateġiku biex jixtri sehem ta' kontroll fil-Borża ta' Ċipru	l-Ftehim						iffirmar tal-ftehimiet rilevanti, il-kisba tal-għeluq finanzjarju tat-tranżazzjoni.
143	C3.3R6 L-inċentivi għall-promozzjoni ta' fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet	Stadju importanti	Pjan ta' Azzjoni għal inċentivi għal fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet	L-adozzjoni mill-Kunsill tal-Ministri ta' rapport u l-pjan ta' azzjoni li jakkumpanjah	-	-	-	Q4	2022	L-approvazzjoni ta' rapport u pjan ta' azzjoni li jakkumpanjah mill-Kunsill tal-Ministri dwar inċentivi speċifiċi għall-promozzjoni ta' fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet, wara l-evalwazzjoni ta' reġimi simili fl-UE u konsultazzjoni mal-partijiet interessati.
144	C3.3I2 Il-Ħolqien ta' Ambjent ta' Esperimentazzjoni Regolatorja li tippermetti l-FinTech	Stadju importanti	Ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja bil-ħsieb tal-FinTech u t-teknoloġiji innovattivi	Tħabbira għat-tnedija tas-Ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja mis-Cyprus Securities and Exchange Commission.	-	-	-	Q2	2023	It-tnedija ta' Ambjent ta' Esperimentazzjoni Regolatorja li għandu jiffaċilita l-iżvilupp ta' reġim regolatorju xieraq u attraenti dwar il-FinTech u t-teknoloġiji innovattivi u għandu jsib bilanċ bejn l-użu mingħajr xkiel ta' prodotti jew servizzi innovattivi u l-iżgurar tal-protezzjoni tal-investituri.
145	C3.3I3 Servizzi ta' konsulenza għall-SMEs	Stadju importanti	Skema ta' appoġġ dwar servizzi ta' konsulenza għall-SMEs	Tħabbira pubblika tat-tnedija tal-Iskema	-	-	-	Q3	2022	It-tnedija tal-iskema ta' appoġġ dwar is-servizzi ta' konsulenza għall-SMEs permezz ta' sejħa miftuħa għal proposti bil-għan li tissaħħaħ il-kompetittività tal-SMEs u jiġi appoġġat it-tkabbir tan-negozju tagħhom, bil-għan li jiżdiedu l-produttività u l-bejgħ, il-linja ta' produzzjoni u t-teknoloġija

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
										modernizzati, il-meded imtejba tal-prodotti u l-proċessi ta' produzzjoni.
146	C3.3I3 Servizzi ta' konsulenza għall-SMEs	Mira	SMEs li jirċievu appoġġ minn konsulenti akkreditati	-	Numru	0	375	Q4	2025	Tal-anqas 375 SME għandhom jirċievu appoġġ mill-konsulenti akkreditati permezz ta' skema ta' appoġġ, b'termini ta' referenza jinkludu l-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li l-proġetti li jintgħażlu jkunu konformi mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu tal-lista ta' esklużjoni u r-rekwiżiti ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-UE. Il-forniment tas-servizzi għandu jiġi vverifikat mis-Sistema Kompjuterizzata tal-Ministeru tal-Enerġija, il-Kummerċ u l-Industrija — is-Servizz tal-Industrija u t-Teknoloġija — ivverifikata mill-persunal tad-Dipartiment tas-Servizzi tal-Industrija u t-Teknoloġija li jmexxi l-iskema qabel ma jissottometti applikazzjonijiet approvati lid-dipartiment tal-kontijiet għall-verifika amministrattiva u l-ħlas tal-għotja.
147	C3.3I4 Skema għall-aġġornament diġitali tal-impriżi	Stadju importanti	Il-pubblikazzjoni ta' sejħa għal proposti wara l-approvazzjoni tal-iskema mill-Kunsill	It-tħabbir uffiċjali tas-sejħa għall-proposti fl-istampa, is-sit web tal-MECI/ITS u l-MECI/ITS media soċjali	-	-	-	Q2	2023	Il-pubblikazzjoni ta' sejħa għal proposti għal għotjiet li jkopru perċentwal tan-nefqa li għandha ttejjeb l-identità diġitali tan-negozji, jew għandha żżid l-ammont ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li jużaw it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (inkluż is-settur tal-kummerċ elettroniku), jew għandha tippromwovi l-intraprenditorija

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
			tal-Ministri							diġitali jew se tinkludi, wara l-approvazzjoni tal-iskema għat-titjib diġitali tal-intrapriżi mill-Kunsill tal-Ministri.
148	C3.3I4 Skema għall-aġġornament diġitali tal-impriżi	Mira	L-SMEs appoġġati wara s-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għal pagament.	-	Numru	0	290	Q2	2026	Mill-inqas 290 SME appoġġati wara s-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet ta' pagament u verifiki amministrattivi u fuq il-post imwettqa mit-Tim ta' Ġestjoni tal-Iskema responsabbli.
149	C3.3I5 L-appoġġ għall-estroverżjoni u l-ftuħ tad-ditti Ċiprijotti għall-kummerċ internazzjonali	Mira	Impriżi appoġġati għal attivitajiet ta' estroverżjoni tal-kummerċ	-	Numru	0	40	Q4	2023	Mill-inqas 40 Impriża appoġġati għal attivitajiet ta' estroverżjoni tal-kummerċ, wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-ħlas u l-verifika mwettqa mit-Tim tal-Ġestjoni tal-Iskema responsabbli. Is-sejħa għall-proposti għandha jkollha termini ta' referenza li jinkludu l-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li l-proġetti li jintgħażlu jkunu konformi mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu tal-lista ta' esklużjoni u r-rekwiżiti ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-UE.
150	C3.3I5 L-appoġġ għall-estroverżjoni	Mira	Impriżi appoġġati għal attivitajiet ta'	-	Numru	40	140	Q2	2026	Tal-anqas 40 Impriża appoġġati minn attivitajiet ta' estroverżjoni kummerċjali, wara l-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal pagament u verifika mit-Tim ta' Ġestjoni tal-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	u l-ftuħ tad-ditti Ċiprijotti għall-kummerċ internazzjonali		estroverżjoni tal-kummerċ							Iskema, b'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu tal-lista ta' esklużjoni u r-rekwiżiti ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-UE.
151	C3.3I6 Il-fond ta' ekwità ffinanzjat mill-Istat	Stadju importanti	It-twaqqif tal-Fond ta' Investiment Alternattiv Reġistrat fir-reġistru tal-Kummissjoni dwar it-Titoli u l-Kambju ta' Ċipru	Ir-reġistrazzjoni tar-RAIF fir-reġistru tas-Cyprus Securities and Exchange Commission (CySec) Register	-	-	-	Q4	2022	It-twaqqif tal-Fond ta' Investiment Alternattiv Reġistrat (RAIF, Registered Alternative Investment Fund) fir-reġistru tas-Cyprus Securities and Exchange Commission (CySec) Il-Fond għandu jżid id-disponibbiltà ta' sorsi alternattivi ta' finanzjament, b'mod partikolari għal kumpaniji innovattivi u negozji ġodda; Il-politika ta' investiment għandha tinkludi kriterji ta' eliġibbiltà għad-destinatarji ta' investiment biex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) ta' tranżazzjonijiet appoġġati taħt din il-miżura permezz tal-użu ta' verifika tas-sostenibbiltà, ir-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali, u r-rekwiżit għall-benefiċjarji li jkunu kisbu aktar minn 50 % tad-dħul tagħhom matul is-sena finanzjarja preċedenti minn attivitajiet jew assi fil-lista ta' esklużjoni biex jadottaw u jippubblikaw pjanijiet ta' tranżizzjoni

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
										ekoloġiċi.
152	C3.3I6 Il-fond ta' ekwità ffinanzjat mill-Istat	Mira	Destinatarji ta' investiment appoġġati permezz tal-Fond	-	Numru	0	12	Q2	2026	Mill-inqas 12 destinatarju ta' investiment (negozji ġodda u kumpaniji innovattivi) appoġġati permezz tal-Fond.

G.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għas-self

Investiment 1 (C3.3I1): Sistema ta' Informazzjoni Integrata għar-Reġistratur tal-Kumpaniji u r-Riċevitur Uffiċjali.

L-għanijiet tal-miżura huma d-disinn, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-manutenzjoni u l-operat ta' soluzzjoni ta' Pjattaforma ta' Reġistru Integrata li tappoġġa l-proċessi u s-servizzi tat-Taqsima tal-Kumpaniji u t-Taqsima tal-Proprjetà Intellettwali u Industrijali tar-Reġistratur tal-Kumpaniji u r-Riċevitur Uffiċjali, b'tali mod li jixprunaw it-trasformazzjoni diġitali taż-żewġ taqsimiet imsemmija hawn fuq biex jiġu stabbiliti bħala minn ta' quddiem fil-preżenza diġitali, il-kapaċitajiet online u s-servizzi eċċellenti tal-klijenti pprovduti minn proċessi interni effiċjenti u appoġġati minn sistemi tal-IT flessibbli.

L-investiment għandu jikkonsisti fl-installazzjoni tal-hardware u s-software tas-sistema, it-tlestija tal-infrastruttura tan-network, u t-taħriġ tal-persunal għas-sistema l-ġdida.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha ssir sal-31 ta' Diċembru 2025.

G.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tas-self

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
153	C3.3I1 Sistema ta' Informazzjoni Integrata għar-Reġistratur tal-Kumpaniji u r-Riċevitur Uffiċjali	Stadju importanti	L-installazzjoni u n-networking tal-hardware u tas-software tas-sistema	Tlestiet il-ħruġ tat-tlestija u tat-tħaddim għall-installazzjoni ta' software u hardware tas-sistema	-	-	-	Q1	2023	L-installazzjoni ta' software u hardware tas-sistema u networking ikkompletat (servers, hard disks, PCs u periferali, RDBMS, sistemi operattivi u routers).
154	C3.3I1 Sistema ta' Informazzjoni Integrata għar-Reġistratur tal-Kumpaniji u r-Riċevitur Uffiċjali	Mira	Taħriġ tal-persunal	-	% (Perċentwal)	0	100	Q4	2025	Taħriġ ta' 100 % tal-persunal tar-Reġistratur tal-Kumpaniji, ir-Riċevitur Uffiċjali u l-persunal tad-Dipartiment tas-Servizzi tat-Teknoloġija tal-Informatika dwar l-introduzzjoni tas-sistema ta' informazzjoni tal-l-proċeduri operazzjonali relatati.

H. KOMPONENT 3.4: IL-MODERNIZZAZZJONI TAL-AWTORITAJIET PUBBLIĊI U LOKALI, BIEX IL-ĠUSTIZZJA SSIR AKTAR EFFIĊJENTI U TIĠI MIĠĠIELDA L-KORRUZZJONI

Dan il-komponent tal-pjan Ċiprijott għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza sfidi li ilhom jeżistu fil-funzjonament tal-amministrazzjoni pubblika, kemm fil-livell ċentrali kif ukoll f'dak lokali, fis-sistema ġudizzjarja u fil-qafas kontra l-korruzzjoni. L-objettivi tal-komponent huma: (i) li jiżdiedu l-effettività, l-effiċjenza u r-rilevanza tal-proċessi tal-gvern, filwaqt li jitqiesu l-isfidi, il-ħtiġijiet u l-aspettattivi attwali taċ-ċittadini u n-negozji, (ii) tissaħħaħ il-kapaċità amministrattiva u l-kooperazzjoni tal-Ministeru tal-Intern u l-gvernijiet lokali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-mudell il-ġdid tal-amministrazzjoni lokali, (iii) tittejjeb l-effettività, inkluż il-kwalità u l-effiċjenza, tas-sistema ġudizzjarja, billi titħaffef l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u jitnaqqsu l-każijiet pendenti, u (iv) tinkiseb koerenza akbar mal-isforzi tal-gvern fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

Ir-riformi u l-investimenti inklużi fil-komponent jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi dwar it-titjib fl-effiċjenza fis-settur pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward tal-funzjonament tal-amministrazzjoni pubblika u tal-gvernijiet lokali (ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż 1, 2019 u 4, 2020), dwar il-promozzjoni ta' arranġamenti tax-xogħol flessibbli (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2020), dwar it-titjib tal-effiċjenza u d-diġitalizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 5, 2019 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4, 2020) u dwar ir-riformi kontra l-korruzzjoni (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 5, 2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

H.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Subkomponent 3.4.1: Il-modernizzazzjoni tas-Settur Pubbliku

Riforma 1 (C3.4R1): It-titjib tal-kapaċità amministrattiva u titjib tal-funzjonament tal-amministrazzjoni pubblika għal tfassil u implimentazzjoni aħjar tal-politika

L-objettiv tar-riforma huwa li ttejjeb il-funzjonament tal-amministrazzjoni pubblika ġenerali billi ttejjeb il-qafas tal-ġestjoni tar-riżorsi umani tagħha u tirristruttura u ssaħħaħ il-kapaċità amministrattiva tal-Pulizija Ċiprijotta.

Ir-riforma għandha tikkonsisti f'żewġ elementi:

i) L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni għat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva u r-rwol strateġiku fil-ġestjoni tar-riżorsi umani tad-Dipartiment tal-Amministrazzjoni Pubblika u l-Persunal b'rabta mal-formulazzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u l-politiki tal-ġestjoni tar-riżorsi umani fis-settur pubbliku, bħall-iffissar tal-politika, il-formulazzjoni ta' linji gwida u prinċipji bażiċi dwar kwistjonijiet ta' ġestjoni tar-riżorsi umani, ir-reviżjoni tal-politiki, il-leġiżlazzjoni u l-prattiki eżistenti, u r-relazzjonijiet industrijali. B'mod parallel, ir-riforma għandha ttejjeb il-kapaċità tal-Ministeri li jimplimentaw il-politiki tal-amministrazzjoni pubblika u l-funzjonijiet tar-riżorsi umani, filwaqt li tiżgura responsabbiltà u rispons adegwati;

ii) ir-riorganizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-Pulizija Ċiprijotta permezz tat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' mudell ġdid ta' pulizija u operazzjonijiet, qafas ġdid ta' ġestjoni għat-tagħlim u l-iżvilupp, u qafas ġdid ta' ġestjoni tar-riżorsi umani.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Riforma 2 (C3.4R2): Ir-regolamentazzjoni tal-arranġamenti tax-xogħol flessibbli fis-settur pubbliku

L-objettiv tar-riforma huwa li jiżdiedu l-produttività u l-effettività tas-servizz pubbliku permezz tal-użu ta' arranġamenti tax-xogħol flessibbli, bħal xogħol mill-bogħod, parzjalment mill-bogħod, u part-time.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-implimentazzjoni ta' arranġamenti tax-xogħol flessibbli fis-settur pubbliku fuq il-bażi ta' valutazzjoni mid-Dipartiment tal-Amministrazzjoni Pubblika u l-Persunal tar-rakkomandazzjonijiet ta' studju estern tal-aħjar prattiki u l-limitazzjonijiet possibbli nnutati minn amministrazzjonijiet pubbliċi nazzjonali oħra. L-istudju għandu jirrieżamina t-termini u l-kundizzjonijiet għal arranġamenti tax-xogħol flessibbli fis-servizz pubbliku kif applikati f'ġurisdizzjonijiet oħra.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Riforma 3 (C3.4R3): L-introduzzjoni ta' qafas ġdid għall-proċess ta' evalwazzjoni u għażla għall-mili ta' postijiet battala fis-servizz pubbliku u regolamenti ġodda għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-impjegati

L-objettiv tar-riforma huwa li ttejjeb il-funzjonament tas-servizz pubbliku permezz ta' reviżjoni tal-qafas ta' reklutaġġ u promozzjoni u tas-sistema ta' valutazzjoni tal-prestazzjoni.

Ir-riforma għandha tikkonsisti minn: (i) l-introduzzjoni ta' qafas ġdid fis-servizz pubbliku għall-evalwazzjoni u l-għażla tal-kandidati għal postijiet ta' promozzjoni, inklużi karigi maniġerjali, fuq il-bażi tal-mertu; (ii) l-introduzzjoni ta' sistema ġdida ta' valutazzjoni tal-prestazzjoni li għandha tintuża għal skopijiet ta' żvilupp u promozzjoni sabiex tagħmel l-evalwazzjoni u l-promozzjoni aktar trasparenti, ġusti, ibbażati fuq il-ħiliet u effettivi; u (iii) it-titjib tal-proċeduri ta' reklutaġġ permezz tat-taħriġ, l-aġġornament tal-Iskemi tas-Servizz (is-sett ta' rekwiżiti u dmirijiet għall-impjiegi fl-amministrazzjoni pubblika) u l-bidliet fiż-żewġ liġijiet rilevanti għar-reklutaġġ.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2025.

217	C4.1I1 L-Espansjoni ta' Networks ta' Kapaċità Għolja Ħafna f'żoni li mhumiex moqdijin tajjeb	Stadju importanti	Il-bidu tal-iskjerament ta' networks ta' kapaċità għolja ħafna f'żoni li mhumiex moqdijin tajjeb	L-iffirmar ta' kuntratti ma' kuntratturi biex jiġu introdotti networks ta' kapaċità għolja ħafna f'żoni mingħajr interess għal investituri privati tan-network b'kapaċità għolja ħafna	-	-	-	Q4	2023	Ikunu ġew iffirmati kuntratti ma' kuntratturi, li għandhom ikunu ntgħażlu permezz ta' proċedura miftuħa ta' sejħa għall-offerti, biex jiġu skjerati networks ta' kapaċità għolja ħafna (b'mod partikolari networks fissi u mobbli (5G) li joffru veloċità ta' tniżżil ta' mill-inqas 100Mbps, li għandha tkun tista' tiġi aġġornata faċilment għal Gigabit għal aċċess fiss) f'żoni li ma huma tal-ebda interess għall-investituri privati tan-network ta' kapaċità għolja ħafna.
218	C4.1I1 L-Espansjo	Mira	L-espansjoni ta' networks ta' kapaċità	-	Numru	0	10 000	Q4	2024	Mill-inqas 10 000 binja f'żoni mingħajr interess għal investituri privati tan-network b'kapaċità għolja ħafna huma koperti minn networks b'kapaċità għolja ħafna

Numru Sekwenzjali	Relatati Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	ni ta' Networks ta' Kapaċità Għolja Ħafna f'żoni li mhumiex moqdijin tajjeb		għolja ħafna f'żoni li mhumiex moqdijin tajjeb							b'network fiss jew mobbli (5G), li joffru veloċità ta' tniżżil ta' mill-inqas 100Mbps, li għandhom ikunu jistgħu jiġu aġġornati faċilment għal Gigabit (għal networks fissi).
219	C4.1I1 L-Espansjoni ta' Networks ta' Kapaċità Għolja Ħafna f'żoni li mhumiex moqdijin tajjeb	Mira	L-ikkompletar ta' networks ta' kapaċità għolja ħafna f'żoni li mhumiex moqdijin tajjeb	-	Numru	10 000	44 000	Q4	2025	Mill-inqas 44 000 binja f'żoni mingħajr interess għal investituri privati tan-network b'kapaċità għolja ħafna huma koperti minn networks b'kapaċità għolja ħafna b'network fiss jew mobbli (5G), li joffru veloċità ta' tniżżil ta' mill-inqas 100Mbps, li għandhom ikunu jistgħu jiġu aġġornati faċilment għal Gigabit (għal networks fissi).
220	C4.1I2 It-titjib tal-kejbils tal-bini biex tkun "lesta	Mira	L-espansjoni ta' kejbils lesti għall-gigabits ġewwa l-bini	-	Numru	0	24 300	Q2	2023	Il-kejbils ġol-bini ġew aġġornati biex ikunu jistgħu jappoġġaw il-forniment tal-konnessjoni Gigabit f'mill-inqas 24 300 dar.

Numru Sekwenzjali	Relatati Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	għall-gigabits" u tipprom wovi l-adozzjon i tal-konnettiv ità									
221	C4.1I2 It-titjib tal-kejbils tal-bini biex tkun "lesta għall-gigabits" u tipprom wovi l-adozzjon i tal-konnettiv ità	Mira	L-ikkompletar ta' kejbils lesti għall-gigabits ġewwa l-bini	-	Numru	24 300	82 000	Q2	2025	Il-kejbils ġol-bini ġew aġġornati biex ikunu jistgħu jappoġġaw il-forniment tal-konnessjoni Gigabit f'mill-inqas 82 000 dar.
222	C4.1I3 Link taħt il-baħar lejn il-Greċja	Stadju importanti	L-iffirmar tal-kuntratt għad-disinn, il-kostruzzjoni u l-operat tal-	L-iffirmar tal-kuntratt	-	-	-	Q4	2024	L-iffirmar tal-kuntratt mal-kumpanija li għandha twettaq id-disinn, il-kostruzzjoni u l-operat tal-kejbils sottomarini wara l-konklużjoni ta' proċedura miftuħa ta' sejħa għall-offerti.

Numru Sekwenzjali	Relatati Miżura (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
			kejbils sottomarini							
223	C4.1I3 Link taħt il-baħar lejn il-Greċja	Mira	L-ikkompletar tal-kostruzzjoni tal-kejbils ta' taħt il-baħar tal-internet	L-ikkompletar tal-kostruzzjoni; id-disponibbiltà tas-servizz	Km	0	700	Q2	2026	L-ikkompletar tal-kostruzzjoni ta' 700 km ta' kejbils tal-internet taħt il-baħar għall-konnettività lejn il-Greċja minn Yeroskipou sa Kreta mill-2020. Il-kejbils ikunu operattivi.

K. KOMPONENT 4.2: IL-PROMOZZJONI TAL-GVERN ELETTRONIKU

Dan il-komponent tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi għall-aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni diġitali ta' Ċipru permezz tad-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tal-gvern li ssaħħaħ l-effiċjenza u l-forniment ta' servizzi online, siguri u fil-pront liċ-ċittadini, b'mod faċli għall-utent, effiċjenti u effettiv. Dan huwa mistenni li jiffaċilita l-interazzjoni bejn iċ-ċittadini u s-servizzi pubbliċi, mingħajr il-ħtieġa ta' preżenza fiżika.

L-objettiv tal-komponent huwa li tinbena arkitettura diġitali sigura, integrata u moderna biex tinkiseb it-trasformazzjoni għal gvern diġitali.

Il-komponent jindirizza r-rakkomandazzjoni speċifiċi għall-pajjiż dwar l-investiment fit-tranżizzjoni diġitali u fid-diġitalizzazzjoni (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4, 2019, ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

K.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C4.2R1): Fabbrika tas-Servizzi Diġitali (Digital Services Factory, DSF)

L-objettiv tal-miżura huwa li tibni Mudell ġdid għat-Twettiq ta' Servizz għall-iżvilupp ta' servizzi diġitali ta' kwalità minn tarf sa tarf għall-pubbliku, b'mod faċli għall-utent, effiċjenti u effettiv li fl-aħħar mill-aħħar għandu jiffaċilita l-interazzjoni mas-servizzi pubbliċi, mingħajr il-ħtieġa ta' preżenza fiżika.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fit-tfassil u l-iżvilupp ta' dan il-mudell ta' implimentazzjoni ġdid, id-DSF. L-ewwel nett, il-proġett għandu (i) jistabbilixxi t-tim ewlieni tad-DSF (magħmul minn esperti ta' speċjalitajiet differenti bil-ħiliet u l-kwalifiki xierqa), (ii) jiddefinixxi l-istandards u l-proċeduri għall-iżvilupp tas-servizzi diġitali, u (iii) jibni u jiżviluppa għadd ta' servizzi diġitali. It-tieni, bl-użu tal-metodoloġiji definiti, is-servizzi diġitali għandhom jiġu żviluppati b'mod industrijalizzat, f'kooperazzjoni mas-settur privat. Is-servizzi għandhom jiġu pprovduti b'mod sigur liċ-ċittadini permezz ta' portal uniku tal-websajt tal-gvern Gov.Cy. L-iffirmar uniku u l-identità diġitali huma mistennija li jkunu l-faċilitaturi ewlenin bażiċi għall-forniment sigur tas-Servizzi elettroniċi. Barra minn hekk, il-mekkaniżmi komuni eżistenti bħall-"ħlas elettroniku" li joffru diversi metodi ta' pagamenti (viża, pagamenti istantanji, servizzi bankarji diretti) u "notifika" (SMS, posta elettronika) huma mistennija li jintużaw.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma 2 (C4.2R2): Id-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika ġdida tal-cloud fir-rigward tas-sistemi u s-servizzi tal-IT tal-gvern

L-objettiv tal-miżura huwa li telabora l-politika dwar il-cloud tal-gvern, b'mod partikolari l-klassifikazzjoni tad-*data*, ir-residenza tad-data, l-ospitar u l-operat tas-sistemi tal-IT tal-gvern f'ambjent ta' cloud pubblika jew fi cloud privata tal-gvern (G-Cloud).

Ir-riforma għandha tikkonsisti fit-twaqqif tal-G-Cloud biex jospita s-sistemi tal-IT u s-servizzi diġitali ta' ċerti dipartimenti/ministeri tal-gvern (bħas-sistema tar-reġistratur tal-kumpaniji, is-sistema doganali u s-sistema tad-dipartiment tat-taxxa). Żewġ ċentri tad-*data* lokali għandhom jinkisbu permezz tal-kiri, filwaqt li għandhom jinkisbu servizzi ta' konsulenza kif ukoll taħriġ

għall-iżvilupp tal-G-Cloud. Huwa mistenni wkoll li tinħareġ sejħa għall-offerti għall-iżvilupp u t-tħaddim tal-ambjent G-Cloud.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Riforma 3 (C4.2R3): Proċeduri tal-pulizija diġitalizzazzjoni ("Digipol")

L-objettiv tal-miżura huwa li telimina l-użu ta' proċeduri stampati u l-preżenza fiżika taċ-ċittadini billi tgħaddi għal proċeduri diġitalizzati għall-Forza tal-Pulizija Ċiprijotta. Dan huwa mistenni li jkun ta' benefiċċju kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-uffiċjali tal-pulizija billi l-proċeduri għandhom jiġu ssimplifikati u effiċjenti.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fil-ħolqien ta' pjattaforma ġdida (Digipol) ta' talbiet għal proċeduri u servizzi tal-pulizija għaċ-ċittadini biex jiksbu komunikazzjonijiet remoti. Kemm iċ-ċittadini kif ukoll l-uffiċjali tal-pulizija se jagħmlu użu minnha. Biex jiġi massimizzat l-użu, għandu jiġi organizzat taħriġ (bħal korsijiet online, vidjows, gwidi pass pass) għall-uffiċjali tal-pulizija kif ukoll għaċ-ċittadini biex jgħin fit-tranżizzjoni lejn servizzi online.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2025.

Riforma 4 (C4.2R4): L-istabbiliment tar-reġistru tas-sjieda benefiċjarja

L-objettiv tal-miżura huwa li tistabbilixxi r-reġistru għall-preżentazzjoni ta' *data* tas-sidien benefiċjarji tal-entitajiet korporattivi u ġuridiċi l-oħra kollha. Tali reġistrazzjoni għandha ttejjeb il-fiduċja korporattiva u t-trasparenza f'Ċipru billi tagħmilha ċara min fl-aħħar mill-aħħar jippossjedi u jikkontrolla kumpaniji u entitajiet legali oħra.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-istabbiliment tar-reġistru. Bħalissa, ġiet żviluppata pjattaforma online bħala soluzzjoni interim iżda l-funzjonalitajiet tagħha huma limitati. Ir-riforma għandha tirriżulta f'soluzzjoni bil-funzjonalitajiet kollha meħtieġa biex tappoġġa ż-żamma tar-reġistru u l-ġestjoni ta' informazzjoni rilevanti (bħall-għoti ta' notifiki għall-aġġornament, l-infurzar ta' tariffi għall-preżentazzjoni tard, faċilitajiet ta' tiftix b'livelli preskritti ta' aċċess). Dan huwa mistenni li jappoġġa r-reġistrazzjoni tad-*data* tas-sidien benefiċjarji tal-entitajiet korporattivi u ġuridiċi oħra kollha u li jikseb interkonnessjoni mar-reġistri tas-sjieda benefiċjarja ta' Stati Membri oħra.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment 1 (C4.2I1): Id-diġitalizzazzjoni f'diversi ministeri/servizzi tal-gvern ċentrali

L-għan tal-miżura huwa li tiddiġitalizza l-flussi tax-xogħol ewlenin f'għadd ta' ministeri u servizzi tal-gvern ċentrali, biex ittejjeb l-effiċjenza fit-twassil tas-servizzi tal-gvern, tissimplifika l-konformità mar-regolamenti tal-gvern, issaħħaħ il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u l-fiduċja fil-gvern, u trendi ffrankar fl-ispejjeż.

L-investiment għandu jikkonsisti mid-diġitalizzazzjoni fil-ministeri, deputati ministeri jew servizzi tal-gvern li ġejjin: (i) Dipartiment tat-Trasport bit-Triq tal-Ministeru tat-Trasport, il-Komunikazzjoni u x-Xogħlijiet, (ii) Viċi Ministeru tat-Trasport Marittimu, (iii) Ministeru tal-Affarijiet Barranin, (iv) Direttorat Ġenerali għall-Programmi, il-Koordinazzjoni u l-Iżvilupp Ewropej u (v) Dipartiment tal-Ippjanar u d-Djar tal-Ibliet tal-Ministeru tal-Intern (għall-Wirt Arkitettoniku). Id-diġitalizzazzjoni tad-Direttorat Ġenerali għall-Programmi, il-Koordinazzjoni u l-Iżvilupp Ewropej għandha tinkludi l-iżvilupp ta' sistema ta' repożitorju tranżitorju u ta' Sistema ta' Informazzjoni ta' Monitoraġġ dedikata finali għar-reġistrazzjoni u l-ħżin tad-data rilevanti relatata mal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza

(b’mod partikolari dwar il-kisba tal-istadji importanti u l-miri, id-data dwar ir-riċevituri finali, il-kuntratturi, is-sottokuntratturi u s-sidien benefiċjarji).

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha ssir sal-31 ta’ Diċembru 2025.

Investiment 2 (C4.2I2): Id-diġitalizzazzjoni tal-Awtorità Ċiprijotta tal-Portijiet

L-għan tal-miżura huwa li tiddiġitalizza l-proċessi ewlenin fl-Awtorità Ċiprijotta tal-Portijiet (CPA) biex ittejjeb l-effiċjenza u l-effettività tagħhom, inklużi l-komunikazzjonijiet bejn il-bastimenti u l-awtoritajiet rilevanti u t-titjib fil-monitoraġġ tat-traffiku tal-bastimenti fl-ilmijiet ta’ Ċipru. Dan tal-aħħar għandu jiżgura n-navigazzjoni sikura tal-bastimenti, inaqqas ir-riskju ta’ ħsarat ambjentali minħabba tixrid minn aċċidenti u jnaqqas l-emissjonijiet tal-bastimenti billi jipplottja rotot aktar effiċjenti.

L-investiment għandu jikkonsisti minn (i) diversi aġġornamenti fl-infrastruttura tan-network, il-hardware u s-software tas-CPA, u l-kapaċità tas-server; (ii) l-inkorporazzjoni ta’ Sistemi ta’ Ġestjoni ġodda biex jiġu awtomatizzati l-proċeduri; (iii) ir-riforma tas-Sistema Komunitarja tal-Portijiet eżistenti biex tiżdied l-effiċjenza tas-settur tat-trasport marittimu u jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi; u (iv) l-installazzjoni tal-Istazzjonijiet ta’ Kontroll tat-Traffiku tal-Bastimenti fil-Portijiet ta’ Larnaca u Vassiliko (minbarra dik eżistenti fil-port ta’ Limassol).

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha ssir sal-31 ta’ Diċembru 2025.

K.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Iż-żmien għall-ikkompletar (Indika l-kwart u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
224	C4.2R1 Fabbrika tas-Servizzi Diġitali	Stadju importanti	Definizzjoni tal-Mudell tal-Iskjermanet ta' Servizz għall-Fabbrika tas-Servizzi Diġitali	Deċiżjoni ta' ħatra tal-Viċi Ministru għar-Riċerka, l-Innovazzjoni u l-Politika Diġitali li tistabbilixxi t-tim; pubblikazzjoni tal-istandards fuq is-sit web tad-Deputat Ministeru	-	-	-	Q4	2022	Il-mudell tal-Iskjerament tas-Servizz għall-Fabbrika tas-Servizzi Diġitali ġie definit sabiex jippermetti l-forniment effiċjenti lill-pubbliku ta' servizzi diġitali ta' kwalità għolja u faċli għall-utent. Dan għandu jinkludi: (a) l-istabbiliment tat-tim ewlieni tal-Fabbrika tas-Servizzi Diġitali (inkluż l-akkwist ta' servizzi ta' esperti mis-settur privat), u (b) id-definizzjoni tal-istandards u l-proċeduri għall-iżvilupp tas-servizzi diġitali.
225	C4.2R1 Fabbrika tas-Servizzi Diġitali	Mira	L-espansjoni tal-iskjerament tas-servizzi tal-gvern online permezz tal-Fabbrika tas-Servizzi Diġitali	-	Numru	0	45	Q4	2023	Id-diġitalizzazzjoni u t-twassil online ta' mill-inqas 45 servizz li qabel ma kinux diġitali lill-pubbliku permezz tal-Fabbrika tas-Servizzi Diġitali, bl-użu tal-Mudell tat-Twettiq ta' Servizz definit (taħt stadju importanti b'numru sekwenzjali 224) u metodoloġiji aġli.
226	C4.2R1 Fabbrika tas-Servizzi Diġitali	Mira	L-iskjerament online ta' mill-inqas 150 servizz li qabel ma	-	Numru	45	150	Q2	2026	Id-diġitalizzazzjoni u t-twassil online ta' mill-inqas 150 servizz li qabel ma kinux diġitali lill-pubbliku permezz tal-Fabbrika tas-Servizzi Diġitali, bl-użu tal-Mudell tat-Twettiq ta' Servizz definit (taħt stadju importanti b'numru sekwenzjali 224) u metodoloġiji aġli.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Iż-żmien għall-ikkompletar (Indika l-kwart u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
			kinux diġitali lill-pubbliku permezz tal-Fabbrika tas-Servizzi Diġitali							
227	C4.2R2 Id-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika ġdida tal-cloud fir-rigward tas-sistemi u s-servizzi tal-IT tal-gvern	Stadju importanti	Il-cloud tal-gvern (G-cloud) tkun operattiva	Il-migrazzjoni tas-servizzi lejn G-cloud	-	-	-	Q4	2022	Il-G-Cloud tkun operattiva, u tipprovdi servizzi ta' cloud għall-ħżin tad-*data* lil mill-inqas ir-Reġistratur tal-Kumpaniji, il-Fabbrika tas-Servizzi Diġitali, u s-sistema doganali. Dawn it-tliet servizzi ġew migrati lejn il-G-cloud u m'għadhomx jużaw is-sistema tal-IT l-antika.
228	C4.2R2 Id-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika	Mira	Ċentri tad-*data* operattivi u li joffru servizzi tal-cloud	-	Numru	0	2	Q4	2025	Żewġ ċentri tad-*data* ġodda għandhom ikunu kompletament operattivi, inkluż il-bini, il-hardware u s-software, u joffru servizzi ta' cloud.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Iż-żmien għall-ikkompletar (Indika l-kwart u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	ġdida tal-cloud fir-rigward tas-sistemi u s-servizzi tal-IT tal-gvern									
229	C4.2R3 Proċeduri tal-pulizija diġitalizzazzjoni ("Digipol")	Stadju importanti	Digipol operattiv fuq bażi pilota	Dikjarazzjoni mill-Pulizija Ċiprijotta li tikkonferma li l-pjattaforma l-ġdida (Digipol) hija operattiva	-	-	-	Q2	2023	Il-pjattaforma l-ġdida (Digipol) tkun operattiva fuq bażi pilota. L-utenti tal-pulizija għandhom aċċess għall-pilota Digipol għas-servizzi indirizzati lill-uffiċjali tal-pulizija.
230	C4.2R3 Proċeduri tal-pulizija diġitalizzazzjoni ("Digipol")	Mira	Iċ-Ċittadini jużaw Digipol	-	Numru	0	500	Q3	2025	Id-Digipol għandu jkun aċċessibbli online permezz tal-infrastruttura tal-ICT tal-Pulizija Ċiprijotta. Mill-inqas 500 ċittadin użaw wieħed jew aktar mis-servizzi disponibbli fuq il-pjattaforma Digipol għaċ-ċittadini.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Iż-żmien għall-ikkompletar (Indika l-kwart u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
231	C4.2R4 L-istabbiliment tar-reġistru tas-sjieda benefiċjarja	Stadju importanti	Reġistru tas-sjieda benefiċjarja disponibbli għall-użu	Reġistru tas-sjieda benefiċjarja disponibbli pubblikament online fil-livell nazzjonali u Ewropew	-	-	-	Q4	2023	Ir-reġistru tas-sjieda benefiċjarja għandu jiġi skjerat u jsir disponibbli għall-użu fil-livell nazzjonali u Ewropew, biex b'hekk l-utenti jkunu jistgħu jivverifikaw l-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja aħħarija tal-entitajiet ġuridiċi u jiksbu interkonnessjoni tar-reġistri tas-sjieda benefiċjarja ma' Stati Membri oħra.
232	C4.2I1 Id-diġitalizzazzjoni f'diversi Ministeri/ Servizzi tal-Gvern Ċentrali	Stadju importanti	Sistema repożitorja għall-awditjar u l-kontroll: informazzjoni għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRF	Rapport tal-awditjar li jikkonferma l-funzjonalitajiet tas-sistema tar-repożitorju	-	-	-	Q1	2022	Għandha tkun stabbilita u operattiva sistema repożitorja għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRF. Is-sistema għandha tinkludi, bħala minimu, il-funzjonalitajiet li ġejjin: (1) il-ġbir tad-data u l-monitoraġġ tal-kisba tal-istadji importanti u l-miri; (2) il-ġbir, il-ħżin u l-iżgurar tal-aċċess għad-*data* meħtieġa mill-Artikolu 22(2)(d) (i) sa (iii) tar-Regolament (UE) 2021/241.
233	C4.2I1 Id-diġitalizzazzjoni f'diversi Ministeri/ Servizzi tal-Gvern Ċentrali	Mira	Il-bidu tal-aġġornament diġitali ta' għadd ta' ministeri u dipartimenti tal-gvern ċentrali	-	Numru	0	4	Q1	2022	Il-kuntratti mal-forniturі magħżula permezz ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku ġew iffirmati biex jiġu diġitalizzati/aġġornati diġitalment mill-inqas erbgħa mill-ministeri/dipartimenti tal-gvern ċentrali li ġejjin: 1. Id-Dipartiment tat-Trasport bit-Triq tal-Ministeru tat-Trasport, tal-Komunikazzjoni u tax-Xogħlijiet, 2. id-Deputat Ministeru tat-Trasport Marittimu. 3. il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin 4. id-Direttorat Ġenrali għall-Programmi Ewropej, għall-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Iż-żmien għall-ikkompletar (Indika l-kwart u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
										Koordinazzjoni u għall-Iżvilupp 5. id-Dipartiment tal-Ippjanar tal-Bliet u tal-Akkomandazzjoni tal-Ministeru tal-Intern (għall-Wirt Arkitettoniku).
234	C4.2I1 Id-diġitalizzazzjoni f'diversi Ministeri/ Servizzi tal-Gvern Ċentrali	Mira	L-avvanz tal-aġġornament diġitali ta' għadd ta' ministeri u dipartimenti tal-gvern ċentrali	-	Numru	0	4	Q4	2023	L-ikkompletar tal-iżvilupp u t-tħaddim tas-sistemi mħaddma għal erba' ministeri/dipartimenti tal-gvern mil-lista fil-mira bin-numru sekwenzjali 233.
235	C4.2I1 Id-diġitalizzazzjoni f'diversi Ministeri/ Servizzi tal-Gvern Ċentrali	Mira	Il-finalizzazzjoni tal-aġġornament diġitali ta' għadd ta' ministeri u dipartimenti tal-gvern ċentrali	-	Numru	4	5	Q4	2025	L-ikkompletar tal-iżvilupp u t-tħaddim tas-sistemi mħaddma għal ħames ministeri/dipartimenti tal-gvern mil-lista fil-mira bin-numru sekwenzjali 233.
236	C4.2I2 Id-diġitalizzazzjoni tal-	Mira	Il-bidu tal-aġġornament diġitali tal-Awtorità	-	Numru	0	4	Q2	2023	Il-kuntratti mal-forniturimagħżula permezz ta' proċedura ta' akkwist pubbliku ġew iffirmati biex jiġu żviluppati/aġġornati mill-inqas erbgħa mis-seba' sistemi li ġejjin għall-Awtorità tal-Portijiet ta' Ċipru:

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Iż-żmien għall-ikkompletar (Indika l-kwart u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	Awtorità Ċiprijotta tal-Portijiet		Ċiprijotta tal-Portijiet							1. L-aġġornament ta' Sistemi Komunitarja tal-Portijiet; 2. L-installazzjoni ta' Stazzjon VTS; 3. Id-diġitalizzazzjoni ta' arkivji tas-CPA; 4. L-aġġornament tal-infrastruttura tal-IT (bħal networks, swiċċijiet); 5. L-aġġornament tas-sistemi tal-SI; 6. L-installazzjoni ta'Sistema ta' Ġestjoni tar-Riżorsi Umani; 7. L-aġġornament tas-Servers tas-CPA; u l-iżviluppar tas-servizzi elettroniċi li ġejjin: • formalitajiet amministrattivi u rapportar bejn il-bastimenti li jaslu u/jew jitilqu mir-Repubblika ta' Ċipru; • il-monitoraġġ u s-sikurezza tat-tbaħħir minn u lejn il-prtijiet ta' Larnaca u Vasiliko.
237	C4.2I2 Id-diġitalizzazzjoni tal-Awtorità Ċiprijotta tal-Portijiet	Mira	L-avvanz tal-aġġornament diġitali tal-Awtorità Ċiprijotta tal-Portijiet	-	Numru	0	4	Q4	2024	Il-finalizzazzjoni u l-installazzjoni ta' mill-inqas erbgħa mis-sistemi mil-lista fil-mira bin-numru sekwenzjali 236 għall-portijiet rilevanti kollha
238	C4.2I2 Id-diġitalizzazzjoni tal-Awtorità Ċiprijotta tal-	Mira	Il-finalizzazzjoni tal-aġġornament diġitali tal-Awtorità Ċiprijotta	-	Numru	4	7	Q4	2025	Is-seba' sistemi kollha mil-lista fil-mira bin-numru sekwenzjali 236 għall-portijiet rilevanti kollha huma installati u operattivi, bil-hardware/tagħmir kollu installat u stabbilit.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riformajew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Iż-żmien għall-ikkompletar (Indika l-kwart u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	Portijiet		tal-Portijiet							

L. KOMPONENT 5.1: IL-MODERNIZZAZZJONI TAS-SISTEMA EDUKATTIVA, TITJIB TAL-ĦILIET U TAĦRIĠ MILL-ĠDID

Dan il-komponent tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Ċipru jindirizza l-isfidi tal-parteċipazzjoni baxxa fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV) u t-tagħlim tul il-ħajja, in-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet li qed jiżdied (b'mod partikolari fost il-gradwati żgħażagħ) u n-nuqqas ta' ħiliet diġitali. Hija tindirizza wkoll il-kwalità tat-tagħlim u d-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (early childhood education and care, ECEC) għal tfal li għandhom erba' snin. L-objettiv tagħha huwa li (i) ittejjeb il-kwalità u l-effettività tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livelli kollha, (ii) trawwem l-adozzjoni ta' opportunitajiet ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari fir-rigward taż-żewġ tranżizzjonijiet, madwar is-soċjetà irrispettivament mill-istatus tal-impjieg, il-livell tal-ħiliet jew l-età, u (iii) timmodernizza l-istrutturi tal-iskejjel li jagħmluhom adatti għat-tranżizzjoni diġitali.

Ir-riformi u l-investimenti inklużi fil-komponent jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar l-edukazzjoni u l-ħiliet (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2020 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2019), l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2019) kif ukoll dwar il-ħiliet diġitali (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4, 2019 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

L.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 1 (C5.1R1): L-indirizzar tan-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet bejn l-edukazzjoni u s-suq tax-xogħol (Edukazzjoni Sekondarja u Għolja)

L-għan tar-riforma huwa li tindirizza n-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet bejn is-suq tax-xogħol u s-sistema tal-edukazzjoni sekondarja u għolja.

Għal dan il-għan, għandhom jiġu implimentati inizjattivi ewlenin tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali, inkluża l-introduzzjoni ta' (i) sistema ta' monitoraġġ tal-gradwati fl-edukazzjoni għolja, (ii) riforma tal-kurrikuli edukattivi tal-iskejjel sekondarji biex jittejbu l-ħiliet personali u intraprenditorjali, (iii) programm ta' monitoraġġ fl-impjieg għall-istudenti tal-edukazzjoni sekondarja ġenerali, u (iv) programmi ġodda ta' studju fis-sekondarja ġenerali kif ukoll edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali mfassla għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Dan għandu jinvolvi wkoll l-għoti ta' taħriġ ta' kwalità għolja lill-persunal tat-tagħlim tal-edukazzjoni sekondarja f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-esperti tas-suq tax-xogħol kif ukoll l-aġġornament tal-laboratorji tal-iskejjel bl-aħħar teknoloġija u tagħmir.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Riforma 2 (C5.1R2): Sistema ġdida ta' evalwazzjoni ta' għalliem u skola

L-għan tar-riforma huwa li ttejjeb il-kwalità tal-edukazzjoni u konsegwentement ir-riżultati edukattivi tal-istudenti.

Din ir-riforma għandha timmodernizza u taġġorna s-sistema ta' evalwazzjoni attwali tal-għalliema u l-iskejjel billi tiżviluppa skema ta' evalwazzjoni unika għall-edukazzjoni

primarja, sekondarja u teknika u vokazzjonali b'elementi differenzjati. Din is-sistema ta' evalwazzjoni kontemporanja tal-iskejjel u l-għalliema għandha tinkorpora t-taħriġ tal-għalliema u l-evalwaturi.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Riforma 3 (C5.1R3): L-estensjoni tal-edukazzjoni preprimarja obbligatorja mingħajr ħlas mill-età ta' erba' snin

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li ttejjeb id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC) li tippromwovi d-dħul (mill-ġdid) ta' persuni b'responsabbiltajiet ta' indukrar tat-tfal, l-aktar nisa, fis-suq tax-xogħol kif ukoll l-eżiti edukattivi u l-inklużjoni soċjali tat-tfal.

Din għandha tinkludi l-estensjoni gradwali ta' tmien xhur tal-età tad-dħul f'edukazzjoni preprimarja obbligatorja mingħajr ħlas (minn tfal ta' erba' snin u tmien xhur u aktar, għal tfal ta' erba' snin u aktar). Il-miżura għandha tkun akkumpanjata mill-għoti ta' għotja biex tkopri miżati għat-tagħlim f'kindergartens komunitarji jew privati għal tfal li ma jistgħux jiġu rreġistrati f'kindergartens pubbliċi minħabba restrizzjonijiet ta' kapaċità.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma 4 (C5.1R4): It-trasformazzjoni diġitali tal-unitajiet tal-iskola bil-għan li jittejbu l-ħiliet u l-ħiliet diġitali relatati mal-edukazzjoni STEM

L-objettiv tar-riforma huwa li jappoġġa t-tranżizzjoni diġitali tas-sistema edukattiva

Din il-miżura għandha tinvolvi l-modernizzazzjoni tal-istrutturi edukattivi permezz tal-iżvilupp ta' klassijiet elettroniċi u t-tagħmir ta' klassijiet b'għodod diġitali, it-trasformazzjoni tal-kurrikuli u l-materjal edukattiv biex jittejbu l-ħiliet diġitali u l-metodoloġija STEM, kif ukoll it-tneħħija tal-kostijiet għax-xiri ta' tagħmir diġitali (laptops/tablets) għal studenti minn sfond soċjoekonomiku baxx. Għandu jinkludi wkoll l-għoti ta' ħiliet diġitali u taħriġ metodoloġiku STEM għal mill-inqas 675 (li minnhom 300 għalliem tal-primarja, 300 sekondarji ġenerali u 75 għalliem vokazzjonali fis-sekondarja) fis-sena għal 5 snin (b'kollox mill-inqas 3 375 għalliem li jammontaw għal madwar 32 % tal-għalliema kollha (primarji u sekondarji)).

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Riforma 5 (C5.1R5): Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ħiliet Elettroniċi — Implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi

Din il-miżura għandha l-għan li ssaħħaħ il-kompetenzi diġitali fil-gruppi kollha tal-popolazzjoni.

Dan għandu jinkludi (i) l-iżvilupp ta' qafas ta' politika u pjan ta' azzjoni dwar il-ħiliet elettroniċi, (ii) it-tfassil u t-twettiq ta' programmi mmirati għall-professjonisti tas-settur pubbliku li jippromwovu kompetenzi transsettorjali, kif ukoll (iii) it-tfassil ta' interventi ta' taħriġ mill-ġdid/titjib tal-ħiliet li jtejbu l-litteriżmu diġitali tal-forza tax-xogħol fis-settur privat u l-persuni qiegħda, b'enfasi speċjali fuq in-nisa u l-gruppi vulnerabbli. Barra minn hekk, din il-miżura tinvolvi strateġija ta' komunikazzjoni li tippromwovi t-tagħlim tul il-ħajja u kultura diġitali f'Ċipru, investimenti fl-infrastruttura diġitali biex tappoġġa t-tagħlim diġitali u l-iżvilupp ta' pjattaforma ta' tagħlim elettroniku b'materjal ta' kontenut ewlieni dwar il-ħiliet diġitali u l-kompetenzi transsettorjali aċċessibbli għall-gruppi fil-mira kollha.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment 1(C5.1I1): Il-kostruzzjoni ta' żewġ Skejjel Tekniċi Mudell

L-objettiv tal-investiment huwa li jipprovdi lill-istudenti u lill-edukaturi b'ambjent modern mgħammar tajjeb għat-tagħlim li jżid il-kapaċità, il-kwalità u l-attrazzjoni tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV) f'Ċipru.

Din il-miżura għandha tinkludi l-kostruzzjoni ta' żewġ skejjel tekniċi ġodda, waħda f'Limassol (minflok l-Iskola Teknika A attwali) u l-oħra f'Larnaca (minflok l-Iskola Teknika Agios Lazaros).

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment 2 (C5.1I2): Ħiliet, Taħriġ mill-ġdid u Titjib tal-Ħiliet

L-għan ta' dan l-investiment huwa li jsaħħaħ il-ħiliet diġitali tal-popolazzjoni f'konformità mal-pjan ta' azzjoni dwar il-ħiliet elettroniċi, li jtejjeb l-għarfien u l-ħiliet tal-persuni fis-setturi ekoloġiċi u blu tal-ekonomija u li jippromwovi l-kompetenzi intraprenditorjali.

Il-miżura għandha tinkludi l-għoti ta' taħriġ għat-tisħiħ tal-ħiliet diġitali, ekoloġiċi u blu għal kulħadd, taħriġ intraprenditorjali għall-persuni qiegħda, b'enfasi speċjali fuq in-nisa u l-gruppi vulnerabbli, kif ukoll taħriġ fil-ħiliet diġitali għal persuni li għandhom' il fuq minn 55 sena.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha ssir sal-31 ta' Diċembru 2025.

L.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
239	C5.1R1 L-indirizzar tan-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet bejn l-edukazzjoni u s-suq tax-xogħol (Edukazzjoni Sekondarja u Għolja)	Stadju importanti	L-implimentazzjoni ta' miżuri ewlenin mill-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali	Il-pubblikazzjoni ta' rapporti u komunikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti	-	-	-	Q4	2024	L-implimentazzjoni sħiħa ta' miżuri ewlenin mill-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali, fosthom tal-anqas: (a) jiġi ppubblikat rapport dwar ir-riżultati preliminari tal-istħarriġ "Graduate Tracking of Cyprus Higher Education"; (b) 320 mill-kurrikuli edukattivi tal-iskejjel sekondarji jiġu riformati biex jittejbu l-litteriżmu diġitali, l-intelliġenza emozzjonali, il-ħiliet personali u l-ħiliet intraprenditorjali; kif ukoll (c) jiġu żviluppati żewġ programmi ġodda ta' studju.
240	C5.1R1 L-indirizzar tan-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet bejn l-edukazzjoni u s-suq tax-xogħol (Edukazzjoni Sekondarja u Għolja)	Mira	It-taħriġ ta' persunal tat-tagħlim tal-edukazzjoni sekondarja	-	Numru	0	3 100	Q4	2025	Mill-inqas 3 100 għalliem tal-edukazzjoni sekondarja huma mħarrġa fil-kurrikuli edukattivi riformati.
241	C5.1R2 Sistema ġdida ta' evalwazzjoni ta' għalliem u skola	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi għall-istabbiliment ta' mekkaniżm	Id-dħul fis-seħħ fil-liġi tad-dispożizzjoni tal-liġi	-	-	-	Q4	2023	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu ġdid ta' Evalwazzjoni tal-Għalliema u l-Iskola, li għandu jistipula li l-mekkaniżmu l-ġdid japplika sa mhux aktar tard mis-sena skolastika 2024/2025.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
			u ġdid ta' Evalwazzjoni tal-Għalliema u l-Iskola							
242	C5.1R2 Sistema ġdida ta' evalwazzjoni ta' għalliem u skola	Mira	It-taħriġ tal-persunal tat-tagħlim	-	Numru	0	1 100	Q4	2025	Mill-inqas 1 100 għalliem (għalliema, viċi kapijiet u kapijiet tal-iskola) tħarrġu għas-sistema l-ġdida tal-Għalliema u l-Evalwazzjoni tal-Iskejjel.
243	C5.1R3 L-estensjoni tal-edukazzjoni preprimarja obbligatorja mingħajr ħlas mill-età ta' erba' snin	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ tal-Liġi l-ġdida dwar l-estensjoni tal-edukazzjoni preprimarja obbligatorja mingħajr ħlas mill-età ta' erba' snin u l-adozzjoni ta' skema ta' għotja mill-Kunsill tal-	Id-dispożizzjoni fil-liġi(jiet) li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi(jiet)	-	-	-	Q4	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-Liġi li testendi l-edukazzjoni preprimarja obbligatorja mingħajr ħlas mill-età ta' erba' snin u l-adozzjoni tal-iskema ta' għotja biex tkopri l-miżati għat-tagħlim fil-kindergartens komunitarji jew privati għal tfal li ma jistgħux jiġu rreġistrati fil-kindergartens pubbliċi mill-Kunsill tal-Ministri.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
			Ministri							
244	C5.1R3 L-estensjoni tal-edukazzjoni preprimarja obbligatorja mingħajr ħlas mill-età ta' erba' snin	Mira	Tfal li jibbenefikaw minn appoġġ għal miżati għat-tagħlim	-	Numru	0	2 500	Q4	2024	L-għoti ta' appoġġ bi ħlas għat-tagħlim għall-edukazzjoni preprimarja obbligatorja b'xejn ta' mill-inqas 2 500 tifel u tifla mill-età ta' erba' snin fil-kindergartens komunitarji u privati.
245	C5.1R3 L-estensjoni tal-edukazzjoni preprimarja obbligatorja mingħajr ħlas mill-età ta' erba' snin	Mira	Tfal li jibbenefikaw minn appoġġ għal miżati għat-tagħlim	-	Numru	2500	7 425	Q2	2026	L-għoti ta' appoġġ bi ħlas għat-tagħlim għall-edukazzjoni preprimarja obbligatorja b'xejn ta' mill-inqas 7 425 tifel u tifla mill-età ta' erba' snin fil-kindergartens komunitarji u privati.
246	C5.1R4 It-trasformazzjoni diġitali tal-unitajiet tal-iskola bil-għan li jittejbu l-ħiliet u l-ħiliet diġitali relatati mal-	Mira	Klassijiet mgħammra diġitalment	-	Numru	0	700	Q2	2023	Il-klassijiet f'mill-inqas 700 skola ġew mgħammra diġitalment b'laptops, proġekters, mikrofoni, kelliema, bords grafiċi diġitali.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	edukazzjoni STEM									
247	C5.1R4 It-trasformazzjoni diġitali tal-unitajiet tal-iskola bil-għan li jittejbu l-ħiliet u l-ħiliet diġitali relatati mal-edukazzjoni STEM	Mira	It-trasformazzjoni tal-kurrikulu u l-produzzjoni ta' materjal edukattiv għall-ħiliet diġitali u l-metodoloġija STEM	-	Numru	0	120	Q4	2024	It-trasformazzjoni tal-kurrikulu u l-produzzjoni ta' materjal edukattiv għall-ħiliet diġitali u l-metodoloġija STEM għal 120 suġġett tal-iskola.
248	C5.1R4 It-trasformazzjoni diġitali tal-unitajiet tal-iskola bil-għan li jittejbu l-ħiliet u l-ħiliet diġitali relatati mal-edukazzjoni STEM	Mira	Għalliema li jibbenefikaw minn Taħriġ fis-Servizz u Żvilupp Professjonali	-	Numru	0	3 375	Q2	2026	Mill-inqas 3 375 għalliem primarji u sekondarji bbenefikaw minn Taħriġ In-service u Żvilupp Professjonali dwar il-Kompetenzi Diġitali.
249	C5.1R5 Pjan ta'	Stadju importanti	Il-pjan ta' Azzjoni	L-adozzjoni ta' Pjan ta'	-	-	-	Q4	2021	Il-pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar il-Ħiliet Elettroniċi jiġi adottat mill-Kunsill tal-Ministri, li għandu jinkludi tal-

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
	Azzjoni dwar il-Ħiliet Elettroniċi — Implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi		Nazzjonali dwar il-Ħiliet Elettroniċi jiġi adottat mill-Kunsill tal-Ministri	Azz joni tal-Ħiliet elettroniċi mill-Kunsill tal-Ministri						anqas: • l-iżvilupp ta' pjattaforma ta' tagħlim elettroniku, li jkun fiha għodda ta' awtovalutazzjoni għall-idoneità diġitali, indiċi tal-programmi kollha disponibbli ta' titjib tal-ħiliet, u materjal ta' kontenut dwar il-ħiliet diġitali u l-kompetenzi transsettorjali; • it-tfassil u l-iskjerament ta' programmi u interventi għall-professjonisti fis-settur pubbliku f'oqsma bħall-ġestjoni tal-proġetti, l-għodod tal-Microsoft, iċ-ċibersigurtà, il-midja soċjali, il-kollaborazzjoni elettronika u l-għodod tal-produttività; • investiment fl-infrastruttura soċjali
250	C5.1R5 Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ħiliet Elettroniċi — Implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi	Stadju importanti	L-implimentazzjoni ta' miżuri ewlenin mill-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Ħiliet Elettroniċi	Il-pubblikazzjoni tar-rapport annwali mid-Deputat Ministeru għar-Riċerka, l-Innovazzjoni u l-Politika Diġitali u l-istazzjonar/avviżi rilevanti fuq il-pjattaforma tat-tagħlim elettroniku	-	-	-	Q4	2025	L-implimentazzjoni sħiħa ta' miżuri ewlenin mill-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Ħiliet Elettroniċi, li tal-anqas għandu jinkludi: - it-tfassil u t-twassil ta' programmi mmirati għall-professjonisti fis-settur pubbliku għall-ħiliet diġitali u l-kompetenzi transsettorjali (bħall-ġestjoni tal-proġetti); - investimenti rilevanti fl-infrastruttura diġitali (bħal laptops, kompjuters); - id-disinn ta' pjattaforma waħda ta' tagħlim elettroniku b'materjal edukattiv huwa pprovdut biex jinkludi korsijiet offruti minn istituzzjonijiet edukattivi; - l-implimentazzjoni ta' strateġija ta' komunikazzjoni permezz ta', fost l-oħrajn, avvenimenti ffinanzjati.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Kwart	Sena	
251	C5.1I1 Il-kostruzzjoni ta' żewġ Skejjel Tekniċi Mudell	Stadju importanti	Kuntratti għall-kostruzzjoni ta' żewġ Skejjel Tekniċi	L-iffirmat ta' Kuntratti Firma u l-bidu tal-kostruzzjoni	-	-	-	Q4	2022	L-iffirmar ta' żewġ kuntratti mal-kuntratturi magħżula taħt sejħa kompetittiva għal proposti għall-kostruzzjoni ta' żewġ Skejjel Tekniċi — waħda f'Limassol u waħda f'Larnaca — u l-ħruġ ta' ordnijiet ta' bidu tal-kostruzzjoni rispettivi mill-Inġiniera tal-proġett.
252	C5.1I1 Il-kostruzzjoni ta' żewġ Skejjel Tekniċi Mudell	Stadju importanti	L-ikkompletar tal-kostruzzjoni ta' żewġ Skejjel Tekniċi	Ħruġ ta' Teħid tal-Kontroll Ċertifikati għal żewġ proġetti ta' kostruzzjoni	-	-	-	Q2	2026	L-ikkompletar tal-kostruzzjoni ta' żewġ Skejjel Tekniċi — waħda f'Limassol u waħda f'Larnaca — u l-ħruġ ta' ċertifikati rispettivi ta' akkwist. Skejjel kompletament operattivi mill-bidu tas-sena skolastika 2026–2027.
253	C5.1I2 Ħiliet, Taħriġ mill-ġdid u Titjib tal-Ħiliet	Mira	L-ikkompletar tat-taħriġ għal mill-inqas 11 500 parteċipant	-	Numru	0	11 500	Q4	2024	L-ikkompletar tat-taħriġ għal mill-inqas 11 500 parteċipant fi programmi għall-ħiliet diġitali, ħiliet relatati mal-ekonomija blu u ekoloġika, programmi ta' intraprenditorija għal persuni qiegħda u inattivi u programmi ta' taħriġ għal persuni ta' aktar minn 55 sena.
254	C5.1I2 Ħiliet, Taħriġ mill-ġdid u Titjib tal-Ħiliet	Mira	L-ikkompletar tat-taħriġ għal mill-inqas 25 600 parteċipant	-	Numru	11 500	25 600	Q4	2025	L-ikkompletar tat-taħriġ għal mill-inqas 25 600 parteċipant fi programmi għall-ħiliet diġitali, ħiliet relatati mal-ekonomija blu u ekoloġika, programmi ta' intraprenditorija għal persuni qiegħda u inattivi u programmi ta' taħriġ għal persuni ta' aktar minn 55 sena.

M. KOMPONENT 5.2: IS-SUQ TAX-XOGĦOL, IL-PROTEZZJONI SOĊJALI U L-INKLUŻJONI

Dan il-komponent tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Ċipru jindirizza l-ineffiċjenzi fil-ġestjoni tal-ilma. (i) ineffiċjenzi u lakuni fil-protezzjoni soċjali b'mod partikolari għal dawk li jaħdmu għal rashom u persuni li jaħdmu f'forom mhux standard ta' impjieg, (ii) in-nuqqas ta' leġiżlazzjoni għal arranġamenti tax-xogħol flessibbli fil-forma ta' telexogħol, (ii) sfidi relatati mal-qgħad u l-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-livell għoli ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (not in employment, education or training, NEETs), (iii) diskrepanzi fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC) u (iv) sfidi fir-rigward tal-inklużjoni soċjali u l-assistenza soċjali, inkluż livell għoli ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' kura fit-tul.

Ir-riformi u l-investimenti inklużi fil-komponent jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar it-titjib tal-effettività tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u s-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, 2019 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2020), l-għoti ta' protezzjoni soċjali għal kulħadd u l-introduzzjoni ta' arranġamenti tax-xogħol flessibbli (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2, 2020), u t-titjib tal-effiċjenza u d-diġitalizzazzjoni tas-settur pubbliku (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1, 2019, ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4, 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

M.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma 2 (C5.2R2): Arranġamenti ta' xogħol flessibbli fil-forma ta' telexogħol

L-għan tar-riforma huwa li tippromwovi arranġamenti flessibbli tax-xogħol fil-forma ta' telexogħol biex jittejjeb il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u jiżdiedu l-opportunitajiet ta' impjieg.

Ir-riforma tikkonsisti f'leġiżlazzjoni ġdida għal arranġamenti ta' xogħol flessibbli fil-forma ta' telexogħol u l-promozzjoni ta' ftehimiet kollettivi biex jirregolaw it-telexogħol. Għandha tinkludi wkoll skema li tneħħi parti mill-kosti tal-persunal bħala inċentiv għal min iħaddem biex jimpjega persuni qiegħda li għandhom jaħdmu mid-dar.

234	C4.2I1 Id-diġitalizzazzjoni f'diversi Ministeri/Servizzi tal-Gvern Ċentrali	Mira	L-avvanz tal-aġġornament diġitali ta' għadd ta' ministeri u dipartimenti tal-gvern ċentrali
241	C5.1R2 Sistema ġdida ta' evalwazzjoni ta' għalliem u skola	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu ġdid ta' Evalwazzjoni tal-Għalliema u l-Iskola
		Ammont tal-Pagament Parzjali	EUR 149 425 287

1.6. Is-Sitt Pagament Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
11	C1.1I4 L-akkreditazzjoni ta' sptarijiet pubbliċi u privati	Mira	Istituzzjonijiet tas-saħħa jibbenefikaw mill-iskema li tkopri l-kostijiet relatati mal-akkreditazzjoni
39	C2.1I6 L-aġġornament tal-infrastruttura tal-ittestjar tal-enerġija rinnovabbli u tal-grilji intelliġenti fl-Università ta' Ċipru	Stadju importanti	Il-kunsinna, l-installazzjoni b'suċċess u l-aċċettazzjoni tat-tagħmir għall-grilji intelliġenti
52	C2.2R1 L-istabbiliment ta' Sistema ta' Trasport Intelliġenti bl-użu ta' teknoloġiji ta' Tewmin Diġitali	Mira	Il-forniment u l-installazzjoni ta' mill-inqas 150 sensur
57	C2.2I1 L-implimentazzjoni ta' Proġetti ta' Mobilità Urbana Sostenibbli (Sustainable Urban Mobility Project, SUMPs) u miżuri li jtejbu l-aċċessibbiltà	Stadju importanti	L-iffirmar tal-kuntratti għax-xogħol ta' kostruzzjoni ta' infrastruttura tat-trasport sostenibbli u installazzjonijiet anċillari
69	C2.3I2 Impjanti għat-Trattament tal-Ilma: L-aġġornament tat-titjib fil-kwalità tal-ilma	Stadju importanti	It-tlestija tax-xogħlijiet għall-installazzjoni ta' unitajiet tal-illostrar tal-karbonju attivat f'Tersefanou, Asprokremmos u Impjanti tat-Trattament tal-Ilma Limassol
72	C2.3I3 Is-Sistema Integrata ta' Monitoraġġ u Ġestjoni tal-Kontroll għall-infrastruttura tad-Dipartiment tal-Iżvilupp tal-Ilma	Mira	Il-forniment u l-installazzjoni ta' mill-inqas 50 % tat-tagħmir
78	C2.3I5 Miżuri kontra l-għargħar u għall-ġbir tal-ilma	Stadju importanti	It-tlestija ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni għas-sistema ta' ġbir u riċiklaġġ tal-ilma tax-xita fiż-żona ta' Kladeri

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
88	C3.1R2 Pjattaforma online bbażata fuq il-cloud għat-titjib tas-simetrija tal-kummerċ u tal-informazzjoni fil-katina tal-provvista tal-prodotti friski	Stadju importanti	Il-pjattaforma għar-reġistrazzjoni tat-tranżazzjonijiet fis-suq lokali tal-prodotti friski
169	C3.4R6 Qafas legali ġdid għall-Awtoritajiet Lokali u miżuri ta' appoġġ rilevanti	Stadju importanti	Qafas legali ġdid dwar l-awtoritajiet lokali
181	C3.4R8 L-Effiċjenza tal-Ġustizzja	Mira	It-tnaqqis tal-akkumulazzjoni ta' kawżi u appelli
208	C3.5R9 It-titjib tal-ġbir tat-taxxa u l-effikaċja tad-Dipartiment tat-Taxxa	Stadju importanti	L-integrazzjoni tal-operazzjonijiet tad-dipartiment tal-amministrazzjoni tat-taxxa diretta fl-ITAS
216	C4.1R2 L-għoti tas-setgħa lill-Uffiċċju Nazzjonali ta' Kompetenza fil-Broadband (DEC tad-DMRIDP)	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ ta' atti amministrattivi għall-iskjerament ta' networks b'kapaċità kbira ħafna
		Ammont tal-Pagament Parzjali	EUR 74 712 644

1.7. Is-Seba' Pagament Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
1	C1.1R1 Iċ-Ċentru Nazzjonali għall-Evidenza Klinika u Titjib tal-Kwalità	Mira	It-tħejjija, l-awditjar u r-rieżami bejn il-pari tal-protokolli kliniċi
25	C2.1I1 Il-promozzjoni ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika fl-SMEs, fil-muniċipalitajiet,f il-komunitajiet u fis-settur pubbliku usa'	Mira	Entitajiet (SMEs, muniċipalitajiet, komunitajiet u s-settur pubbliku usa') li implimentaw interventi għall-effiċjenza enerġetika
33	C2.1I4 It-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-industriji, tan-negozji u tal-organizzazzjonijiet	Mira	It-tnaqqis tal-emissjonijiet

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
41	C2.1I7 L-installazzjoni tal-massa u t-tħaddim mill-Operatur tas-Sistema ta' Distribuzzjoni (Distribution System Operator, DSO) tal-Infrastruttura tal-Miters Intelliġenti (Infrastruttura Avvanzata tal-Miters)	Mira	Il-kunsinna u l-installazzjoni ta' miters intelliġenti
54	C2.2R2 Jiġi pprovdut qafas regolatorju għal infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi (EV) interoperabbli u effikaċi u għal suq tal-iċċarġjar tal-EV effiċjenti	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni relatata mal-punti tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi
75	C2.3I4 Il-Ġestjoni tan-Networks tal-Ilma u tad-Drenaġġ Intelliġenti	Mira	Il-forniment u l-installazzjoni ta' mill-inqas 200 sensur ta' kwalità u ta' pressjoni
98	C3.1I6 L-iskema għall-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi involuti fil-manifattura u l-kummerċ ta' prodotti agrikoli	Mira	Għotjiet lill-SMEs impenjati fil-kummerċ u l-produzzjoni ta' prodotti agrikoli
101	C3.1I7 L-iskema għat-titjib tal-kompetittività tal-impriżi l-kbar fis-settur tal-manifattura	Mira	Għotjiet lil intrapriżi kbar fis-Settur tal-Manifattura
107	C3.1I10 L-arrikkiment tal-prodott turistiku f'żoni rurali, muntanjużi u remoti	Stadju importanti	Ir-Rotta Afrodite
121	C3.2R1 Għodod ta' politika u ta' politika nazzjonali tar-RuŻ	Stadju importanti	It-tlestija tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Istrateġija RuŻ
124	C3.2R3 Il-politiki li jrawmu l-aċċess għal infrastruttura ta' riċerka u laboratorji ffinanzjati pubblikament	Stadju importanti	Kollaborazzjoni ta' Organizzazzjonijiet li Jwettqu r-Riċerka mannegozji u l-ispin-offs
138	C3.3R3 Il-modernizzazzjoni tal-Liġi dwar il-Kumpaniji	Stadju importanti	Il-preżentazzjoni tal-abbozz ta' liġi lill-Parlament għall-approvazzjoni, ir-ristrutturar tal-Liġi tal-Kumpaniji
142	C3.3R5 Investitur Strateġiku tal-Borża ta' Ċipru	Stadju importanti	L-għażla ta' investitur strateġiku biex jixtri sehem ta' kontroll fil-Borża ta' Ċipru
159	C3.4R2 Ir-regolamentazzjoni tal-arranġamenti tax-xogħol flessibbli fis-settur pubbliku	Stadju importanti	Implimentazzjoni ta' arranġamenti tax-xogħol flessibbli
170	C3.4R6 Qafas legali ġdid għall-Awtoritajiet Lokali u miżuri ta' appoġġ rilevanti	Mira	Numru ta' persunal tal-awtorità lokali li jipparteċipaw fil-bini tal-kapaċità

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
174	C3.4I4 It-titjib tas-sistema elettronika għall-ħruġ ta' permessi għall-bini	Stadju importanti	Titjib tal-funzjonalitajiet tal-ippjanar u l-kontroll u l-ġestjoni tal-proġetti ta' Hippodamos
175	C3.4I5 Il-bliet intelliġenti	Mira	L-installazzjoni ta' sensuri intelliġenti fis-servizz bħala parti mill-inizjattiva tal-bliet intelliġenti
177	C3.4I6 Ir-Riġenerazzjoni u r-Rivitalizzazzjoni tal-Belt ta' Nikosija	Mira	Ir-rinnovazzjoni u l-konverżjoni tal-kmamar f'dormitorji tal-istudenti
198	C3.5R4 Qafas legali ġdid u sistema ta' skambju ta' *data* u uffiċċji ta' kreditu	Stadju importanti	Sistema diġitali aġġornata ta' skambju ta' *data* u uffiċċji ta' kreditu
200	C3.5R5 Pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp ta' reġistru ta' monitoraġġ tal-obbligazzjonijiet	Stadju importanti	Pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp ta' reġistru ta' monitoraġġ tal-obbligazzjonijiet
210	C3.5R10 L-indirizzar tal-Ippjanar Aggressiv tat-Taxxa	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ tal-liġi li tindirizza l-ippjanar aggressiv tat-taxxa permezz ta' pagamenti lil ġuriżdizzjonijiet b'taxxi baxxi.
215	C4.1R1 L-għoti tas-setgħa lill-Awtorità Regolatorja Nazzjonali (OCECPR)	Stadju importanti	Il-portal web dwar il-broadband u l-immappjar tal-infrastruttura huwa operattiv u aċċessibbli għall-udjenza fil-mira
218	C4.1I1 L-Espansjoni ta' Networks ta' Kapaċità Għolja Ħafna f'żoni li mhumiex moqdijin tajjeb	Mira	L-espansjoni ta' networks ta' kapaċità għolja ħafna f'żoni li mhumiex moqdijin tajjeb
222	C4.1I3 Link taħt il-baħar lejn il-Greċja	Stadju importanti	L-iffirmar tal-kuntratt għad-disinn, il-kostruzzjoni u l-operat tal-kejbils sottomarini
237	C4.2I2 Id-diġitalizzazzjoni tal-Awtorità Ċiprijotta tal-Portijiet	Mira	L-avvanz tal-aġġornament diġitali tal-Awtorità Ċiprijotta tal-Portijiet
239	C5.1R1 L-indirizzar tan-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet bejn l-edukazzjoni u s-suq tax-xogħol (Edukazzjoni Sekondarja u Għolja)	Stadju importanti	L-implimentazzjoni ta' miżuri ewlenin mill-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali
244	C5.1R3 L-estensjoni tal-edukazzjoni preprimarja obbligatorja mingħajr ħlas mill-età ta' erba' snin	Mira	Tfal li jibbenefikaw minn appoġġ għal miżati għat-tagħlim

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
247	C5.1R4 It-trasformazzjoni diġitali tal-unitajiet tal-iskola bil-għan li jittejbu l-ħiliet u l-ħiliet diġitali relatati mal-edukazzjoni STEM	Mira	It-trasformazzjoni tal-kurrikulu u l-produzzjoni ta' materjal edukattiv għall-ħiliet diġitali u l-metodoloġija STEM
253	C5.1I2 Ħiliet, Taħriġ mill-ġdid u Titjib tal-Ħiliet	Mira	L-ikkompletar tat-taħriġ għal mill-inqas 11 500 parteċipant
258	C5.2I1 It-titjib tal-effettività tad-Dipartiment tax-Xogħol u s-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi u t-tisħiħ tal-appoġġ għaż-żgħażagħ	Mira	L-implimentazzjoni ta' pjattaformi kompluti, kompletament operattivi
261	C5.2I2 L-istabbiliment ta' ċentri multifunzjonali u ċentri tal-kura tat-tfal	Stadju importanti	L-adozzjoni ta' strateġija nazzjonali dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC) u pjan ta' azzjoni li jakkumpanjaha mill-Kunsill tal-Ministri
262	C5.2I2 L-istabbiliment ta' ċentri multifunzjonali u ċentri tal-kura tat-tfal	Mira	Għotja mogħtija lil mill-inqas 10 awtoritajiet lokali/Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi għall-istabbiliment jew it-titjib ta' Ċentri Multifunzjonali jew Ċentri tat-Tfal
264	C5.2I3 L-istabbiliment ta' strutturi tad-djar għat-tfal, adolexxenti b'disturbi ta' kondotta u persuni b'diżabiltà u persuni li jeħtieġu kura fit-tul (LTC, long term care)	Mira	Bini għall-ħtiġijiet tat-tfal jew persuni b'diżabilità u appoġġ għad-djar għat-tfal, adolexxenti b'disturbi ta' kondotta u persuni li jeħtieġu kura fit-tul
267	C5.2I4 Ċentri tat-Tfal fil-Muniċipalitajiet	Mira	Il-kostruzzjoni ta' mill-inqas erba' ċentri għat-tfal
		Ammont tal-Pagament Parzjali	EUR 149 425 287

1.8. It-Tmien Pagament Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
6	C1.1I1 Faċilitajiet ġodda għas-Cyprus Blood Establishment u l-akkwist ta' tagħmir ta' inkarigati tal-aħħar teknoloġija	Stadju importanti	Il-bidu totali ta' faċilitajiet ġodda taċ-ċentri tad-demm inkluż it-tagħmir kollu
14	C1.1I6 L-iskjerament ta' servizzi tas-saħħa ġeneriċi elettroniċi transfruntiera f'Ċipru	Stadju importanti	Operazzjoni sħiħa tal-iskambju transkonfinali tad-*data* dwar il-kura tas-saħħa
66	C2.3R1 Ir-Riforma tal-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Ilma	Stadju importanti	L-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni dwar il-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma
81	C2.3I6 It-titjib tas-sigurtà tal-ilma għar-reġjuni ta' Nikosija u Larnaca	Mira	It-tlestija tal-kostruzzjoni ta' tliet ġibjuni tal-azzar miksi tal-ħġieġ u l ġibjun tal-ilma tal-konkrit
94	C3.1I2 It-titjib tal-bażi tad-*data* isotopika ta' prodotti Ċiprijotti tradizzjonali.	Mira	L-ikel/xorb tradizzjonali lokali konness mas-sistema
111	C3.1R5 It-twaqqif ta' Korp ta' Koordinazzjoni bejn il-gvern ċentrali u dak lokali	Stadju importanti	Leġiżlazzjoni dwar il-koordinazzjoni bejn il-Gvern Ċentrali u l-Gvern Lokali
161	C3.4R3 L-introduzzjoni ta' qafas ġdid għall-proċess ta' evalwazzjoni u għażla għall-mili ta' postijiet battala fis-servizz pubbliku u regolamenti ġodda għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-impjegati	Stadju importanti	Qafas ġdid għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni u l-mili ta' postijiet battala fis-servizz pubbliku.
165	C3.4I2 Id-diġitalizzazzjoni tal-proċess tat-tfassil tal-liġijiet	Stadju importanti	L-Implimentazzjoni tal-Pjattaforma ta' Tħejjija tal-Leġiżlazzjoni ta' Ċipru
184	C3.4R9 It-trasformazzjoni diġitali tal-qrati	Stadju importanti	Ir-reġistrazzjoni awdjo diġitali fi proċedimenti tal-qorti

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
202	C3.5R6 It-tisħiħ tal-qafas ta' insolvenza	Stadju importanti	It-tħaddim tas-sistemi diġitali kollha żviluppati għad-Dipartiment tal-Insolvenza
221	C4.1I2 It-titjib tal-kejbils tal-bini biex tkun "lesta għall-gigabits" u tippromwovi l-adozzjoni tal-konnettività	Mira	L-ikkompletar ta' kejbils lesti għall-gigabits ġewwa l-bini
		Ammont tal-Pagament Parzjali	EUR 68 965 517

1.9. Id-Disa' Pagament Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
2	C1.1R1 Iċ-Ċentru Nazzjonali għall-Evidenza Klinika u Titjib tal-Kwalità	Mira	It-tħejjija, l-awditjar u r-rieżami bejn il-pari tal-protokolli kliniċi
4	C1.1R2 Id-disinn ta' Pjattaforma elettronika għas-sorveljanza tal-Konsum Nożokomjali tal-Antibijotiċi u tal-Kura tas-Saħħa — Infezzjonijiet Assoċjati	Stadju importanti	Il-bidu totali tal-operazzjonijiet tal-pjattaforma elettronika, inkluż tas-sistema ta' monitoraġġ
8	C1.1I2 Is-sistema tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) tas-Saħħa Pubblika Innovattiva ta' Ċipru	Mira	Sentinelli li jdaħħlu *data* fil-modulu tas-Sistema ta' Sorveljanza Sentinella tal-Influwenza
10	C1.1I3 Ix-xiri/is-sostituzzjoni ta' tagħmir mediku fl-isptarijiet	Mira	Istituzzjonijiet tas-saħħa jibbenefikaw mill-iskema ta' appoġġ finanzjarju

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
12	C1.1I4 L-akkreditazzjoni ta' sptarijiet pubbliċi u privati	Mira	Istituzzjonijiet tas-saħħa jibbenefikaw mill-iskema li tkopri l-kostijiet relatati mal-akkreditazzjoni
15	C1.1I7 Is-sistema ta' twissija pubblika għall-appoġġ ta' operazzjonijiet ta' emerġenza permezz ta' SMS	Stadju importanti	Is-sistema ta' twissija pubblika li għadha kif ġiet stabbilita u s-sistema ta' monitoraġġ tagħha jkunu kompletament operazzjonali
26	C2.1I1 Il-promozzjoni ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika fl-SMEs, fil-muniċipalitajiet,f il-komunitajiet u fis-settur pubbliku usa'	Mira	Entitajiet (SMEs, muniċipalitajiet, komunitajiet u s-settur pubbliku usa') li implimentaw interventi għall-effiċjenza enerġetika
37	C2.1I5 L-Aġġornament tal-Effiċjenza Enerġetika tal-bini tal-gvern	Mira	It-tlestija tal-installazzjoni ta' sistemi fotovoltajċi fl-istazzjonijiet tal-pompi tal-ilma u fl-istazzjonijiet tat-tifi tan-nar
44	C2.1I8 Il-monitoraġġ u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-agrikoltura	Mira	It-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-agrikoltura
47	C2.1I9 Il-Protezzjoni tan-Nirien fil-Foresti	Stadju importanti	It-tlestija tas-servizzi
53	C2.2R1 L-istabbiliment ta' Sistema ta' Trasport Intelliġenti bl-użu ta' teknoloġiji ta' Tewmin Diġitali	Mira	Il-forniment u l-installazzjoni ta' total ta' 300 sensur
56	C2.2R3 L-eliminazzjoni progressiva tal-vetturi li jniġġsu l-aktar, speċjalment f'żoni urbani mniġġsa	Stadju importanti	L-implimentazzjoni ta' mill-inqas żewġ miżuri mmirati lejn l-esklużjoni ta' vetturi li jniġġsu

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
61	C2.2I2 Il-ħolqien ta' infrastruttura għall-elettromobiltà	Mira	L-installazzjoni ta' mill-inqas 1 200 punt tal-iċċarġjar bis-saħħa tal-appoġġ mogħti
63	C2.2I3 Il-promozzjoni tal-użu mifrux tal-Vetturi Elettriċi (EVs)	Mira	Ix-xiri ta' vetturi elettriċi, roti elettriċi (mill-inqas 5 750), minħabba l-appoġġ mogħti
65	C2.2I3 Il-promozzjoni tal-użu mifrux tal-Vetturi Elettriċi (EVs)	Mira	L-iskreppjar ta' vetturi b'emissjonijiet għoljin bis-saħħa tal-appoġġ mogħti
70	C2.3I2 Impjanti għat-Trattament tal-Ilma: L-aġġornament tat-titjib fil-kwalità tal-ilma	Mira	It-tlestija ta' xogħlijiet ta' estensjoni u sistema ta' awtomatizzazzjoni fl-Impjant tat-Trattament tal-Ilma ta' Asprokremmos
79	C2.3I5 Miżuri kontra l-għargħar u għall-ġbir tal-ilma	Stadju importanti	It-tlestija ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni għall-kanal tal-għargħar f'Livadia
108	C3.1I10 L-arrikkiment tal-prodott turistiku f'żoni rurali, muntanjużi u remoti	Mira	Għotjiet lill-impriżi u lill-bordijiet lokali tal-komunità għall-promozzjoni ta' negozji mikro u żgħar fis-setturi kreattivi u tal-manifattura, bħal artisti, artiġjanat u prodotti tradizzjonali
113	C3.1I12 Il-ġestjoni tal-iskart lejn ekonomija ċirkolari	Mira	Il-bidu tat-tħaddim taċ-ċentri ta' użu mill-ġdid u ta' tiswija

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
114	C3.1I12 Il-ġestjoni tal-iskart lejn ekonomija ċirkolari	Mira	It-tlestija ta' twaqqif, installazzjoni u bidu tat-tħaddim ta' sistemi ta' kompostjar
115	C3.1I12 Il-ġestjoni tal-iskart lejn ekonomija ċirkolari	Mira	L-ikkompletar, l-installazzjoni u l-bidu tat-tħaddim ta' kioskijiet ekoloġiċi
126	C3.2I1 It-twaqqif u t-tħaddim ta' Uffiċċju għat-Trasferiment tal-Għarfien (KTO)	Mira	Fajls tal-każijiet magħluqa li jiċċertifikaw il-forniment ta' servizzi rilevanti ta' trasferiment tal-għarfien
137	C3.3R2 It-tisħiħ tal-Mekkaniżmu ta' Attivazzjoni Rapida tan-Negozju	Mira	Valutazzjonijiet tal-applikazzjonijiet għall-investiment permezz tal-pjattaforma
139	C3.3R3 Il-modernizzazzjoni tal-Liġi dwar il-Kumpaniji	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ tal-"Liġi tal-Muniċipalità" ġdida
141	C3.3R4 Id-disinn u l-ħolqien ta' Aġenzija Promozzjonali Nazzjonali (National Promotional Agency, NPA)	Stadju importanti	Bidu tal-operazzjonijiet tal-Aġenzija Promozzjonali Nazzjonali ta' Ċipru
146	C3.3I3 Servizzi ta' konsulenza għall-SMEs	Mira	SMEs li jirċievu appoġġ minn konsulenti akkreditati
157	C3.4R1 It-titjib tal-kapaċità amministrattiva u titjib tal-funzjonament tal-amministrazzjoni pubblika għal tfassil u implimentazzjoni aħjar tal-politika	Stadju importanti	L-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-ġestjoni effiċjenti ta' kwistjonijiet ta' riżorsi umani fl-amministrazzjoni pubblika nazzjonali

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
162	C3.4R4 It-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva u t-trasparenza permezz tal-professjonalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku u aktar diġitalizzazzjoni tal-proċess tiegħu	Stadju importanti	Sistema ġdida integrata tal-akkwist elettroniku
166	C3.4I2 Id-diġitalizzazzjoni tal-proċess tat-tfassil tal-liġijiet	Stadju importanti	Id-diġitalizzazzjoni tal-liġijiet u regolamenti fil-pjattaforma l-ġdida
168	C3.4I3 Iċ-Ċentru tal-Immudellar tal-Politika Ekonomika	Mira	Għadd ta' mudelli ta' valutazzjoni tal-impatt żviluppati u għodod ta' analiżi tad-*data*
172	C3.4R7 Il-konsolidazzjoni tal-art urbana	Mira	Għadd ta' pjanijiet prinċipali għall-ippjanar urban f'żoni residenzjali
185	C3.4I7 It-taħriġ tal-imħallfin	Mira	It-taħriġ tal-imħallfin
213	C3.5I2 Il-modernizzazzjoni tad-Dwana u s-Sistema ta' Pagament Elettroniku	Mira	Id-dħul fis-seħħ tas-sistemi ta' informazzjoni — previsti skont il-KDU
219	C4.1I1 L-Espansjoni ta' Networks ta' Kapaċità Għolja Ħafna f'żoni li mhumiex moqdijin tajjeb	Mira	L-ikkompletar ta' networks ta' kapaċità għolja ħafna f'żoni li mhumiex moqdijin tajjeb
228	C4.2R2 Id-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika ġdida tal-cloud fir-rigward tas-sistemi u s-servizzi tal-IT tal-gvern	Mira	Ċentri tad-*data* operattivi u li joffru servizzi tal-cloud
230	C4.2R3 Proċeduri tal-pulizija diġitalizzazzjoni dwar id-Digipol	Mira	Iċ-Ċittadini jużaw Digipol
235	C4.2I1 Id-diġitalizzazzjoni f'diversi Ministeri/Servizzi tal-Gvern Ċentrali	Mira	Il-finalizzazzjoni tal-aġġornament diġitali ta' għadd ta' ministeri u dipartimenti tal-gvern ċentrali

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
238	C4.2I2 Id-diġitalizzazzjoni tal-Awtorità Ċiprijotta tal-Portijiet	Mira	Il-finalizzazzjoni tal-aġġornament diġitali tal-Awtorità Ċiprijotta tal-Portijiet
240	C5.1R1 L-indirizzar tan-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet bejn l-edukazzjoni u s-suq tax-xogħol (Edukazzjoni Sekondarja u Għolja)	Mira	It-taħriġ ta' persunal tat-tagħlim tal-edukazzjoni sekondarja
242	C5.1R2 Sistema ġdida ta' evalwazzjoni ta' għalliem u skola	Mira	It-taħriġ tal-persunal tat-tagħlim
250	C5.1R5 Pjan ta' Azzjoni dwar il-Ħiliet Elettroniċi — Implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi	Stadju importanti	L-implimentazzjoni ta' miżuri ewlenin mill-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Ħiliet Elettroniċi
254	C5.1I2 Ħiliet, Taħriġ mill-ġdid u Titjib tal-Ħiliet	Mira	L-ikkompletar tat-taħriġ għal mill-inqas 25 600 parteċipant
256	C5.2R2 Arranġamenti ta' Xogħol Flessibbli fil-Forma ta' Telexogħol	Mira	Għotja mogħtija għal mill-inqas 400 persuna fit-telexogħol
259	C5.2I1 It-titjib tal-effettività tad-Dipartiment tax-Xogħol u s-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi u t-tisħiħ tal-appoġġ għaż-żgħażagħ	Mira	Għotja mogħtija lill-impjegaturi għar-reklutaġġ ta' mill-inqas 600 żagħżugħ u żagħżugħa barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs)
269	C5.2I5 Il-kostruzzjoni ta' Żewġ mudelli ta' Skejjel Edukattivi Speċjali	Stadju importanti	L-ikkompletar tal-kostruzzjoni tal-Apostolos Loukas & Red Cross Special needs school
		Ammont tal-Pagament Parzjali	EUR 68 965 517

1.10. L-Għaxar Pagament Parzjali (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
20	C2.1R1 Tassazzjoni Ekoloġika	Stadju importanti	Rapport ta' valutazzjoni tal-impatt li jkejjel l-effett tar-riforma fuq l-ambjent u l-ekonomija
29	C2.1I2 Il-promozzjoni ta' sorsi rinnovabbli u miżuri individwali ta' effiċjenza fl-enerġija fl-abitazzjonijiet u l-indirizzar tal-faqar enerġetiku f'unitajiet domestiċi b'persuni b'diżabilità	Mira	It-titjib tal-prestazzjoni enerġetika tal-abitazzjonijiet u unitajiet domestiċi b'persuni b'diżabilità
32	C2.1I3 L-inkoraġġiment tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-iffrankar tal-enerġija mill-awtoritajiet lokali/pubbliċi usa' kif ukoll mill-NGOs u l-iffaċilitar tat-tranżizzjoni tal-komunitajiet lokali lejn il-mitigazzjoni u l-adattament tat-tibdil fil-klima	Mira	Investimenti mwettqa minn awtoritajiet lokali jew NGOs li tejbu l-prestazzjoni tal-enerġija tagħhom, u r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima
34	C2.1I4 It-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-industriji, tan-negozji u tal-organizzazzjonijiet	Mira	Aktar tnaqqis tal-emissjonijiet
42	C2.1I7 L-installazzjoni tal-massa u t-tħaddim mill-Operatur tas-Sistema ta' Distribuzzjoni (Distribution System Operator, DSO) tal-Infrastruttura tal-Miters Intelliġenti (Infrastruttura Avvanzata tal-Miters)	Mira	Il-kunsinna u l-installazzjoni ta' miters intelliġenti
58	C2.2I1 L-implimentazzjoni ta' Proġetti ta' Mobilità Urbana Sostenibbli (Sustainable Urban Mobility Project, SUMPs) u miżuri li jtejbu l-aċċessibbiltà	Mira	It-tlestija ta' xogħol ta' kostruzzjoni għal mill-inqas 62 km ta' rotot tat-trasport sostenibbli
59	C2.2I1 L-implimentazzjoni ta' Proġetti ta' Mobilità Urbana Sostenibbli (Sustainable Urban Mobility Project, SUMPs) u miżuri li jtejbu l-aċċessibbiltà	Mira	It-tlestija ta' xogħol ta' kostruzzjoni għal mill-inqas 645 installazzjoni anċillari relatati mat-trasport sostenibbli
68	C2.3I1 Is-sostituzzjoni tal-Conveyor bejn Choirokitia u Famagusta	Mira	L-installazzjoni ta' pipeline ġdid b'tul totali ta' 20 km
73	C2.3I3 Is-Sistema Integrata ta' Monitoraġġ u Ġestjoni tal-Kontroll għall-infrastruttura tad-Dipartiment tal-Iżvilupp tal-Ilma	Stadju importanti	It-tlestija ta' Sistema Integrata ta' Monitoraġġ u Ġestjoni tal-Kontroll tal-Ilma li tiffunzjona bis-sħiħ

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
76	C2.3I4 Il-Ġestjoni tan-Networks tal-Ilma u tad-Drenaġġ Intelliġenti	Mira	Installazzjoni u tħaddim ta' mill-inqas 100 000 miters intelliġenti
83	C2.3I7 L-infrastruttura ta' Nikosija tal-Lvant għall-użu mill-ġdid tal-ilma mormi trattat	Stadju importanti	It-tlestija u t-twassil ta' infrastruttura tat-trattament tal-ilma mormi kompletament operattiva
90	C3.1R3 Titjib ġenetiku tal-popolazzjoni tan-nagħaġ u tal-mogħoż ta' Ċipru	Mira	L-adozzjoni ta' proċessi avvanzati ta' reġistrazzjoni u evalwazzjoni ġenomika, u għażla tal-annimali bl-aħjar prestazzjoni
92	C3.1I1 Il-kostruzzjoni tal-akkwakultura tal-baħar	Stadju importanti	Infrastruttura kollaborattiva operattiva tal-akkwakultura tal-baħar
99	C3.1I6 L-iskema għall-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-intrapriżi involuti fil-manifattura u l-kummerċ ta' prodotti agrikoli	Mira	Għotjiet lill-SMEs impenjati fil-kummerċ u l-produzzjoni ta' prodotti agrikoli
102	C3.1I7 L-iskema għat-titjib tal-kompetittività tal-impriżi l-kbar fis-settur tal-manifattura	Mira	Għotjiet lil impriżi kbar fis-Settur tal-Manifattura
104	C3.1I8 It-tisħiħ tal-valur miżjud tas-settur tat-turiżmu b'enfasi fuq il-kampanja, iż-żoni muntanjużi u remoti	Mira	Għotja lil-lukandi għall-promozzjoni tas-settur tat-turiżmu
106	C3.1I9 Il-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari fl-istabbilimenti tal-lukandi	Mira	Skema ta' kowċing għall-ekonomija ċirkolari
110	C3.1R4 It-tisħiħ tal-ekonomija ċirkolari fl-industrija	Mira	Għajnuna għall-SMEs li qed jidħlu f'mudell operattiv ċirkolari
129	C3.2I2 Programmi ta' finanzjament għall-innovazzjoni għal negozji ġodda, kumpaniji innovattivi u SMEs	Mira	Organizzazzjonijiet appoġġati biex iwettqu attivitajiet relatati mar-RuŻ
131	C3.2I3 Programm ta' finanzjament tal-RuŻ dwar it-tranżizzjoni ekoloġika	Mira	Organizzazzjonijiet appoġġati minn għotjiet fuq attivitajiet ta' tranżizzjoni ekoloġika RuŻ

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
133	C3.2I4 Il-finanzjament għal organizzazzjonijiet li jwettqu attivitajiet ta' RuŻ fuq teknoloġiji doppji	Mira	Finanzjament għall-iżvilupp ta' Laboratorji kklassifikati
148	C3.3I4 Skema għall-aġġornament diġitali tal-impriżi	Mira	L-SMEs appoġġati wara s-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għal pagament.
150	C3.3I5 L-appoġġ għall-estroverżjoni u l-ftuħ tad-ditti Ċiprijotti għall-kummerċ internazzjonali	Mira	Impriżi appoġġati għal attivitajiet ta' estroverżjoni tal-kummerċ
152	C3.3I6 Il-fond ta' ekwità ffinanzjat mill-Istat	Mira	Destinatarji ta' investiment appoġġati permezz tal-Fond
164	C3.4I1 Ir-razzjonalizzazzjoni tas-sistema tax-xiftijiet permezz tal-implimentazzjoni ta' Sistema tal-Ippjanar tar-Roster	Stadju importanti	L-implimentazzjoni ta' Sistema ta' Ppjanar Roster ġdida fl-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku
176	C3.4I5 Il-bliet intelliġenti	Mira	L-iżviluppar ta' applikazzjonijiet mobbli bħala parti mill-inizjattiva ta' bliet intelliġenti
178	C3.4I6 Ir-Riġenerazzjoni u r-Rivitalizzazzjoni tal-Belt ta' Nikosija	Mira	Ir-rinnovazzjoni u l-konverżjoni tal-kmamar f'dormitorji tal-istudenti
179	C3.4I6 Ir-riġenerazzjoni u r-Rivitalizzazzjoni tal-Belt ta' Nikosija	Stadju importanti	Ir-rinnovazzjoni tal-Iskola Faneromeni
182	C3.4R8 L-Effiċjenza tal-Ġustizzja	Mira	It-tnaqqis ulterjuri tal-akkumulazzjoni ta' kawżi u appelli
211	C3.5R10 L-indirizzar tal-Ippjanar Aggressiv tat-Taxxa	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ ta' bidliet leġiżlattivi li jindirizzaw is-sejbiet ta' evalwazzjoni indipendenti dwar l-effettività ta' miżuri relatati mal-ippjanar aggressiv tat-taxxa
223	C4.1I3 Link taħt il-baħar lejn il-Greċja	Mira	L-ikkompletar tal-kostruzzjoni tal-kejbils ta' taħt il-baħar tal-internet

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
226	C4.2R1 Fabbrika tas-Servizzi Diġitali	Mira	L-iskjerament online ta' mill-inqas 150 servizz li qabel ma kinux diġitali lill-pubbliku permezz tal-Fabbrika tas-Servizzi Diġitali
245	C5.1R3 L-estensjoni tal-edukazzjoni preprimarja obbligatorja mingħajr ħlas mill-età ta' erba' snin	Mira	Tfal li jibbenefikaw minn appoġġ għal miżati għat-tagħlim
248	C5.1R4 It-trasformazzjoni diġitali tal-unitajiet tal-iskola bil-għan li jittejbu l-ħiliet u l-ħiliet diġitali relatati mal-edukazzjoni STEM	Mira	Għalliema li jibbenefikaw minn Taħriġ fis-Servizz u Żvilupp Professjonali
252	C5.1I1 Il-kostruzzjoni ta' żewġ Skejjel Tekniċi Mudell	Stadju importanti	L-ikkompletar tal-kostruzzjoni ta' żewġ Skejjel Tekniċi
260	C5.2I1 It-titjib tal-effettività tad-Dipartiment tax-Xogħol u s-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi u t-tisħiħ tal-appoġġ għaż-żgħażagħ	Mira	Ikkowċjar u gwida tal-karriera lil żgħażagħ mhux fl-edukazzjoni, f'impjieg jew f'taħriġ (NEETs)
263	C5.2I2 L-istabbiliment ta' ċentri multifunzjonali u ċentri tal-kura tat-tfal	Mira	Għotja mogħtija lil mill-inqas 27 awtorità lokali/Organizzazzjoni Mhux Governattiva għall-istabbiliment jew it-titjib ta' Ċentri Multifunzjonali jew Ċentri tat-Tfal
265	C5.2I3 L-istabbiliment ta' strutturi tad-djar għat-tfal, adolexxenti b'disturbi ta' kondotta u persuni b'diżabiltà u persuni li jeħtieġu kura fit-tul (LTC, long term care)	Mira	Bini għall-ħtiġijiet tat-tfal jew persuni b'diżabilità u appoġġ għad-djar għat-tfal, adolexxenti b'disturbi ta' kondotta u persuni li jeħtieġu kura fit-tul
		Ammont tal-Pagament Parzjali	EUR 51 923 060

2. Self

Il-pagamenti parzjali msemmija fl-Artikolu 3(2) għandhom jiġu organizzati kif ġej:

2.1. L-Ewwel Pagament Parzjali (appoġġ għas-self):

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
16	C1.1R3 Il-bidla gradwali tal-qafas tal-għoti tal-kura tas-saħħa u tar-rimborż lejn mudelli bbażati fuq il-valur.	Stadju importanti	Ir-riflessjoni tar-rimborż ibbażat fuq il-valur fil-kura primarja u l-kura *in-patient*
49	C2.1I11 It-tmiem tal-iżolament tal-enerġija — Proġett ta' Interess Komuni "Interkonnettur EuroAsia"	Stadju importanti	Il-bidu tax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tal-Istazzjon ta' Konvertitur HVDC f'Kofinou u l-infrastruttura fuq l-art f'Ċipru
153	C3.3I1 Sistema ta' Informazzjoni Integrata għar-Reġistratur tal-Kumpaniji u r-Riċevitur Uffiċjali	Stadju importanti	L-installazzjoni u n-networking tal-hardware u tas-software tas-sistema
270	C5.2R1 Ir-riforma tas-Sistema tal-Assigurazzjoni Soċjali u r-Ristrutturar tas-Servizzi tal-Assigurazzjoni Soċjali	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ tal-Liġi riveduta dwar l-Assigurazzjoni Soċjali
		Ammont tal-Pagament Parzjali	EUR 57 471 264

2.2. It-Tieni Pagament Parzjali (appoġġ għas-self):

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
17	C1.1I5 It-Titjib, il-Modernizzazzjoni u l-Aġġornament tal-Isptarijiet tal-Istat ta' Ċipru	Mira	It-titjib, il-kostruzzjoni u/jew l-aġġornament tal-Isptarijiet tal-Istat
116	C3.1I11 It-titjib u l-estensjoni tan-Network ta' Punti Ħodor ta' Ċipru u l-ħolqien ta' network ta' Punti ta' Ġbir u Rokna għar-Riċiklaġġ	Mira	L-ikkompletar tal-kostruzzjoni, tal-installazzjoni u tal-bidu tat-tħaddim ta' erba' Punti Ekoloġiċi

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
118	C3.1I13 L-istabbiliment tal-Faċilitajiet ta' Ġestjoni tal-Iskart ta' Bhejjem ta' Orounda u l-Faċilitajiet ta' Ġestjoni tal-Prodott mill-Annimali	Stadju importanti	Il-kostruzzjoni ta' faċilitajiet għat-trattament tal-ilma mormi u għall-kokompostjar
		Ammont tal-Pagament Parzjali	EUR 57 471 264

2.3. It-Tielet Pagament Parzjali (appoġġ għas-self):

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
50	C2.1I11 It-tmiem tal-iżolament tal-enerġija — Proġett ta' Interess Komuni "Interkonnettur EuroAsia"	Stadju importanti	It-tlestija tal-kostruzzjoni tal-istazzjon tal-konvertitur
		Ammont tal-Pagament Parzjali	EUR 40 229 885

2.4. Ir-Raba' Pagament Parzjali (appoġġ għas-self):

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
18	C1.1I5 It-Titjib, il-Modernizzazzjoni u l-Aġġornament tal-Isptarijiet tal-Istat ta' Ċipru	Mira	It-titjib, il-kostruzzjoni u/jew l-aġġornament tal-Isptarijiet tal-Istat
51	C2.1I11 It-tmiem tal-iżolament tal-enerġija — Proġett ta' Interess Komuni "Interkonnettur EuroAsia"	Stadju importanti	It-tlestija u l-bidu sħiħ tal-operazzjonijiet tal-faċilità tal-interkonnessjoni tal-elettriku bejn Ċipru u Kreta (il-Greċja)
117	C3.1I11 It-titjib u l-estensjoni tan-Network ta' Punti Ħodor ta' Ċipru u l-ħolqien ta' network ta' Punti ta' Ġbir u Rokna għar-Riċiklaġġ	Mira	L-ikkompletar tal-kostruzzjoni, tal-espansjoni u tal-bidu tat-tħaddim ta' 14-il Punt Ekoloġiku

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
119	C3.1I13 L-istabbiliment tal-Faċilitajiet ta' Ġestjoni tal-Iskart ta' Bhejjem ta' Orounda u l-Faċilitajiet ta' Ġestjoni tal-Prodott mill-Annimali	Stadju importanti	It-tlestija u bidu tat-tħaddim tal-faċilitajiet ta' Diġestjoni Anaerobika
154	C3.3I1 Sistema ta' Informazzjoni Integrata għar-Reġistratur tal-Kumpaniji u r-Riċevitur Uffiċjali	Mira	Taħriġ tal-persunal
190	C3.4I9 Skema ta' Għajnuna għas-settur privat u pubbliku għaċ-ċertifikazzjoni bl-ISO 37001 (Kontra t-Tixħim)	Mira	ISO 37001 sistemi ta' ġestjoni kontra t-tixħim
271	C5.2R1 Ir-riforma tas-Sistema tal-Assigurazzjoni Soċjali u r-Ristrutturar tas-Servizzi tal-Assigurazzjoni Soċjali	Stadju importanti	L-ikkompletar tas-Sistema tas-Sigurtà Soċjali diġitali integrata l-ġdida
		Ammont tal-Pagament Parzjali	EUR 45 147 587

TAQSIMA 3: ARRANĠAMENTI ADDIZZJONALI

1. Arranġamenti għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza

Il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Ċipru ġew stabbiliti fid-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri tal-14 ta' Mejju 2021, li approvat il-pjan. Dawn għandhom isiru skont l-arranġamenti li ġejjin:

- Il-Kumitat ta' Monitoraġġ, ippresedut mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Programmi, il-Koordinazzjoni u l-Iżvilupp Ewropej u li għalih jattendu d-Diretturi Ġenerali tal-Ministeri u d-Deputati Ministri involuti fil-pjan, għandu jkun responsabbli għall-monitoraġġ ċentrali tal-progress fl-implimentazzjoni, ir-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet u r-rispons għar-riskji [fl-ogħla livell tekniku]. Għandu jiltaqa' mill-inqas qabel kull sottomissjoni lill-Kummissjoni ta' talbiet għal ħlas u rapporti ta' progress previsti taħt ir-Regolament (UE) 2021/241. Hija tista' toqgħod fuq ir-rappurtar u appoġġ ieħor mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni.

- L-awtorità ta' Koordinazzjoni, li hija d-Direttorat għall-Irkupru u r-Reżiljenza tad-Direttorat Ġenerali għall-Programmi, il-Koordinazzjoni u l-Iżvilupp Ewropej, għandha tkun responsabbli għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza fil-livell operazzjonali. B'mod speċifiku, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni hija responsabbli għall-monitoraġġ, il-verifika u ċ-ċertifikazzjoni tal-kisba tal-istadji importanti u l-miri tal-miżuri tal-pjan u għall-iżgurar tal-preżentazzjoni f'waqtha tal-informazzjoni kollha deskritta fl-Artikolu 22(2), il-punt (d) tar-Regolament (UE) 2021/241. Fit-twettiq tal-funzjonijiet ta' monitoraġġ tagħha, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni hija assistita minn żewġ Korpi ta' Monitoraġġ speċjalizzati maħtura għal miżuri speċifiċi tal-pjan.

- Il-koordinatur Nazzjonali għall-Kontroll u l-Verifika għall-implimentazzjoni tal-pjan, li huwa d-Direttorat għall-Verifiki u ċ-Ċertifikazzjoni tat-Teżor tar-Repubblika ta' Ċipru, għandu jkun responsabbli biex jappoġġa lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni fis-sorveljanza tal-kontrolli mill-partijiet interessati kollha, inklużi l-Korpi ta' Implimentazzjoni, skont is-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-pjan u l-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE. F'dak ir-rigward, għandu jimmonitorja wkoll l-istatus tas-sejbiet tal-awditi ex post, filwaqt li jaġixxi bħala l-korp intermedju bejn l-Awtorità ta' Koordinazzjoni u s-Servizz tal-Awditjar Intern tar-Repubblika ta' Ċipru u l-Uffiċċju tal-Awditjar tar-Repubblika ta' Ċipru (flimkien, "il-korpi tal-awditjar"). Il-koordinatur Nazzjonali għall-Kontroll u l-Awditjar ma għandux ikun involut fl-ippjanar u l-eżekuzzjoni tal-awditi, li jaqgħu fir-responsabbiltà unika tal-korpi tal-awditjar. Hija għandha tiġġestixxi u tipproċessa l-informazzjoni kollha deskritta fl-Artikolu 22(2), il-punt (d) tar-Regolament (UE) 2021/241, miġbura mill-Korpi Implimentattivi. F'dan ir-rigward, hija għandha r-responsabbiltà li tissorvelja t-trattament ta' irregolaritajiet serji, jiġifieri frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess u tiżgura li jiġi evitat finanzjament doppju kemm permezz tal-kontrolli tal-informazzjoni ppreżentata mill-Korpi ta' Implimentazzjoni.

- Il-korpi Implimentattivi għandu jkollhom ir-responsabbiltà ewlenija li jipprevjenu, jidentifikaw, jirrappurtaw u jikkoreġu kunflitti ta' interess, korruzzjoni u frodi, u jevitaw finanzjament doppju. Għal dak il-għan, huma għandhom iwettqu kontrolli u verifiki tal-ewwel livell tal-aspett fiżiku u finanzjarju tal-miżuri taħt ir-responsabbiltà tagħhom u jaġġornaw regolarment l-

Awtorità ta' Koordinazzjoni u l-Korpi ta' Monitoraġġ speċjalizzati, fejn rilevanti, fir-rigward tal-progress fil-kisba tal-istadji importanti u l-miri tal-miżuri taħt ir-responsabbiltà tagħhom u billi jipprovdu d-dokumentazzjoni ta' appoġġ kollha meħtieġa.

- Is-servizz tal-Awditjar Intern tar-Repubblika ta' Ċipru huwa responsabbli għat-twettiq ta' awditi interni ex post fi kwalunkwe korp tal-gvern ċentrali inkluż l-awditu tal-kisba tal-istadji importanti u l-miri tal-pjan, permezz ta' metodu xieraq ta' kampjunar. L-Uffiċċju tal-Awditjar tar-Repubblika ta' Ċipru huwa responsabbli għat-twettiq ta' awditi esterni ex post (u f'xi każijiet f'ħin reali) għal proġetti implimentati taħt il-baġit nazzjonali permezz ta' metodu xieraq ta' teħid ta' kampjuni li jikkonforma mal-istandards tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (INTOSAI) . Għandu jiġi żgurat li l-kampjun magħżul neċessarjament jinkludi għadd suffiċjenti ta' miżuri implimentati permezz tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.
- L-awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tkun il-korp li jfassal it-talbiet għall-ħlas lill-Kummissjoni Ewropea. L-awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tiġi appoġġata mill-Koordinatur Nazzjonali tal-Kontroll u l-Awditjar fil-ġbir tar-riżultati tal-proċeduri tal-awditjar imwettqa mill-korpi tal-awditjar (inkluż is-Servizz tal-Awditjar Intern u l-Uffiċċju tal-Awditjar), kif ukoll il-każijiet kollha ta' irregolaritajiet serji, inklużi każijiet ta' frodi jew suspett ta' frodi, korruzzjoni u kunflitti ta' interess, li għandhom jikkontribwixxu għas-sommarju tal-awditi, li jakkumpanja l-applikazzjonijiet għall-pagament.

2. Arranġamenti għall-għoti ta' aċċess sħiħ mill-Kummissjoni għad-*data* sottostanti

Għandha tintuża Sistema ta' Informazzjoni ta' Monitoraġġ (MIS) apposta mid-Direttorat għall-Irkupru u r-Reżiljenza tad-Direttorat Ġenerali għall-Programmi, il-Koordinazzjoni u l-Iżvilupp Ewropej għall-implimentazzjoni tal-pjan. Il-funzjonalitajiet ewlenin tiegħu, jew sistema repożitorja kontinġenti bil-funzjonalitajiet meħtieġa, għandhom ikunu fis-seħħ b'ċertifikazzjoni minn rapport ta' awditru sal-31 ta' Marzu 2022. F'termini tal-funzjonalitajiet meħtieġa, sistema repożitorja għandha tirreġistra u taħżen id-*data* rilevanti relatata mal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, b'mod partikolari dwar il-kisba tal-istadji importanti u l-miri, id-*data* dwar ir-riċevituri finali, il-kuntratturi, is-sottokuntratturi u s-sidien benefiċjarji f'konformità mal-Artikolu 22(2), il-punt (d), it-taqsimiet (i) sa (iii) tar-Regolament (UE) 2021/241, sal-ewwel talba għall-pagament.

F'konformità mal-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, malli jitlestew l-istadji importanti u l-miri rilevanti maqbula fit-Taqsima 1 ta' dan l-Anness, Ċipru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni talba debitament ġustifikata għall-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja u tas-self. Ċipru jiżgura li, fuq talba, il-Kummissjoni jkollha aċċess sħiħ għad-*data* sottostanti rilevanti li tappoġġa l-ġustifikazzjoni dovuta tat-talba għal pagament, kemm għall-valutazzjoni tat-talba għal pagament f'konformità mal-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 kif ukoll għal finijiet ta' awditjar u kontroll.